



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1009 tas-17 ta' Lulju 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1010 tat-13 ta' Lulju 2018 li japprova emenda mhux minuri fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Radicchio Variegato di Castelfranco" (IĠP))** 3
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1011 tas-17 ta' Lulju 2018 li jawtorizza estensjoni tal-użu tal-faqiegh ittrattat bir-raġġi UV bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ⁽¹⁾** 4
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1012 tas-17 ta' Lulju 2018 li jimponi dazju antidumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' roti elettriċi li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/671** 7
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1013 tas-17 ta' Lulju 2018 li jimponi miżuri proviżorji ta' salvagwardja fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar** 39

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2018/1014 tat-13 ta' Lulju 2018 li taħtar membru, proposit mir-Repubblika tal-Awstrija, fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew** 84
- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1015 tat-13 ta' Lulju 2018 li taħtar żewġ membri u tliet membri supplenti, proposti mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu, fil-Kumitat tar-Reġjuni** 85

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1016 tas-17 ta' Lulju 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea	86
--	----

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/1009

tas-17 ta' Lulju 2018

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 tat-30 ta' Awwissu 2017 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 47(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-30 ta' Awwissu 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/1509.
- (2) Fid-9 ta' Lulju 2018, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("KSNU") stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 1718 (2006) tal-KSNU emenda l-elekar ta' individwu u ta' entità soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness XIII għar-Regolament (UE) 2017/1509 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness XIII għar-Regolament (UE) 2017/1509 huwa emendat kif indikat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Lulju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

G. BLÜMEL

⁽¹⁾ ĠUL 224, 31.8.2017, p. 1.

ANNEX

1. Fl-Anness XIII għar-Regolament (UE) 2017/1509, l-entrata 4 taħt l-intestatura “(a) Persuni fiżiċi” hija sostitwita b’dan li ġej:

“4.	Ri Hong-sop		1940	16.7.2009	Ex-direttur ta’ Yongbyon Nuclear Research Centre, u Kap tan-Nuclear Weapons Institute, ħa ħsieb tliet faċilitajiet prinċipali li jassistu fil-produzzjoni ta’ plutonju adattat għall-armi: il-Faċilità għall-Fabbrikazzjoni tal-Karburant, ir-Reattur Nukleari u l-Impjant tar-Riproċessar.”
-----	-------------	--	------	-----------	--

2. Fl-Anness XIII għar-Regolament (UE) 2017/1509, l-entrata 28 taħt l-intestatura “(b) Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi” hija sostitwita b’dan li ġej:

“28.	Munitions Industry Department	Military Supplies Industry Department	Pyongyang, RDPK	2.3.2016	Il-Munitions Industry Department huwa involut f’aspetti ewlenin tal-programm ta’ missili tar-RDPK. L-MID huwa responsabbli għas-sorveljanza tal-iżvilupp tal-missili ballistiċi tar-RDPK, inkluż it-Taepo Dong-2. L-MID jissorvelja l-programmi tal-produzzjoni tal-armi u ta’ R&Z tar-RDPK, inkluż il-programm tal-missili ballistiċi tar-RDPK. It-Tieni Kumitat Ekonomiku u t-Tieni Akkademja ta’ Xjenzi Naturali — deżinjati wkoll f’Awwissu 2010 — huma subordinati għad-DIM. Fis-snin reċenti d-DIM ħadem biex jiżviluppa l-KN08 road-mobile ICBM. Id-DIM jissorvelja l-programm nukleari tar-RDPK. In-Nuclear Weapons Institute huwa subordinat għad-DIM.”
------	-------------------------------	---------------------------------------	-----------------	----------	--

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1010**tat-13 ta' Lulju 2018****li japprova emenda mhux minuri fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Radicchio Variegato di Castelfranco" (IĠP))**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni tal-Italja għall-approvazzjoni ta' emenda fl-Ispesifikazzjoni tal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta "Radicchio Variegato di Castelfranco", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1263/96 ⁽²⁾ kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 783/2008 ⁽³⁾.
- (2) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri skont it-tifsira tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat talba għal emenda, permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 50(2)(a) tal-istess Regolament, f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽⁴⁾.
- (3) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u għalhekk jenħtieġ li l-emenda tal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emenda tal-ispesifikazzjoni tal-prodott ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, li tikkonċerna d-denominazzjoni "Radicchio Variegato di Castelfranco" (IĠP) hija b'dan approvata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2018.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Phil HOGAN

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1263/96 tal-1 ta' Lulju 1996 li jissupplimenta l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1107/96 dwar ir-reġistrazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92 (ĠU L 163 tat- 2.7.1996, p. 19).⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 783/2008 tal-5 ta' Awwissu 2008 li japprova emendi mhux minuri fl-ispesifikazzjoni ta' isem imniżżel fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Radicchio Variegato di Castelfranco (IĠP)] (ĠU L 209, 6.8.2008, p. 5).⁽⁴⁾ ĠU C 51, 10.2.2018, p. 8.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1011**tas-17 ta' Lulju 2018****li jawtorizza estensjoni tal-użu tal-faqiegh ittrattat bir-raġġi UV bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li huwa biss l-ikel ġdid awtorizzat u inkluż fil-lista tal-Unjoni li jista' jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni.
- (2) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ġie adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ⁽²⁾, li jistabbilixxi lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid awtorizzat.
- (3) Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2015/2283, il-Kummissjoni trid tiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-Unjoni ta' ikel ġdid, kif ukoll dwar l-aġġornament tal-lista tal-Unjoni.
- (4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2355 ⁽³⁾ awtorizzat, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾, it-tqegħid fis-suq tal-faqiegh ittrattat bir-raġġi UV bħala ikel ġdid.
- (5) Fit-23 ta' Lulju 2015, il-kumpaniji Banken Champignons Group B.V. u J.K. Holding B.V. għamlu talba lill-awtoritajiet kompetenti tan-Netherlands biex iqiegħdu l-faqiegh ittrattat bir-raġġi UV (*Agaricus bisporus*) b'livelli miżjuda ta' Vitamina D₂ fis-suq tal-Unjoni bħala ikel ġdid skont it-tifsira tal-punt (f) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 258/97.
- (6) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 dik l-awtorizzazzjoni saret ġenerika f'Jannar tal-2018. Billi l-applikazzjoni ta' din il-kumpanija tikkonċerna l-faqiegh b'kontenut oġhla ta' vitamina D₂, jenħtieġ li dan ir-Regolament jitqies bħala awtorizzazzjoni għall-estensjoni tal-użu.
- (7) Skont l-Artikolu 35(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283, kull talba biex ikel ġdid jitqiegħed fis-suq tal-Unjoni, imressqa lil Stat Membru skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 258/97, u li dwarha ma tkunx ittieħdet deċiżjoni aħharja qabel l-1 ta' Jannar 2018, għandha tiġi ttrattata bħala applikazzjoni mressqa skont ir-Regolament (UE) 2015/2283.
- (8) Filwaqt li t-talba għat-tqegħid tal-faqiegh ittrattat bir-radjażzjoni UV (*Agaricus bisporus*) b'livelli miżjuda ta' vitamina D₂ fis-suq bħala ikel ġdid fl-Unjoni ġiet ippreżentata lil Stat Membru skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 258/97, l-applikazzjoni tissodisfa wkoll ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2015/2283.
- (9) Fl-20 ta' Settembru 2017, l-awtorità kompetenti tan-Netherlands ħarġet l-ewwel rapport ta' valutazzjoni tagħha. F'dak ir-rapport waslet għall-konklużjoni li l-faqiegh ittrattat bir-raġġi UV (*Agaricus bisporus*) b'livelli miżjuda tal-Vitamina D₂ jissodisfa l-kriterji għal ikel ġdid stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97.

⁽¹⁾ ĠUL 327, 11.12.2015, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jstabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠUL 351, 30.12.2017, p. 72).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2355 tal-14 ta' Diċembru 2017 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-faqiegh ittrattat bir-raġġi UV bħala ingredjent tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠUL 336, 16.12.2017, p. 52).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti ġodda tal-ikel (ĠUL 43, 14.2.1997, p. 1).

- (10) Fil-5 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni għaddiet l-ewwel rapport ta' valutazzjoni lill-Istati Membri l-oħra. L-Istati Membri l-oħra bagħtu l-osservazzjonijiet tagħhom fi żmien il-perjodu ta' 60 jum stipulat fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 258/97 fir-rigward li jiġi żgurat li l-livelli tollerabbli tal-ogħla konsum tal-vitamina D stabbiliti mill-EFSA ⁽¹⁾ ma jinqabżux.
- (11) Fid-dawl tal-kummenti li għamlu l-Istati Membri l-oħra, l-applikant ippreżenta spjegazzjonijiet addizzjonali li kkalmau dan it-tfassil għas-sodisfazzjon tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni.
- (12) Dawn l-ispejgazzjonijiet jagħtu biżżejjed raġunijiet biex jiġi stabbilit li l-faqqiegħ ittrattat bir-radżazzjoni UV (*Agaricus bisporus*) b'livelli miżjuda ta' vitamina D₂ fil-livelli tal-użu proposti, jikkonforma mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283.
- (13) Il-punt 1 tal-Parti A tal-Anness VI tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ jistipula li l-isem tal-ikel jinkludi jew ikun ikkumpanjat mid-dettalji dwar it-trattament speċifiku li jkun għadda minnu, fil-każijiet kollha fejn l-ommissjoni ta' informazzjoni bħal din tista' tqarraq bil-konsumaturi. Billi l-konsumaturi normalment ma jistennewx li l-faqqiegħ jiġi ttrattat bit-trattamenti tal-UV, l-isem ta' dan l-ikel għandu jinkludi jew jiġi akkumpanjat b'informazzjoni bħal din sabiex jiġi evitat li l-konsumaturi jiġu żgwidati.
- (14) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-entrata fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat kif previst fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, li tirreferi għall-faqqiegħ ittrattat bir-radżazzjoni UV, għandha tiġi emendata kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
2. L-entrata fil-lista tal-Unjoni msemmija fl-ewwel paragrafu għandha tinkludi l-kundizzjonijiet għall-użu u r-rekwiżiti tat-tikkettar stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Lulju 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

⁽¹⁾ EFSA Journal 2012;10(7):2813

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18).

ANNEX

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat kif ġej:

(1) L-entrata għal "faqqiegħ ittrattat bir-radjazzjoni UV (*Agaricus bisporus*)" fit-Tabella 1 (L-ikel il-ġdid awtorizzat) hija sostitwita b'li ġej:

L-ikel il-ġdid awtorizzat	Il-kundizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-ikel il-ġdid		Rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi oħrajn	Rekwiżiti oħrajn
"Faqqiegħ ittrattat bil-UV (<i>Agaricus bisporus</i>)"	<i>Il-kategorija tal-ikel speċifikat</i>	<i>Livelli massimi ta' vitamina D₂</i>	1. Id-denominazzjoni fuq it-tikketta tal-ikel il-ġdid li jinbiegħ tali kwali jew fuq it-tikketta tal-oġġetti tal-ikel li fihom minn dan l-ikel għandu jkun 'Faqqiegħ ittrattat bil-UV (<i>Agaricus bisporus</i>)'. 2. Id-denominazzjoni tal-ikel il-ġdid fuq it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom minn dan l-ikel għandu jkollha magħha indikazzjoni li 'Intuża trattament ħafif ikkontrollat biex jiżdiedu l-livelli tal-vitamina D' jew 'Intuża trattament bil-UV biex iżid il-livelli tal-vitamina D ₂ .'	
	Faqqiegħ (<i>Agaricus bisporus</i>)	20 µg ta' vitamina D ₂ /100 g fil-piż frisk		

(2) L-entrata għal "faqqiegħ ittrattat bir-radjazzjoni UV (*Agaricus bisporus*)" fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet) huwa sostitwit b'dan li ġej:

L-ikel il-Ġdid awtorizzat	Speċifikazzjoni
"Faqqiegħ ittrattat bil-UV (<i>Agaricus bisporus</i>)"	<p>Deskrizzjoni/Definizzjoni: L-<i>Agaricus bisporus</i> imkabbar kummerċjalment li jiġi ttrattat bid-dawl UV meta jinħasad. Ir-radjazzjoni UV: proċess ta' radjazzjoni bid-dawl ultravjola fil-frekwenza ta' 200-800 nm.</p> <p>Il-vitamina D₂: Isem kimiku: (3β,5Z,7E,22E)-9,10-sekoergosta-5,7,10(19),22-tetraen-3-ol Sinonimu: Ergokalċiferol Nru tas-CAS: 50-14-6 Piż molekulari: 396,65 g/mol</p> <p>Kontenut: Vitamina D₂ fil-prodott finali: 5-20 µg/100 g piż frisk mal-iskadenza ħajja tal-prodott fuq l-ixkaffa."</p>

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1012**tas-17 ta' Lulju 2018****li jimponi dazju antidumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' roti elettriċi li joriġinaw fir-
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/671**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾ "ir-Regolament bażiku", u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Istati Membri,

Billi:

1. PROCĊURA**1.1. Bidu**

- (1) Fl-20 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") tat bidu għal investigazzjoni antidumping fir-rigward ta' importazzjonijiet fl-Unjoni ta' roti, b'assistenza ta' pedali, b'mutur elettriku awżiljarju ("roti elettriċi"), li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ") abbażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku.
- (2) Il-Kummissjoni ppubblikat Notifika ta' Bidu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾ ("in-Notifika ta' Bidu").
- (3) Il-Kummissjoni tat bidu għall-investigazzjoni wara lment li ġie ppreżentat fit-8 ta' Settembru 2017 mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tar-Roti ("l-ilmentatur" jew l-"EBMA"). L-ilmentatur jirrappreżenta aktar minn 25 % tar-roti elettriċi kollha prodotti fl-Unjoni. L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u ta' dannu materjali riżultanti, u dan kien biżżejjed biex jiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.
- (4) Fil-21 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni tat bidu għal investigazzjoni antisussidji fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' roti elettriċi li joriġinaw mir-RPĊ, u bdiet investigazzjoni separata. Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽³⁾.

1.2. Reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet

- (5) Fil-31 ta' Jannar 2018, l-ilmentatur ippreżenta talba għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet ta' roti elettriċi mir-RPĊ, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku. Fit-3 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ppubblikat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/671 (ir-"Regolament dwar ir-reġistrazzjoni") ⁽⁴⁾ li jagħmel l-importazzjonijiet ta' roti elettriċi mir-RPĊ suġġetti għal reġistrazzjoni mill-4 ta' Mejju 2018 'il quddiem.
- (6) B'rispons għat-talba għal reġistrazzjoni, il-partijiet interessati ppreżentaw kummenti li ġew indirizzati fir-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni. Il-Kummissjoni tikkonferma li l-ilmentaturi ppreżentaw biżżejjed evidenza li tiġġustifika l-ħtieġa li l-importazzjonijiet jiġu rreġistrati. L-importazzjonijiet u l-ishma mis-suq mir-RPĊ kienu żdiedu bil-qawwa. Għalhekk, il-kummenti ġew rifjutati.

1.3. Perjodu ta' investigazzjoni u perjodu kkunsidrat

- (7) L-investigazzjoni tad-dumping u d-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2016 sat-30 ta' Settembru 2017 ("il-perjodu ta' investigazzjoni"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sa tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni ("il-perjodu kunsidrat").

⁽¹⁾ ĠUL 176, 30.6.2016, p. 21.⁽²⁾ ĠU C 353, 20.10.2017, p. 19.⁽³⁾ ĠU C 440, 21.12.2017, p. 22.⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/671 tat-2 ta' Mejju 2018 li jagħmel importazzjonijiet ta' roti elettriċi li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina suġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠUL 113, 3.5.2018, p. 4).

1.4. Partijiet interessati

- (8) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni infurmat speċifikament lill-ilmentaturi, lil produtturi tal-Unjoni oħra magħrufa, lill-produtturi esportaturi magħrufa u lill-awtoritajiet tar-RPĊ, kif ukoll lill-importaturi magħrufa dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom jipparteċipaw.
- (9) Il-partijiet interessati kellhom opportunità jikkumentaw dwar il-bidu tal-investigazzjonijiet u jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.
- (10) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati li, proviżorjament, hija kienet għażlet lill-livizzera bħala pajjiż terz b'ekonomija tas-suq ("pajjiż analogu") skont it-tifsira tal-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku. Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità jikkumentaw u jitolbu seduta mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.
- (11) Xi wħud mill-partijiet interessati li appoġġaw l-ilment talbu trattament kunfidenzjali tal-identitajiet tagħhom minħabba f'biża' ta' ritaljazzjoni, billi huma jixtru ċerti partijiet tar-roti elettriċi tagħhom fir-RPĊ. Il-Kummissjoni laqgħet it-talbiet tagħhom wara valutazzjoni ta' dawn l-argumenti.
- (12) Il-Kamra tal-Kummerċ Ċiniża għall-Importazzjoni u l-Esportazzjoni ta' Makkinarju u Prodotti Elettroniċi ("CCCME"), u l-Kollektiva tal-Importaturi Ewropej ta' Roti Elettriċi ("CEIEB"), li t-tnejn li huma rrappreżentaw bosta partijiet interessati, ippreżentaw xi kummenti wara l-bidu tal-proċediment.
- (13) Is-CCCME ppreżentat l-argument li r-raġunijiet li għalihom il-Kummissjoni tat trattament kunfidenzjali lill-identità ta' xi wħud mill-partijiet interessati li appoġġaw l-ilment kienu kemm insuffiċjenti kif ukoll mingħajr bażi. Skont is-CCCME, xi wħud mill-membri tal-Industrija tal-Unjoni jimportaw roti elettriċi kompluti mir-RPĊ u għalhekk, fid-dawl tal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament bażiku, jistgħu jiġu preklużi milli jitqiesu bħala membri tal-Industrija tal-Unjoni. Is-CCCME għadet l-attenzjoni għall-fatt li t-trattament kunfidenzjali tal-identità ta' xi wħud mill-partijiet interessati jipprekludi lill-produtturi esportaturi milli jeżaminaw ir-rappreżentattività f'dan il-każ b'mod xieraq.
- (14) B'mod simili, is-CEIEB ippreżentat l-argument li l-ilment la jinkludi lista tal-produtturi tal-Unjoni magħrufa kollha tal-prodott simili, u lanqas il-volum u l-valur prodott minn dawn il-produtturi. Il-Kummissjoni ma laqgħetx dan l-argument. L-ilment kien jinkludi lista ta' produtturi magħrufa fl-Unjoni⁽¹⁾, kif ukoll il-volum totali tal-produzzjoni tagħhom⁽²⁾. Is-CEIEB b'dan il-mod, kienet f'pożizzjoni li tevalwa l-lista ta' produtturi magħrufin tal-Unjoni tal-prodott simili.
- (15) Din l-informazzjoni ppermettiet lis-CEIEB li tidentifika li żewġ kumpaniji elenkati bħala produtturi tal-Unjoni qed jimportaw ukoll il-prodott li qed jiġi investigat mill-pajjiż ikkonċernat. Għalhekk, huwa ċar li s-CEIEB setgħet teżerċita bis-shif id-drittijiet tad-difiża tagħha f'dan ir-rigward. Għalhekk it-talbiet ma ntlagħhux.
- (16) Barra minn hekk, is-CCCME ppreżentat l-argument li l-ilment ma kienx jinkludi l-livell meħtieġ ta' biżżejjed evidenza biex jirriżulta fit-tnedija ta' investigazzjoni. Is-CCCME tat erba' raġunijiet għal dan.
- (17) L-ewwel nett, id-*data* dwar l-importazzjoni bbażata fuq l-istatistika dwar l-esportazzjoni Ċiniża, li nkisbet mingħand id-dwana Ċiniża, flimkien mal-aġġustamenti li sarulha biex jiġi ffiltrat il-prodott li huwa suġġett għal din l-investigazzjoni, ma għandhiex tinżamm kunfidenzjali u s-sors tagħha għandu jiġi eżaminat kif xieraq mill-Kummissjoni.
- (18) It-tieni, ċerta informazzjoni inkluża fl-ilment, bħal pereżempju l-kapaċità eċċessiva allegata fis-settur rilevanti fir-RPĊ, hija qarrieqa billi mhijiex relatata biss mas-settur tar-roti elettriċi iżda minflok ma' dak tar-roti elettriċi u r-roti konvenzjonali flimkien. B'mod simili, il-valur tas-suq tar-roti elettriċi tal-Unjoni jkun stmat b'mod eċċessiv, billi jkopri l-vetturi elettriċi ħfief kollha u mhux ir-roti elettriċi biss.
- (19) It-tielet, it-talbiet għas-sussidjar li saru fl-ilment ma għandhomx bażi u jisthoqqlhom l-investigazzjoni antisussidji proprja tagħhom.

⁽¹⁾ L-ilment, l-Anness 10.

⁽²⁾ L-ilment, l-Anness 9.

- (20) Ir-raba'skont is-CCCME, l-ilment għamel sensiela ta' sqarrijiet mhux iġġustifikati li jikkawżaw dannu lill-industrija tar-roti elettriċi fir-RPĊ, waqt li jallega li huma l-produtturi tal-Unjoni li jixprunaw l-innovazzjoni f'dan in-negozju u li l-produtturi Ċiniżi sempliċiment qed jirreplikaw l-istatus quo tat-teknoloġija tar-roti elettriċi żviluppata fl-Unjoni.
- (21) Il-Kummissjoni eżaminat l-ilment skont l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku, u wasslet għall-konklużjoni li r-rekwiżiti għall-bidu ta' investigazzjoni ġew issodisfati, jiġifieri li l-adeqgatezza u l-preċiżjoni tal-evidenza preżentata mill-ilmentatur kienu suffiċjenti. Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku, ilment għandu jinkludi dik l-informazzjoni li b'mod raġonevoli tkun disponibbli għall-ilmentatur fuq il-fatturi indikati fih. Fuq il-bażi tal-evidenza pprovduta, il-Kummissjoni qieset li din il-kundizzjoni kienet issodisfata.
- (22) Rigward l-argument tad-*data* tal-importazzjonijiet Ċiniżi, il-Kummissjoni tirreferi għat-taqsim 3.2 tar-Regolament ta' reġistrazzjoni u għat-taqsim 4.3 ta' dan ir-Regolament, fejn dan l-argument huwa indirizzat biżżejjed.
- (23) Rigward l-argument dwar il-kapaċità żejda, huwa tabilħaqq rilevanti li jiġu eżaminati l-kapaċitajiet żejda għat-taqsim tar-roti elettriċi u r-roti konvenzjonali flimkien, billi l-kapaċità ta' produzzjoni għar-roti konvenzjonali tista' tiġi kkonvertita froti elettriċi bi spiża baxxa u bi fitit sforz (ara l-premessa (172)), u teżisti evidenza rreġistrata li dan tabilħaqq isir regolament minn kumpaniji li jipproduċu ż-żewġ prodotti.
- (24) Rigward il-kummenti dwar sussidju allegat fis-suq Ċiniż, il-Kummissjoni tat bidu għal investigazzjoni antisussidji fil-21 ta' Diċembru 2017, fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' roti elettriċi li joriġinaw mir-RPĊ, u bdiet investigazzjoni separata. Din l-investigazzjoni għadha għaddeja.
- (25) Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argumenti tal-innovazzjoni u tar-riproduzzjoni, l-eżattezza tal-allegazzjonijiet imsemmija fil-punt erba' ma kellha l-ebda piż fuq il-valutazzjoni tal-Kummissjoni li fuqha huwa msejjes il-bidu ta' dan il-każ, peress li dawm ma jaqgħux fil-fatturi kkunsidrati għal dan l-għan.
- (26) Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-ilment kien fih evidenza ta' dumping u ta' dannu materjali li rriżulta, li kienet biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

1.5. Kampjunar

- (27) Fin-Notifika ta' Bidu tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li hija tista' tieħu kampjun ta' produtturi esportaturi, ta' produtturi tal-Unjoni u ta' importaturi mhux relatati, f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

1.5.1. Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni

- (28) Fin-Notifika ta' Bidu tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li kienet għażlet proviżorjament kampjun ta' produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun fuq il-bażi tal-volumi ta' bejgħ l-aktar rappreżentattivi tal-prodott simili fil-perjodu tal-investigazzjoni filwaqt li żgurati firxa fit-tipi ta' prodotti u firxa ġeografika.
- (29) Dan il-kampjun kien jikkonsisti f'erba' produtturi tal-Unjoni. Il-produtturi tal-Unjoni kkampjunati kienu responsabbli għal 60 % tal-volum tal-produzzjoni totali u 58 % tal-bejgħ totali tal-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jagħtu l-kummenti tagħhom dwar dan il-kampjun proviżorju.
- (30) L-EBMA saħqet li l-kampjun kien iffukat wisq fuq is-suq Olandiż, u ma kienx iqis b'mod xieraq lill-produtturi Franċiżi.
- (31) Il-Kummissjoni osservat li l-kampjun kien jinkludi l-akbar swieq għall-prodott li qed jiġi investigat, kif ukoll l-akbar produtturi f'termini ta' volum u ta' bejgħ fis-suq tal-Unjoni li setgħu jiġu investigati b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli.
- (32) Il-Kummissjoni osservat ukoll li l-produzzjoni tal-produtturi Franċiżi tirrappreżenta biss parti żgħira mill-produzzjoni ta' roti elettriċi fl-Unjoni. Għalhekk, mhuwiex meħtieġ li jiġi inkludut produttur Franċiż biex tiġi żgurata r-rappreżentattività tal-kampjun.
- (33) Wieħed mill-partijiet interessati suġġerixxa li mal-kampjun jiżdied manifattur Ġermaniż. Madankollu, jidher li l-kumpanija inkwistjoni ma kinitx qed tikkoopera, u għalhekk il-kumment kellu jiġi injorat. Din ma affettwatx ir-rappreżentattività tal-kampjun, peress li l-kampjun kien ikopri 60 % tal-volum tal-produzzjoni, u kien jinkludi manifattur Ġermaniż.
- (34) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonfermat li l-kampjun huwa rappreżentattiv fir-rigward tal-industrija tal-Unjoni.

1.5.2. *Kampjunar tal-importaturi*

- (35) Biex tiddeċiedi jekk it-teħid ta' kampjuni kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-importaturi mhux relatati li jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu.
- (36) Wieħed u għoxrin importatur mhux relatati pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. F'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' ħames importaturi mhux relatati abbażi tal-akbar volum ta' importazzjonijiet fl-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, l-importaturi kollha magħrufa kkonċernati ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun.
- (37) Wieħed mill-partijiet interessati kkummenta li l-kampjun tal-importaturi mhuwiex rappreżentattiv, billi ma jkoprix importaturi mid-Danimarka, mill-Ġermanja, mill-Italja u mir-Renju Unit, u huwa ffukat iżżejjed fuq importaturi li jixtru roti elettriċi għall-bliet.
- (38) Madankollu, l-importaturi li kkooperaw mid-Danimarka, mill-Ġermanja u mir-Renju Unit kienu ħafna iżgħar mill-importaturi kkampjunati, u ma kkoopera l-ebda importatur mill-Italja. Barra minn hekk, l-importaturi kkampjunati importaw firxa wiesgħa ta' prodotti, inklużi roti elettriċi għall-ibliet, roti elettriċi għat-trekking, roti elettriċi għall-isport (electric mountain bicycles) u roti elettriċi li jintwew.
- (39) Il-Kummissjoni tosserva wkoll li l-kampjun kien jinkludi l-akbar volum importat li seta' jiġi investigat b'mod raġonevoli fil-ħin disponibbli.
- (40) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonfermat li l-kampjun huwa rappreżentattiv fir-rigward tal-importaturi li kkooperaw.

1.5.3. *Il-kampjunar tal-produtturi esportaturi fir-RPĊ*

- (41) Sabiex tiddeċiedi jekk it-teħid ta' kampjuni kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi fir-RPĊ sabiex jiprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea sabiex tidentifika u/jew tikkuntattja lil produtturi esportaturi oħrajn, jekk hemm, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.
- (42) Sitta u disgħin produttur esportatur fir-RPĊ ipprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jkunu inklużi fil-kampjun. Wieħed mill-produtturi ma rrapporta ebda esportazzjoni ta' roti elettriċi lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni, u għalhekk ma tqiesx bħala ammissibbli għall-kampjun. Proviżorjament, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' erba' gruppi ta' produtturi li kkooperaw, abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni.
- (43) F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi magħrufa kollha ta' roti elettriċi, kif ukoll l-awtoritajiet tar-RPĊ, ġew ikkonsultati dwar il-kampjun magħżul.
- (44) Tliet produtturi esportaturi mhux kkampjunati li ma kkooperawx ippreżentaw l-argument li huma għandhom jiġu inklużi fil-kampjun, minħabba karatteristiki partikolari allegati fil-produzzjoni jew fil-bejgħ tagħhom, li jagħmilhom distinti mill-produtturi esportaturi kollha jew minn xi wħud minnhom.
- (45) Dawn il-karatteristiċi mhumiex rilevanti mill-perspettiva tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, li fuq il-bażi tiegħu il-kampjun għandu jiġi magħżul. F'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fil-ħin disponibbli. Ebda wieħed mit-tliet produtturi esportaturi mhux kkampjunati ma kkontesta l-fatt li ma kienx jikkwalifika għall-kampjun skont dan il-kriterju, u ebda wieħed minnhom ma ppreżenta l-argument li għadu jinbidel il-kriterju għall-għażla tal-kampjun. Għalhekk, it-tliet talbiet ma ntaqgħux.
- (46) Wara l-iskadenza għar-reazzjonijiet għall-kampjunar, u wara li l-kampjun intgħażel u l-kwestjonarji kienu diġà ntbagħtu, wieħed mill-produtturi esportaturi ppreżenta lill-nifsu u talab li jitqies bħala li qed jikkoopera, billi kien wieġeb fiż-żmien dovut għall-eżerċizzju ta' kampjunar fl-investigazzjoni antisussidji parallela. It-talba ma ntaqgħetx billi l-kumpanija ma ppreżentatx lilha nfisha fiż-żmien dovut fl-investigazzjoni preżenti.

1.6. Eżami individwali

- (47) Sitt produtturi esportaturi mhux ikkampjunati għamli talba formali għal eżami individwali skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku. Tnejn minnhom talbu trattament ta' ekonomija tas-suq, li jippermetti għal żewġ formoli għal talba għal trattament ta' ekonomija tas-suq addizzjonali biex jiġu analizzati u vverifikati. Barra minn hekk, tlieta mill-kumpaniji li formalment talbu eżami individwali huma gruppi ta' kumpaniji b'total ta' sitt negozjanti relatati. It-tweġibiet tagħhom għall-parti rilevanti tal-kwestjonarju dwar l-antidumping ikollhom ukoll jiġu analizzati u vverifikati mit-timijiet tal-każ. L-eżami ta' numru daqshekk kbir ta' talbiet ikun ta' piż kbir wisq u ma jistax jiġi raġjonevolment mistennija matul iż-żmien disponibbli għall-investigazzjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tilqa' l-ebda talba għal eżami individwali.

1.7. Formoli ta' talba għal trattament ta' ekonomija tas-suq ("TES")

- (48) Għall-finijiet tal-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni bagħtet formoli ta' talba għal TES lill-produtturi esportaturi kooperattivi kollha fir-RPĊ magħżula biex ikunu fil-kampjun u lill-produtturi esportaturi kooperattivi li ma kinux kkampjunati li xtaqu japplikaw għal marġni tad-dumping individwali. Wieħed biss mill-gruppi ta' produtturi esportaturi fir-RPĊ li ntgħażlu fil-kampjun ippreżenta formola ta' talba għal TES, u din ġiet iwwalutata mill-Kummissjoni.

1.8. It-tweġibiet għall-kwestjonarju

- (49) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-kumpaniji kollha kkampjunati, lill-produtturi esportaturi kollha li kellhom il-ħsieb jitolbu eżami individwali, u lil 27 produtturi f'pajjiżi analogi potenzjali fl-Awstralja, fil-Ġappun, fil-Messiku, fil-Korea t'Isfel, fl-Iżvizzera, fit-Tajwan, fit-Turkija, fit-Tajlandja u fl-Istati Uniti.
- (50) Il-Kummissjoni rċeviet tweġibiet sħaħ għall-kwestjonarju mill-produtturi kollha tal-Unjoni, mill-importaturi mhux relatati kkampjunati kollha, mill-produtturi esportaturi kkampjunati fir-RPĊ, mill-produtturi esportaturi fir-RPĊ li kienu qed jitolbu eżami individwali, u minn produttur f'pajjiż analogu wieħed mill-Iżvizzera.

1.9. Żjarat ta' verifika

- (51) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset neċessarja għal determinazzjoni proviżorja tad-dumping, id-dannu li jirriżulta u l-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku saru fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni:

- Accell Group (Heerenveen, in-Netherlands),
- Eurosport DHS SA (Deva, ir-Rumanija), u l-kumpanija relatata tagħhom Prophete GmbH & Co. KG (Rheda-Wiedenbrück, il-Ġermanja),
- Derby Cycle Holding GmbH (Cloppenburg, il-Ġermanja);
- Koninklijke Gazelle NV (Dieren, in-Netherlands);

Produtturi esportaturi fir-RPĊ:

- Bodo Vehicle Group Co., Ltd.(Tianjin);
- Giant Electric Vehicle Co. (Kunshan), Ltd; Giant (China) Co.(Kunshan), Ltd. u Giant (Tianjin) Co., Ltd. (Tianjin);
- Jinhua Vision Industry Co., Ltd u Yongkang Hulong Electric Vehicle Co., Ltd. (Jinhua);
- Suzhou Rununion Motivity Co., Ltd. (Suzhou);

Produtturi f'pajjiż analogu:

- Bicycletec AG; (Huttwil, l-Iżvizzera);

Importaturi mhux relatati fl-Unjoni:

- Hartmobile B.V. (Amsterdam, in-Netherlands);
- Stella Fietsen B.V. (Nunspeet, in-Netherlands);

Importaturi relatati fl-Unjoni:

- Giant Europe B.V. (Lelystad, in-Netherlands);
- Giant Europe B.V. (Lelystad, in-Netherlands);
- Giant Deutschland GmbH. (Düsseldorf, il-Ġermanja).

1.10. Perjodu ta' investigazzjoni u perjodu kkunsidrat

- (52) L-investigazzjoni dwar dumping u dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2016 sat-30 ta' Settembru 2017 ("il-perjodu tal-investigazzjoni" jew "PI"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sa tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni ("il-perjodu kunsidrat").

2. PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

2.1. Prodott ikkonċernat

- (53) Il-prodott ikkonċernat huwa ċikli, b'assistenza ta' pedali, b'mutur elettriku awżiljarju, li joriġina fir-RPĊ, li attwalment jaqa' taħt il-kodiċijiet NM 8711 60 10 u ex 8711 60 90 (kodiċi TARIC 8711 60 90 10) ("il-prodott ikkonċernat").
- (54) Din id-definizzjoni tkopri diversi tipi ta' roti elettriċi.

2.2. Prodott simili

- (55) L-investigazzjoni wriet li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi bażiċi, kif ukoll l-istess użu bażiku:
- (a) il-prodott ikkonċernat;
 - (b) il-prodott li huwa mmanifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tal-Isvizzera, li serva proviżorjament bħala pajjiż analogu;
 - (c) il-prodott manifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.
- (56) F'dan l-istadju, il-Kummissjoni ddeċidiet li dawn il-prodotti huma għalhekk simili fis-sens tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

2.3. Talbiet rigward il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott

- (57) Fil-kummenti tagħha wara l-bidu tal-investigazzjoni, is-CCCME kkontestat l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiġbor fi grupp ir-roti elettriċi kollha bħala prodott uniku. B'mod partikolari, hija ppreżentat l-argument li r-roti elettriċi veloċi (roti elettriċi b'veloċità ta' aktar minn 25 km/h u sa 45 km/h) jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni. Filwaqt li l-magni ta' roti elettriċi standard għandhom potenza massima ⁽¹⁾ ta' 250 W, il-magni ta' roti elettriċi veloċi jista' jkollhom potenza ogħla, tipikament ta' 350 – 500 W.
- (58) Is-CCCME ppreżentat l-argument li dawn ir-roti għandhom karatteristiki u użu intenzjonat sinifikattivament differenti, kif ukoll prezzijiet sinifikattivament differenti. Mill-perspettiva tal-konsumaturi, roti elettriċi veloċi ma jistgħux jiġu skambjati mar-roti elettriċi kollha l-oħra koperti minn din l-investigazzjoni.
- (59) Skont is-CCCME, hemm bosta raġunijiet għalfejn ir-roti elettriċi veloċi huma differenti minn roti elettriċi oħra. L-ewwel nett, il-materja prima u l-komponenti huma differenti. Pereżempju, il-magna għal roti elettriċi veloċi għandha potenza nominali ogħla, u l-materjali għar-roti elettriċi għandhom saħħa u kwalità aħjar.
- (60) It-tieni, il-kostijiet u l-prezzijiet huma sinifikattivament differenti. Billi hemm rekwiżiti aktar stretti għall-kwalità u s-saħħa tal-partijiet li jintużaw fil-produzzjoni ta' roti elettriċi veloċi, il-kost tal-produzzjoni ta' roti elettriċi veloċi huwa ogħla minn dak ta' roti elettriċi ordinarji, li min-naħa tiegħu jirriżulta fi prezz finali tal-bejgħ ogħla.
- (61) It-tielet, il-kodiċijiet NM huma differenti. Mill-1 ta' Jannar 2017, ir-roti elettriċi ordinarji ġew ikklassifikati taħt il-kodiċi NM 8711 60 10, u r-roti elettriċi veloċi ġew ikklassifikati taħt il-kodiċi NM 8711 60 90. Qabel l-2017, ir-roti elettriċi ordinarji kienu kklassifikati taħt (dak li kien) il-kodiċi NM 8711 90 10 u r-roti elettriċi veloċi kienu kklassifikati taħt (dak li kien) il-kodiċi NM 8711 90 90.

⁽¹⁾ Potenza nominali kontinwa massima.

- (62) Ir-raba', ir-roti elettriċi veloċi jitqiesu bħala vetturi bil-mutur (vettura tal-kategorija L1e-B), allura min isuqhom irid ikollu liċenzja u jrid jilbes elmu. Ma hemmx rekwiżiti bħal dawn għal roti elettriċi ordinarji. Dawn ir-rekwiżiti se jirrestrinġu b'mod sostanzjali lix-xerrejja u lill-operaturi tar-roti elettriċi veloċi.
- (63) Il-ħames, it-tipi ta' konsumaturi għar-roti elettriċi veloċi huma differenti. Normalment, ix-xerrejja ta' roti elettriċi ordinarji huma prinċipalment ħaddiema f'uffiċċji jew persuni anzjani li japprezzaw l-assistenza addizzjonali fir-rigward ta' potenza, filwaqt li x-xerrejja ta' roti elettriċi veloċi huma fil-biċċa l-kbira żgħażaġh li jużaw dawn ir-roti elettriċi għal attivitajiet aktar intensivi jew sportivi.
- (64) L-ilmentatur ippreżenta l-argument li r-roti elettriċi kollha jikkondividu karatteristiki ewlenin komuni. B'mod partikolari, it-tlieta li huma huma ċikli mfassla bil-pedali, mgħammra b'mutur elettriku awżiljarju għall-assistenza ta' pedali. Barra minn hekk, ir-roti elettriċi kollha huma suġġetti għall-istess testijiet taħt l-Istandard Ewropew EN 15194. Abbażi ta' dan, l-ilmentatur ikkonkluda li għall-fini tal-investigazzjonijiet preżenti, dawn jiffurmaw prodott uniku.
- (65) L-ilmentatur ġibed l-attenzjoni wkoll għal fatt li l-limitu ta' veloċità bl-assistenza tal-mutur awżiljarju jista' jinbidel faċilment minn 25 km/h għal 45 km/h u *vice-versa*, iżda din hija essenzjalment kwistjoni ta' programmazzjoni tas-softwer aktar milli kwistjoni ta' differenzi fiżiċi.
- (66) Matul l-investigazzjoni, wieħed mill-importaturi saħaġ li r-roti elettriċi li jaqgħu taħt il-kategorija L1e-A jenħtieġ li jiġu esklużi mill-ambitu tal-prodott li qed jiġi investigat. Il-kategorija L1e-A tkopri roti elettriċi b'apport ta' mutur awżiljarju li jwassal sa 25 km/h, iżda b'potenza tal-magna li twassal sa 1 kW. Allegatament, ir-roti elettriċi tal-kategorija L1e-A mhumiex prodotti fl-Unjoni, u mhumiex speċifikament imsemmija fl-ilment. L-importatur jisħaq ukoll li r-roti elettriċi tal-kategorija L1e-A ma setgħux ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni, billi l-ewwel rota elettrika tal-kategorija L1e-A inbiegħet fis-suq tal-Unjoni aktar minn 8 ġimgħat wara li l-ilmentatur ressaq l-ilment.
- (67) Il-Kummissjoni qieset dawn il-kummenti kollha. Hija nnutat li l-ambitu tal-prodott tal-ilment tabilħaqq kopra r-roti kollha, bl-assistenza tal-pedali, b'mutur elettriku awżiljarju. L-ambitu tal-prodott tal-ilment ma fih l-ebda limitu f'dak li għandu x'jaqsam mal-klassifikazzjoni tal-vetturi. Għalhekk ġie konkluż li r-roti elettriċi tal-kategorija L1e-A huma koperti mill-ilment. Mis-sit web tal-importatur stess, kien jidher ċar li r-roti elettriċi L1e-A għandhom il-benefiċċji kollha ta' rota elettrika regolari iżda b'potenza iktar qawwija. L-importatur jenfasizza b'mod partikolari li fil-parti l-kbira tal-Istati Membri, ir-roti elettriċi tal-kategorija L1e-A ma jirrikjedux elmu u jistgħu jintużaw fil-mogħdijiet u t-trejqiet speċifiċi għaċ-ċiklisti.
- (68) Fir-rigward ta' roti elettriċi veloċi, huwa sostnut li l-kost tal-produzzjoni u l-prezz ta' bejgħ tagħhom huma ogħla b'mod sinifikanti. Dan, fih innifsu, mhuwiex raġuni għall-esklużjoni ta' prodott mill-ambitu tal-prodott, peress li l-ambitu tal-prodott ta' spiss jinkludi merkanzija mibjugħa bi prezzijiet differenti. Dan il-fattur huwa madankollu tittieħed inkunsiderazzjoni fil-paraguni fil-kalkoli ta' dumping u ta' dannu.
- (69) Għal dak li jirrigwarda l-użu intenzjonat differenti u l-perċezzjoni tal-konsumaturi, huwa argumentat li r-roti elettriċi normali huma fil-biċċa l-kbira mibjugħa lill-persuni anzjani, liċ-ċiklisti ta' rekreazzjoni, kif ukoll lill-ħaddiema tal-uffiċċini, filwaqt li r-roti elettriċi veloċi jintużaw l-aktar għal attivitajiet aktar diffiċli bħall-ivvjaġġar. Peress li l-ħaddiema tal-uffiċċini x'aktarx jużaw ir-roti elettriċi normali tagħhom biex isuru minn darhom lejn il-post tax-xogħol, dan l-użu huwa simili ħafna għall-użu ta' vvjaġġar fir-rigward tar-roti elettriċi veloċi. Huwa għalhekk konkluż li l-użu maħsub u l-perċezzjoni tal-konsumaturi huma simili f'ħafna aspetti, u għalhekk ma jwasslux għall-esklużjoni ta' prodott.
- (70) Rigward iż-żewġ talbiet għall-esklużjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-roti elettriċi veloċi u r-roti tal-kategorija L1e-A jikkondividu l-istess karatteristiċi fiżiċi ma' roti elettriċi oħra u għalhekk jaqgħu fl-ambitu tal-prodott. Filwaqt li l-Kummissjoni rrikonossiet li hemm tipi ta' prodotti differenti fl-istess kategorija ġenerali tal-prodott ikkonċernat, dan ma jistax fih innifsu jwassal għall-esklużjoni mill-ambitu tal-prodott. Klassifikazzjoni doganali differenti fl-istess kategorija ġenerali tal-prodott ikkonċernat ukoll mhijiex kriterju li fih innifsu jwassal għall-esklużjoni. Huwa tabilħaqq komuni ħafna fl-investigazzjonijiet antidumping li l-prodott ikkonċernat jinkludi firxa ta' kodiċijiet doganali. Finalment, ir-rekwiżiti marbuta mal-użu ta' wara l-bejgħ tal-prodott ikkonċernat jew tal-prodott simili ma jaffettwawx il-karatteristiċi fiżiċi bażiċi li jiddefinixxu l-prodott għall-fini tal-investigazzjonijiet tal-antidumping. Bl-istess mod, l-ambitu tal-prodott mhuwiex definit mill-kategoriji ta' konsumaturi li se jagħżlu tip partikolari ta' prodott wieħed jew ta' ieħor. Għalhekk it-talbiet ma ntlagħgħux.
- (71) Importatur wieħed stqarr li jenħtieġ li t-triċikli elettriċi jinħarġu mill-ambitu tal-prodott li qed jiġi investigat. Huwa allega li mhuwiex ċar jekk l-investigazzjoni attwalment koprietx it-tipi kollha ta' ċikli (roti, triċikli u kwadriċikli) jew ir-roti biss, minħabba li t-titolu ta' din in-Notifika ta' Bidu kien jgħid li l-proċediment antidumping jikkonċerna l-importazzjoni ta' roti elettriċi.

- (72) Il-Kummissjoni nnotat li l-ambitu tal-prodott li qed jiġi investigat, madankollu, mhuwiex definit mit-titolu tan-Notifika ta' Bidu, iżda mit-Taqsima "2. il-Prodott li qed jiġi investigat" Din it-taqsima tiddefinixxi b'mod ċar li l-prodott li qed jiġi investigat ikopri ċ-"ċikli". It-terminu "ċikli" mhuwiex limitat għal roti b' 2 roti, iżda jinkludi wkoll triċikli u kwadriċikli. Billi r-roti huma bil-bosta l-aktar tip komuni ta' ċiklu, it-titolu isemmi r-roti, mingħajr ma jsekkli tipi oħra ta' ċikli mill-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni.
- (73) L-importatur sostna wkoll li l-investigazzjoni ffukat speċifikament fuq ir-roti. Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din il-pretensjoni. Hija gābret l-informazzjoni li tkopri t-tipi kollha ta' ċikli elettriċi; Il-produtturi tal-Unjoni u l-esportaturi kienu marbuta li jindikaw in-numru ta' roti għall-prodotti kollha li huma produċew u biegħu fis-suq tal-Unjoni. Huwa għalhekk ċar li t-triċikli ġew identifikati separatament u investigati matul l-investigazzjoni kollha. Billi r-roti huma bla dubju l-aktar tip komuni ta' ċikli, mhuwiex sorprendenti li t-terminu roti-e/roti elettriċi/normalmment jintuża biex jirreferi għal kull tip ta' rota elettrika, kemm fl-investigazzjoni kif ukoll fis-suq. Dan ma jfissirx li tipi oħra ta' ċikli ġew injorati fl-investigazzjoni.
- (74) Huwa għalhekk konkluż li r-roti elettriċi ta' veloċità, ir-roti elettriċi u t-triċikli elettriċi tal-kategorija L1e-A jikkondividu l-istess karatteristiċi fiżiċi u proprjetajiet bażiċi kif ukoll l-użi aħharja ma' tipi oħra ta' roti elettriċi, għaldaqstant ma jstgħux jiġu esklużi mill-ambitu tal-li qed jiġi investigat.

3. ID-DUMPING

3.1. Valur normali

3.1.1. Trattament ta' ekonomija tas-suq ("TES")

- (75) Skont l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni tiddetermina l-valur normali skont l-Artikolu 2minn (1) sa (6) tar-Regolament bażiku għal kull produttur esportatur fir-RPĊ li jikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku u li għalhekk jista' jingħata TES.
- (76) Is-CCCME saħqet li wara l-iskadenza tal-paragrafu 15(a)(ii) tal-Protokoll dwar l-Adeżjoni tar-RPĊ mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("WTO") fil-11 ta' Diċembru 2016, jenħtieġ li r-regoli ġenerali għad-determinazzjoni tal-valur normali japplikaw għall-esportaturi Ċinzi. F'dan ir-rigward, hija stqarriet li l-użu ta' metodoloġija ta' ekonomija mhux tas-suq biex tintlaħaq determinazzjoni wara l-11 ta' Diċembru 2016 imur kontra l-obbligi tal-Unjoni fil-konfront tal-WTO. Hija allegat ukoll li l-valur normali ma jstax ikun ibbażat fuq pajjiż analogu, iżda jenħtieġ li jkun ibbażat fuq id-*data* tal-bejgħ u tal-ispejjeż Ċinzi.
- (77) In-Notifika ta' Bidu ġiet ippubblikata fl-20 ta' Ottubru 2017. Konsegwentement, il-leġiżlazzjoni rilevanti applikabbli għal din il-proċedura hija r-Regolament bażiku fil-verżjoni tiegħu applikabbli fiż-żmien ta' tnedija. Għaldaqstant jenħtieġ li l-valur normali jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-Artikolu 2(7)(a) u (b) tar-Regolament bażiku kif applikabbli fid-*data* ta' bidu ta' din l-investigazzjoni f'Ottubru 2017. Għalhekk, il-pretensjoni li saret mis-CCCME ma ntlagħhetx.
- (78) Fil-qosor, u għal faċilità ta' referenza biss, il-kriterji stipulati fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku għal trattament ta' ekonomija tas-suq huma li:
- (1) id-deċiżjonijiet kummerċjali jsiru b'reazzjoni għall-kundizzjonijiet tas-suq u mingħajr interferenza sinifikanti mill-Istat, u l-kostijiet jirriflettu l-valuri tas-suq;
 - (2) id-ditti jkollhom sett ċar ta' records kontabilistiċi bażiċi li jiġu awditjati indipendentement, f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà u jiġu applikati għall-għanijiet kollha;
 - (3) ma jkunx hemm distorsjonijiet sinifikanti riportati mis-sistema ekonomika preċedenti ta' ekonomija mhux tas-suq;
 - (4) iċ-ċertezza u l-istabbiltà legali jiġu pprovduti permezz tal-liġijiet dwar il-fallimenti u dwar il-proprjetà; kif ukoll;
 - (5) il-kambju tal-munita jsir skont ir-rata tas-suq.
- (79) Biex tiddetermina jekk ġewx issodisfati l-kriterji tal-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni fittxet l-informazzjoni neċessarja billi talbet lill-produtturi esportaturi jimlew il-formola ta' talba tat-TES. Wieħed biss mill-produtturi esportaturi kkampjunati, il-grupp Giant, talab TES u wiegħb sad-*data* ta' skadenza.
- (80) Billi dan il-każ kien jinvolvi partijiet relatati, il-Kummissjoni eżaminat jekk il-grupp tal-kumpaniji relatati kollu kemm hu ssodisfax il-kundizzjonijiet għal TES. Għalhekk, f'każijiet fejn kumpanija sussidjarja jew kwalunkwe kumpanija oħra relatata mal-produttur esportatur fir-RPĊ kienet involuta, direttament jew indirettament, fil-produzzjoni jew fil-bejgħ tal-prodott ikkonċernat, l-eżami tat-TES sar fir-rigward ta' kull kumpanija individwalment kif ukoll fir-rigward tal-grupp ta' kumpaniji kollu kemm hu.

- (81) Il-Kummissjoni fittxet l-informazzjoni kollha li hija qieset neċessarja, u vverifikat l-informazzjoni kollha ppreżentata fit-talbiet għal TES fl-uffiċċji tal-entitajiet legali l-kbar tal-grupp.
- (82) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni sabet li l-grupp Giant naqas milli juri li huwa jissodisfa l-kriterji tat-TES skont l-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku, b'mod partikolari il-kriterji 1 u 3. Għalhekk, il-Kummissjoni ma laqgħetx din it-talba għal TES.
- (83) Barra minn hekk, il-grupp Giant ma rnexxilux juri li ma hemmx interferenza sinifikanti mill-Istat u li l-kostijiet ta' inputs kbar jirriflettu l-valur tas-suq b'mod sostanzjali fil-produzzjoni tiegħu tal-prodott ikkonċernat. Kif spjegat fid-divulgazzjoni tat-TES, il-grupp Giant jixtri frejms u tubi tal-aluminju Ċiniżi, li l-prezzijiet tagħhom huma affettwati minn distorsjonijiet sinifikanti tal-aluminju primarju minħabba interferenza sinifikanti mill-Istat. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-grupp Giant naqas milli juri li huwa jissodisfa l-kriterju 1 tat-TES.
- (84) Barra minn hekk, il-grupp Giant ma rnexxilux juri li huwa ma kienx suġġett għal distorsjonijiet sinifikanti riportati mis-sistema ta' ekonomija mhux tas-suq ta' qabel. Skont l-iżvelar tat-TES, Giant Group ibbenefika minn diversi skemi ta' taxa preferenzjali, rifużjonijiet, inċentivi finanzjarji, u tnaqqis speċjali għal spejjeż magħmula. Dawn il-vantaġġi, b'mod partikolari b'mod kombinat, jitqiesu bħala distorsjonijiet sinifikanti trasferiti mis-sistema ekonomika mhux tas-suq. Għalhekk, ma ssodisfax il-kriterju 3 tat-TES.
- (85) Il-Kummissjoni żvelat is-sejbiet lill-produttur esportatur ikkonċernat, lill-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat u lill-industrija tal-Unjoni. Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità jikkumentaw dwar is-sejbiet u jitolbu seduta mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċedimenti kummerċjali. Il-Kummissjoni kkunsidrat il-fehmiet ippreżentati.
- (86) Wara l-iżvelar tas-sejbiet tat-TES, il-grupp Giant ressaq għadd ta' kummenti.
- (87) Rigward il-kriterju 1, il-grupp Giant saħaq li l-prezz tal-aluminju użat fil-produzzjoni ta' roti elettriċi kien konformi mal-prezzijiet internazzjonali, kif rifless fil-London Metal Exchange ("LME"). Sussidjarjament, huwa sostna li d-distorsjoni li tirriżulta ma setatx tiġi kkwalifikata bħala sinifikattiva peress li f'termini ta' valur l-impatt tad-distorsjoni allegata kien *de minimis*.
- (88) Kif il-Kummissjoni spjegat fid-dettall fid-dokument ta' żvelar, l-SHFE hija mfassla b'mod li l-gvern Ċiniż jista' jeżerċita kontroll sħiħ fuq is-suq tal-aluminju. Jekk din l-influenza tintużax biex tistabbilixxi prezzijiet fl-livell tas-suq jew le, jew jekk hijiex ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet oħra u għalhekk b'diskrepanza li tvarja fil-livell tas-suq, huwa irrilevanti għall-konstatazzjoni ta' interferenza sinifikanti mill-Istat. Il-kriterju ta' interferenza sinifikanti mill-Istat huwa ssodisfat meta l-Istat jista' jinfluwenza l-prezzijiet, mhux biss b'mod marġinali, iżda jista' jeżerċita kontroll sinifikanti, indipendentement minn kif huwa fil-fatt jeżerċita dak il-kontroll.
- (89) Il-fatt li l-proporzjon ta' aluminju użat fil-produzzjoni ta' roti elettriċi huwa inqas minn dak ta' prodotti oħra ma jbiddux il-fatt li l-produtturi ta' roti elettriċi joperaw f'suq b'distorsjonijiet sinifikanti. F'dan il-każ partikolari, u irrISPETTIVAMENT mill-valur tagħha, il-Kummissjoni stabbilixxiet, fuq il-bażi tal-fatti miġbura matul l-investigazzjoni, li l-frejm tal-aluminju (prodott minn tubi tal-aluminju) huwa wieħed mill-aktar elementi essenzjali għall-produzzjoni ta' roti elettriċi b'konsegwenzi qawwija fuq il-partijiet u l-komponenti l-oħra kollha.
- (90) Fir-rigward tal-kriterju 3, il-grupp Giant isostni li l-benefiċċju li jirriżulta mir-rata ta' tassazzjoni differenzjali huwa l-espressjoni tal-oġettivi leġittimi tal-politika industrijali tar-RPĊ u ma jstax jitqies bħala distorsjoni ttrasferita minn ekonomija mhux tas-suq preċedenti. Barra minn hekk, il-grupp Giant stqarr li d-distorsjonijiet, jekk ikun hemm, mhumiex sinifikanti. Il-grupp saħaq ukoll li ġiet applikata metodoloġija żbaljata biex tiddetermina jekk l-għoti preferenzjali tad-drittijiet tal-użu tal-art kienx jikkostitwixxi distorsjoni sinifikanti, minħabba li dan ma kienx jammortizza l-benefiċċju riċevut matul il-perjodu ta' hanna tal-assi.
- (91) Il-Kummissjoni ma qablitx li kwalifika ta' distorsjoni sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku għandha korrelazzjoni legali jew fattwali mal-kunċett ta' "benefiċċju" fis-sens tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾ ("ir-Regolament antisussidju bażi". Pjuttost, dan huwa kunċett intrinsiku għal din il-valutazzjoni skont l-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku.

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55).

- (92) Il-Kummissjoni sabet li żewġ kumpaniji tal-grupp irċevew kważi rifużjoni sħiħa tal-prezz għad-dritt għall-użu tal-art, filwaqt li kumpanija terza ħallset perċentwal żgħir tal-valur tal-prezz għad-dritt għall-użu tal-art wara r-rifużjoni. Minħabba n-natura tal-industrija, fejn l-art hija l-aktar assi importanti u ta' natura sinifikanti, il-Kummissjoni tista' biss tikkonkludi li l-ispejjeż tal-produzzjoni u s-sitwazzjoni finanzjarja huma soġġetti għal distorsjonijiet sinifikanti trasferiti mis-sistema ekonomika mhux tas-suq.
- (93) Għalhekk, il-konklużjoni li tiġi rrifjutata l-pretensjoni ta' TES tal-grupp Giant baqgħet ma nbidlitx.
- (94) Il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati bid-determinazzjoni TES finali.

3.1.2. Pajjiż analogu

- (95) Skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali kien determinat abbażi tal-prezz jew tal-valur maħdum f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq ("il-pajjiżi analogu") għall-produtturi esportaturi li ma ngħatawx TES. Għal dan l-għan, kellu jintagħżel pajjiż terz b'ekonomija tas-suq.
- (96) Flimkien mal-Isvizzera, il-Ġappun u t-Tajwan, li ssemmev fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ppruvat tidentifika l-produtturi tal-prodott investat fl-Awstralja, fil-Messiku, fil-Korea t'Isfel, fit-Tajlandja, fit-Turkija u fl-Istati Uniti tal-Amerka. Abbażi tal-informazzjoni riċevuta, il-Kummissjoni talbet lil sebgħa u għoxrin produttur magħruf tal-prodott simili biex jipprovdu l-informazzjoni. Produttur wieħed fl-Iżvizzera u produttur wieħed fit-Tajwan wiegħbu għall-kwestjonarju tal-produtturi f'pajjiżi analogi. It-twegħiba mill-produttur fit-Tajwan kienet nieqsa informazzjoni essenzjali, inkluża l-ispiża tal-produzzjoni għal kull tip ta' prodott u l-lista tal-bejgħ domestiku. Minkejja t-talbiet tal-Kummissjoni, il-produttur ma ffinalizzax it-twegħiba, li ħalla lill-Iżvizzera bħala l-uniku pajjiż analogu potenzjali.
- (97) Is-CCCME ippreżentat l-argument li, għal diversi raġunijiet, l-Iżvizzera ma tkunx xierqa bħala pajjiż analogu. L-ewwel nett, ir-roti elettriċi Żvizzeri huma differenti minn dawk Ċiniżi – dawn għandhom mutur ċentrali filwaqt li, b'mod predominanti, ir-roti elettriċi Ċiniżi għandhom mutur tal-buttun tar-rota (hub motor) (immuntat fir-roti), u dawn huma teknoloġiji differenti. L-Iżvizzeri jużaw ukoll partijiet li huma sinifikattivament differenti (muturi ċentrali aktar qawwjin, kontrolluri bil-GPS, skrinijiet tattili, eċċ.). It-tieni, il-produtturi Żvizzeri jipproduċu l-marki tagħhom stess, filwaqt li dawk Ċiniżi huma prinċipalment fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali ("OEM") għall-importaturi tal-Unjoni. It-tielet, l-iskala globali tal-produzzjoni fl-Iżvizzera hija ħafna iżgħar minn dik fir-RPĊ. Ir-raba', l-Iżvizzeri jimpurtaw il-partijiet tagħhom mill-Unjoni u mill-Ġappun, filwaqt li ċ-Ċiniżi għandhom sorsi domestiċi. Fl-aħħar nett, mit-tmien produtturi Żvizzeri, tlieta biss jimportaw roti elettriċi lesti mit-Tajwan u jergħu jbigħuhom, u l-akbar produttur jimporta l-partijiet kollha minn barra l-pajjiż u jarmahom biss fl-Iżvizzera.
- (98) Is-CEIEB ukoll ippreżentat l-argument li l-Iżvizzera mhijiex xierqa bħala l-pajjiż analogu. Hija ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li l-Iżvizzera għandha livell ta' żvilupp differenti ħafna minn dak tar-RPĊ, u għalhekk kostijiet ta' produzzjoni differenti (speċjalment il-manodopera). Barra minn hekk, ebda suq ieħor fid-dinja ma għandu sehem daqstant għoli ta' roti elettriċi veloċi, li minħabba l-approvazzjoni tat-tip li hija meħtieġa bil-liġi, ġeneralment ikunu aktar għaljin.
- (99) L-investigazzjoni kkonfermat li, filwaqt li maġġoranza vasta ta' roti elettriċi esportati lejn l-Unjoni mir-RPĊ mill-produtturi esportaturi kkampjunati għandha muturi tal-buttun tar-rota, ir-roti elettriċi kollha mibjugħa fis-suq Żvizzeru mill-produttur li kkoopera fil-pajjiż analogu matul il-PI għandhom muturi ċentrali. Minbarra l-batterija, normalment il-mutur ikun l-aktar parti unika għalja minn rota elettrika. Il-muturi ċentrali u dak tal-buttun tar-rota huma żewġ teknoloġiji distinti bi speċifikazzjonijiet tekniċi u livell ta' kumplessità differenti. Il-muturi ċentrali mhux talli għandhom prezz differenti mill-muturi tal-buttun tar-rota, iżda l-użu ta' tip wieħed minflok l-ieħor għandu konsegwenza qawwija fuq partijiet oħra. Pereżempju, rota elettrika b'mutur ċentrali jkollha frejm differenti, ħafna drabi aktar għali, imfassal biex jidħol fil-mutur. L-istess jgħodd għar-roti (wheels) fil-każ ta' roti elettriċi b'muturi tal-buttun tar-rota. Ċerti partijiet addizzjonali, bħal motor holders speċjali, huma neċessarji għal roti elettriċi b'mutur ċentrali iżda mhux neċessarji għal dawk b'muturi tal-buttun tar-rota. Partijiet oħra, bħal sensuri tat-torque, huma differenti skont it-tip ta' mutur.
- (100) Meta jitqies li dawn huma żewġ teknoloġiji differenti bi strutturi differenti ta' kostijiet u ta' prezzijiet, l-użu tal-Iżvizzera bħala l-pajjiż analogu ma jkunx jipprovdi lill-Kummissjoni b'valur normali għall-maġġoranza vasta tal-importazzjonijiet, minħabba l-konsegwenza qawwija msemmija hawn fuq u d-diffikultà biex jiġu kkwantifikati aġġustamenti li jkunu meħtieġa biex il-valur normali mill-Iżvizzera jiġi aġġustat biex jaqbel mat-tipi ta' prodott esportati miċ-Ċina lejn l-Unjoni.
- (101) Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset l-esportazzjoni tal-produttur li kkoopera mill-pajjiż analogu lejn pajjiżi oħra, iżda dawk ukoll kienu esklużivament roti elettriċi b'muturi ċentrali.
- (102) Għalhekk, f'dan l-istadju, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Iżvizzera mhijiex pajjiż analogu xieraq skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku.

- (103) Konsegwentement, fin-nuqqas ta' pajjiż terz xieraq b'ekonomija tas-suq, ġie konkluż b'mod proviżorju b'konformità mal-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, li ma kienx possibbli li jiġi ddeterminat valur normali għall-produtturi kkampjunati abbażi tal-prezzijiet domestiċi jew tal-valur normali maħdum f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq jew il-prezz minn tali pajjiż terz lejn pajjiżi oħrajn, inkluża l-Unjoni, u li għaldaqstant kien neċessarju li jiġi ddeterminat il-valur normali msejjes fuq kwalunkwe bażi raġonevoli oħra, f'dan il-każ abbażi tal-prezzijiet li attwalment tħallsu jew li huma pagabbli fl-Unjoni għall-prodott simili. Dan tqies xieraq minħabba l-inadegwadezza tal-livvizzera u n-nuqqas ta' kull kooperazzjoni oħra kif imsemmi fil-premessi (96) u fil-premessi minn (99) sa (102). Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset din bħala ġustifikata minħabba d-daqs tas-suq tal-Unjoni, l-eżistenza tal-importazzjonijiet u l-kompetizzjoni interna qawwija fis-suq tal-Unjoni għal dan il-prodott.

3.1.3. Valur normali

- (104) Billi f'dan il-każ ma ngħatax TES, il-valur normali għall-produtturi esportaturi Ċiniżi kollha ġie ddeterminat, kif spjegat fil-premessa (103) hawn fuq, abbażi tal-prezzijiet imħallsa fattwalment jew li huma pagabbli fl-Unjoni għall-prodott simili abbażi tad-*data* vverifikata fl-uffiċċji tal-produtturi tal-Unjoni kkampjunati li huma elenkati fil-premessa (51).
- (105) Il-valur normali ta' kull tip ta' prodott kien ibbażat fuq il-prezz reali tal-bejgħ (mill-fabbrika), aġġustat biex jinkludi l-qliegħ fil-mira tal-industrija tal-Unjoni.
- (106) Il-maġġoranza vasta tat-tipi ta' prodotti esportati mir-RPĊ lejn l-Unjoni jistgħu jitqabblu mat-tipi ta' prodotti mmanifatturati u mibjugħa fl-Unjoni. Fil-każijiet rari fejn ma kienx possibbli tqabbil eżatt fil-livell tan-numru għall-kontroll tal-prodott ("product control number", "PCN"), il-Kummissjoni, b'mod iterattiv, eliminat il-karattri tal-PCN sakemm irnexxielha ssib tqabbil. F'xi każijiet eċċezzjonali, fejn it-tipi partikolari ta' roti ma ġewx immanifatturati fl-Unjoni, sar l-aktar tqabbil mill-qrib possibbli bbażat fuq karatteristiki oħra. Id-dettalji ta' din il-proċedura issa ġew żvelati lill-produtturi esportaturi.

3.2. Prezz tal-esportazzjoni

- (107) Il-produtturi esportaturi kkampjunati esportaw lejn l-Unjoni jew direttament lil klijenti indipendenti jew inkella permezz ta' kumpaniji mhux relatati li jaġixxu bħala importaturi.
- (108) Fil-każ li l-produtturi esportaturi esportaw il-prodott ikkonċernat direttament lill-klijenti indipendenti fl-Unjoni, il-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz li tħallas realment jew dak pagabbli għall-prodott ikkonċernat meta nbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.
- (109) Meta l-produtturi esportaturi esportaw il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni permezz ta' kumpaniji relatati li jaġixxu bħala importaturi, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezz li bih il-prodott importat reġa' nbiegħ għall-ewwel darba lill-konsumaturi indipendenti fl-Unjoni, skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. F'dawn il-każijiet, l-aġġustamenti tal-prezz saru għall-ispejjeż kollha li ġġarrbu bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, inklużi l-ispejjeż SG&A, u l-qliegħ (9 %).

3.3. Tqabbil

- (110) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produttur esportatur kkampjunat fuq il-bażi tal-prezz mill-fabbrika.
- (111) Sabiex ikun żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, saret konsiderazzjoni xierqa fil-forma ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni għamlet dawn l-aġġustamenti li ġejjin fil-prezz tal-esportazzjoni u fil-valur normali bl-użu tad-*data* mogħtija mill-produtturi esportaturi kkampjunati fit-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju u matul iż-żjara ta' verifika: l-imposti tal-bank, l-ispejjeż tal-maniġġ u tat-tagħbija fil-pajjiż tal-esportazzjoni, l-ispejjeż ta' kreditu u l-qliegħ għan-negożjanti mhux relatati f'każ ta' kummerċjanti relatati fl-Unjoni.
- (112) Is-CCCME u produttur esportatur wieħed ikkampjunat argumentaw li sabiex jiġi żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, dan tal-aħħar jenħtieġ li jiġi aġġustat 'il fuq minħabba li l-produtturi esportaturi huma fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali ("oriġinal equipment manufacture", OEM).
- (113) Is-CCCME argumentat li peress li l-parti l-kbira tal-produtturi Ċiniżi tar-roti elettriċi huma OEM, ir-roti elettriċi prodotti minnhom huma mibjugħa lill-konsumaturi finali permezz ta' importaturi u distributuri tad-ditta. Il-prezz mitlub lill-konsumaturi finali jinkludi kemm il-marġni kummerċjali tal-importatur kif ukoll il-marġni kummerċjali tad-distributur. Il-KKCMPE enfasizzat li, l-importaturi tal-marka fl-industrija tar-roti elettriċi huma differenti mill-importaturi ordinarji f'industriji oħra.

- (114) Is-CCCME innotat li r-raġuni għal dan ikun li, għall-biċċa l-kbira ta' roti elettriċi esportati mir-RPĊ lejn l-Unjoni, id-disinn, ir-riċerka u l-iżvilupp isiru mill-importaturi tal-marka jew mill-importaturi tal-marka f'kooperazzjoni mal-esportatur. F'kull każ, l-importaturi tal-marka għamlu investiment sinifikanti f'din il-ħidma, simili ħafna tal-produtturi tal-Unjoni nfushom. Lil hinn tal-prezz tal-importazzjoni, l-importaturi se jżidu l-valur tal-marka kummerċjali tagħhom stess, fil-prezz tal-bejgħ mill-ġdid tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li l-prezz tal-esportazzjoni ta' roti elettriċi Ċiniżi jiġi aġġustat 'il fuq biż-żieda tal-marġni kummerċjali tal-importatur tal-marka qabel ma jiġu mqabbla mal-valur normali.
- (115) Il-Kummissjoni kkunsidrat li jagħmlu aġġustament xieraq skont l-Artikolu 2(10)(d) ("livell tal-kummerċ") tar-Regolament bażiku. Madankollu, il-kundizzjonijiet rilevanti ma ntlaħqux, billi l-Kummissjoni ma sabet l-ebda differenza konsistenti u distinta fil-funzjonijiet u fil-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni bejn il-bejgħ OEM tagħhom u dak mhux OEM fis-suq tal-Unjoni fil-livell ta' tipi ta' prodotti, fis-sens tal-Artikolu 2(10)(d)(i) tar-Regolament bażiku. L-Artikolu 2(10)(d)(ii) tar-Regolament bażiku kien ugwalment inapplikabbli billi l-livell rilevanti tal-kummerċ – l-OEM – ma jeżistix fis-suq domestiku tal-produtturi tal-Unjoni.
- (116) Il-Kummissjoni ikkunsidrat ukoll li tagħmel aġġustament għall-Artikolu 2(10)(k) ("fatturi oħra") biex jagħmel tajjeb għall-kostijiet tat-tfassil u tar-R&Z tal-importaturi tal-marka. Madankollu, f'dan l-istadju tal-investigazzjoni, il-produtturi esportaturi ma pprovdewx lill-Kummissjoni bi kwantifikazzjoni affidabbli ta' dawn il-kostijiet. Il-Kummissjoni għalhekk tistieden lill-partijiet interessati biex jipprovduha bi kwantifikazzjoni tal-ispejjeż affidabbli u verifikabbli għal aġġustament skont l-Artikolu 2(10)(k) tar-Regolament bażiku.
- (117) Għaldaqstant din it-talba mis-CCCME ma ntlagħetx.
- (118) Skont tliet produtturi esportaturi kkampjunati, il-klassifikazzjoni tat-tip ta' prodott proposta mill-Kummissjoni kienet insuffiċjenti biex issir distinzjoni bejn roti elettriċi ta' livell ta' prezzijiet differenti. Huma talbu lill-Kummissjoni biex iżżid bosta karatteristiki għall-klassifikazzjoni tat-tip ta' prodott, jiġifieri:
- Derailleur – biex tiġi riflessa d-differenza bejn id-derailleur estern u d-derailleur intern;
 - Brejk – biex tiġi riflessa d-differenza bejn brejk mekkaniku u brejk idrawliku;
 - Sospensjoni — biex tiġi riflessa d-differenza bejn sospensjoni bil-molol, sospensjoni idrawlika u sospensjoni tal-arja; kif ukoll;
 - Karatteristiki tal-batterija — żieda ta' żewġ meded ta' kapaċità — taħt 250 Wh u bejn 250 Wh u 350 Wh.
- (119) Min-naħa l-oħra, l-ilmentatur ippreżenta l-argument li partijiet differenti fi ħdan kull karatteristika proposta ma għandhomx fihom infushom, prezzijiet differenti. Barra minn hekk, roti elettriċi b'partijiet allegatament aktar għaljin f'kull karatteristika proposta mhux bilfors ikunu aktar għaljin minn dawk li allegatament ikollhom partijiet irħas. L-ilmentatur ipprova bosta eżempji ta' dan.
- (120) Min-naħa tagħhom, il-produtturi esportaturi ma qablux u ġibdu l-attenzjoni, pereżempju, għall-fatt li fl-eżempji tiegħu, l-ilmentatur iqabbel derailleur estern ta' livell għoli (b'10 veloċitajiet) ma' derailleur intern ta' livell baxx (bi 3 veloċitajiet). Din hija r-raġuni għalfejn il-prezz huwa simili. B'mod simili, brejkijiet mekkaniċi ta' livell għoli qed jitqabblu ma' brejkijiet idrawliċi ta' livell baxx. Il-produttur esportatur ġibed l-attenzjoni wkoll għall-fatt li t-tqabbil ta' roti li jinkludu partijiet differenti biex tingħata prova li dawn il-partijiet ma jaffettwawx il-prezz tar-rotta sħiħa ma jfisser xejn, billi f'kull eżempju hemm fatturi differenzjati oħra għajr il-partijiet inkwistjoni.
- (121) Il-Kummissjoni ħadet nota taż-żewġ settijiet ta' kummenti. Rigward il-karatteristiki addizzjonali, il-Kummissjoni stqarret li ma hemmx evidenza ċara li derailleur intern dejjem ikun sinifikattivament ogħla minn wieħed estern, jew li brejk idrawliku dejjem ikun sinifikattivament ogħla minn wieħed mekkaniku. F'dawn is-sottokategoriji, hemm partijiet li għandhom prezz għoli u oħrajn li għandhom prezz baxx. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma jidherx li hemm differenza sinifikanti konsistenti fil-prezz bejn il-partijiet fil-karatteristiki addizzjonali proposti li tkun tiġġustifika bidliet għat-tipi ta' prodott stabbiliti f'din l-investigazzjoni.
- (122) F'dan l-istadju tal-investigazzjoni, ma hemmx evidenza li tiġġustifika aġġustamenti bbażati fuq differenzi fil-prezz tal-partijiet fil-karatteristiki msemmija hawn fuq, kif ukoll il-karatteristiki addizzjonali msemmija aktar tard mill-produtturi esportaturi (jiġifieri l-għadd ta' veloċitajiet tad-derailleur u l-marka tal-mutur ċentrali). Ir-roti elettriċi Ċiniżi esportati lejn l-Unjoni jużaw taħlita ta' partijiet fi ħdan dawn il-karatteristiki, li l-Kummissjoni tqis li ma tifforixxi xi tip partikolari. L-istess ħaġa tista' tingħad dwar ir-roti elettriċi prodotti fl-Unjoni. Għal darb' oħra, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jipprovdu tali evidenza verifikabbli u informazzjoni sabiex tlesti l-valutazzjoni tagħha dwar l-argumenti ta' hawn fuq.

3.4. Marġni tad-dumping

- (123) Għall-produtturi esportaturi kkampjunati, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju pponderat ta' kull tip ta' prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju pponderat tat-tip korrispondenti għall-prodott ikkonċernat, f'konformità mal-Artikoli 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.
- (124) Il-marġni tad-dumping għall-produtturi esportaturi li kkooperaw u li ma kinux kkampjunati kien stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku. Dan il-marġni ġie kkalkulat bħala medja gponderata fuq il-bażi tal-marġnijiet stabbiliti għall-produtturi esportaturi kkampjunati.
- (125) Fir-rigward tal-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha fir-RPĊ, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell ta' kooperazzjoni fir-RPĊ. Dan tkejjel billi ġie vvalutat il-proporzjon tal-volum ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni tal-produtturi esportaturi li kkooperaw, mill-volum totali ta' esportazzjoni mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni.
- (126) Il-livell ta' kooperazzjoni kien għoli. Għaldaqstant, il-marġni ta' dumping residwu applikabbli għall-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha fir-RPĊ ġie proviżorjament stabbilit fuq livell li jikkorrispondi għall-ogħla marġni ta' dumping misjub għall-produtturi esportaturi kkampjunati li kkooperaw.
- (127) Il-marġnijiet proviżorji tad-dumping mogħtija bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Tabella 1

Kumpanija	Il-marġni proviżorju ta' dumping
Bodo Vehicle Group Co., Ltd.	90,6 %
Giant Electric Vehicle (Kunshan) Co., Ltd;	34,6 %
Jinhua Vision Industry Co., Ltd u Yongkang Hulong Electric Vehicle Co., Ltd.	42,8 %
Suzhou Rununion Motivity Co., Ltd.	106,4 %
Produtturi esportaturi li kkooperaw li mhumiex ikkampjunati (ara l-Anness)	51,0 %
Il-kumpaniji l-oħra kollha	106,4 %

4. DANNU

4.1. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

- (128) Fil-bidu tal-perjodu li qed jiġi kkunsidrat, wieħed u erbgħin produttur immanifatturaw il-prodott simili fl-Unjoni. Huma jikkostitwixxu l-“industrija tal-Unjoni” fis-sens tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku. Erba' minnhom waqfu l-produzzjoni tagħhom matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (129) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni ġiet stabbilita flivell ta' madwar 1,1 miljun unità. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra abbażi taċ-ċifra tal-konsum sottomessa mill-Konfederazzjoni tal-Industrija Ewropea tar-Roti (“Confederation of the European Bicycle Industry”, “CONEBI”), tal-istatistika dwar l-importazzjoni, u tal-proporzjon ta' bejgħ imqabbel mal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni kkampjunati.
- (130) Wieħed mill-partijiet interessati ppreżenta l-fatt li żewġ produtturi tal-Unjoni huma wkoll importaturi ta' roti elettriċi. Madankollu, huma ma saħqux li dawn il-produtturi għandhom jiġu esklużi mid-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni, u lanqas ma ppreżentaw argumenti dwar għalfejn għandhom jiġu esklużi. L-importazzjonijiet fihom infushom ma jikkostitwixxux raġuni għal esklużjoni mid-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni.
- (131) Parti oħra saħqet li l-kumpanija ATALA u l-kumpanija relatata tagħha Accell Nederland ma għandhomx jiffurmaw parti mill-industrija tal-Unjoni, minħabba li ATALA timporta roti elettriċi mir-RPĊ. Skont il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament bażiku, ATALA u Accell mhumiex relatati. F'kull każ, l-importazzjonijiet fihom infushom, ma jikkostitwixxux raġuni għal esklużjoni mid-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

- (132) Produtturi tal-Unjoni oħra li talbu l-kunfidenzjalità rrappurtaw xi importazzjonijiet mir-RPĊ. Dawn il-kumpaniji, flimkien ma' dawh li jissemmew fil-Premessi (130) u (131), jirrappreżentaw inqas minn 5 % tal-produzzjoni u l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, dawn ma għandhom ebda impatt materjali fuq l-indikaturi tad-dannu tal-industrija tal-Unjoni iġenerali. Jekk dawn il-kumpaniji jitqisux bħala parti mill-industrija tal-Unjoni ma għandu ebda impatt materjali fuq l-analiżi tad-dannu. Din il-kwistjoni se tiġi eżaminata ulterjorment għas-sejbiet finali.

4.2. Konsum tal-Unjoni

- (133) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni abbażi tal-informazzjoni ppreżentata minn CONEBI.
- (134) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 2

Il-konsum tal-Unjoni (unitajiet)

	2014	2015	2016	PI
Konsum total tal-Unjoni (unitajiet)	1 139 000	1 363 842	1 666 251	1 982 269
Indiċi	100	120	146	174

Sors: CONEBI

- (135) Il-konsum tal-Unjoni żdied b'mod kostanti minn 1,1 miljun unità fl-2014 għal kważi 2 miljun unità matul il-perjodu ta' investigazzjoni, li jirrifletti tkabbir ta' 74 % matul il-perjodu kkunsidrat. Dan l-iżvilupp kien dovut għal sensibilizzazzjoni ambjentali akbar u investment kontinwu fil-kummerċjalizzazzjoni u fil-promozzjoni, kif ukoll fl-iżvilupp teknoloġiku tar-roti elettriċi.

4.3. Importazzjonijiet mir-RPĊ

4.3.1. Volum u sehem tas-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ

- (136) Mill-2017, ir-roti elettriċi ġew ikklassifikati taħt il-kodiċi NM 8711 60 10. Qabel l-2017, ir-roti elettriċi kienu kklassifikati taħt (dak li kien) il-kodiċi NM 8711 90 10, li taħtu kienu inklużi prodotti oħra. Biex jegħleb din il-kwistjoni, l-ilmentatur ippreżenta statistika dettaljata tad-dwana Ċiniża li fiha huwa seta' jidentifika l-esportazzjonijiet Ċiniżi tar-roti elettriċi.
- (137) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet abbażi tad-*data* tal-Eurostat, billi estrapolat sal-kodiċi HS rilevanti l-proporzjon ta' esportazzjonijiet Ċiniżi ta' rotu elettriċi (kif stabbilit hawn fuq) fuq l-esportazzjonijiet totali mir-RPĊ taħt l-istess kodiċi HS. Għad-disa' xhur tal-2017, l-istatistika Ċiniża dwar l-importazzjoni ġiet ibbażata direttament fuq l-Eurostat.
- (138) Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ġie stabbilit billi tqabblu l-volumi tal-importazzjonijiet mal-konsum tal-Unjoni kif jidher fit-Tabella 2 tal-premessa (134).
- (139) L-importazzjonijiet fl-Unjoni mir-RPĊ żviluppaw kif ġej:

Tabella 3

Volum tal-importazzjoni (unitajiet) u sehem mis-suq

	2014	2015	2016	PI
Volum ta' importazzjonijiet mir-RPĊ (unitajiet)	199 728	286 024	389 046	699 658
Indiċi	100	143	195	350
Sehem mis-suq (%)	18	21	23	35
Indiċi	100	120	133	201

Sors: Eurostat, statistika dwar l-esportazzjoni Ċiniża

- (140) Il-volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ qabeż it-triplu, fejn żdied minn kważi 200 000 unità fl-2014 għal kważi 700 000 unità fil-perjodu ta' investigazzjoni. Il-pass tat-tkabbir aċċelera bejn l-2016 u l-perjodu ta' investigazzjoni.
- (141) B'mod parallel, is-sehem mis-suq tal-Unjoni li kellu l-importazzjonijiet mir-RPĊ żdied minn 17 % fl-2014 għal 35 % fil-perjodu tal-investigazzjoni.
- (142) Is-CCCME esprimiet it-tħassib tagħha rigward l-affidabbiltà tal-istatistika tad-dwana Ċiniża li ġiet ippreżentata mill-ilmentatur, u talbet id-divulgazzjoni tal-istatistika dettaljata u s-sors ta' din id-*data*.
- (143) L-ilmentatur qiegħed l-istatistika ddettaljata li ntużat bħala sostenn għall-ilment tiegħu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni. Fuq il-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment, l-ilmentatur qiegħed għad-dispożizzjoni ċ-ċifri aggregati tal-esportazzjoni għal kull sena. L-ilmentatur indika wkoll li s-sors kien id-dwana Ċiniża, semma l-kodiċijiet użati u spjega l-metodoloġija tiegħu biex jeskludi prodotti oħra li mhumiex il-prodott ikkonċernat.
- (144) Permezz ta' verifika ta' din id-*data*, il-Kummissjoni stabbiliet li l-ilmentatur kien xtara l-istatistika tad-dwana Ċiniża pprovduta minn kumpanija li ilha stabbilita f'dan il-qasam, u li l-istess informazzjoni kienet disponibbli minn fornituri ta' servizzi Ċiniżi oħra.
- (145) Min-naħa l-oħra, il-verifika wriet ukoll li l-ilmentatur kien iddeskriva bir-reqqa fil-fajl miftuħ il-metodoloġija segwita sabiex jiġu stabbiliti l-esportazzjonijiet ta' roti elettriċi mir-RPĊ.
- (146) Barra minn hekk, id-*data* dettaljata ppreżentata mill-ilmentatur ġie ikkontroverifikata ma' sorsi oħra ta' informazzjoni, u kienet affidabbli. Ebda parti oħra ma pproponiet sors alternattiv ta' informazzjoni jew ta' metodoloġija alternattiva.
- (147) Il-Kummissjoni stabbilixxiet ukoll li d-*data* dettaljata u l-identità tal-kumpanija li tforni din l-informazzjoni kienu ta' natura kunfidenzjali fis-sens tal-Artikolu 19(1) tar-Regolament bażiku. L-iżvelar tal-identità tal-fornitur tal-informazzjoni jkollu effett negattiv sinifikanti fuq il-persuna li tipprovdil l-informazzjoni jew fuq il-persuna li mingħandha tkun inkisbet l-informazzjoni.
- (148) F'dawn iċ-ċirkostanzi, u minħabba l-livell ta' divulgazzjoni tad-*data* aggregata u l-metodoloġija fuq il-fajl mhux kunfidenzjali, il-Kummissjoni qieset li d-*data* tal-input u l-identità tal-kumpanija li qed tbigħhom mill-ġdid mhumiex meħtieġa biex il-parti kkonċernata teżerċita d-drittijiet tad-difiża tagħha.
- (149) Għalhekk, l-argument tas-CCCME ma ntlagħax.
- (150) Il-partijiet interessati ddikjaraw li l-importazzjonijiet mir-RPĊ segwew xejriet tas-suq, peress li kemm il-konsum fl-Unjoni kif ukoll l-esportazzjonijiet Ċiniżi kienu qegħdin jiżdiedu. Madankollu, huwa osservat li d-daqs tat-tkabbir bejn l-esportazzjonijiet Ċiniżi u l-konsum fl-Unjoni huwa differenti ħafna. Bejn l-2014 u l-perjodu ta' investigazzjoni, l-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu b'250 % filwaqt li l-konsum fl-Unjoni żdied b'pass ħafna iktar bil-mod b'74 %. Għalhekk, filwaqt li x-xejra kienet ċertament l-istess, id-daqs taż-żieda kien differenti ħafna.

4.3.2. Prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ u t-twaqqiġ tal-prezz

- (151) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet abbażi tad-*data* tal-Eurostat, billi segwiet il-metodu deskritt fil-premessa (137).
- (152) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet fl-Unjoni mir-RPĊ żviluppa kif ġej:

Tabella 4

Prezzijiet tal-importazzjoni (EUR/unità)

	2014	2015	2016	PI
Ir-RPĊ	472	451	477	422
Indiċi	100	96	101	89

Sors: Eurostat, statistika dwar l-esportazzjoni Ċiniża

- (153) Il-prezz medju tal-importazzjoni mir-RPĊ naqas bi 11 % bejn l-2014 u l-perjodu ta' investigazzjoni, bl-ewwel tnaqqis ta' 4 % bejn l-2014 u l-2015 u t-tieni tnaqqis ta' 12 % bejn l-2016 u l-perjodu ta' investigazzjoni.
- (154) Peress li t-taħlita ddettaljata tat-tip tal-prodott ma kinitx magħrufa minħabba n-natura ġenerali tal-Eurostat, l-evoluzzjoni tal-prezzijiet mhijiex kompletament affidabbli. Madankollu, il-Kummissjoni osservat li l-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet mir-RPĊ kienu sinifikattivament taħt dawk tal-produtturi tal-Unjoni u tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra għajr ir-RPĊ. Barra minn hekk, filwaqt li l-esportaturi Ċiniżi espandew il-firxa ta' prodotti tagħhom mibjugħa fis-suq tal-Unjoni u inkludew roti elettriċi aktar għaljin, il-prezz medju tal-importazzjonijiet Ċiniżi naqas.
- (155) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqiġ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblat:
- (1) il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati, skont it-tip ta' prodott, tal-erba' produtturi tal-Unjoni kkampjunati li ġew iddebitati lill-klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal livell tal-prezz mill-fabbrika; kif ukoll;
 - (2) il-prezzijiet medji ponderati korrispondenti, għal kull tip ta' prodott, tal-importazzjonijiet mill-produtturi esportaturi fir-RPĊ kkampjunati lejn l-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi CIF, b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali ta' 6 % u għall-kostijiet tal-importazzjoni.
- (156) Il-MOFCOM stqarret li l-analiżi tat-twaqqiġ tal-prezz għandha tiegħu inkunsiderazzjoni diversi elementi, bħalma huma t-tip ta' roti elettriċi (eż. city-bike elettrika u rota elettrika għall-isport (electric mountain bike), il-post fejn tinsab il-magna (muturi tal-buttun tar-rota jew muturi ċentrali), il-qawwa tal-batterija u l-materjal li minnu ssir ir-rota elettrika (eż. l-azzar, l-aluminju, l-karbonju). Huwa kkonfermat li dawn il-fatturi kollha kienu kkunsidrati meta saret l-analiżi tat-twaqqiġ tal-prezz.
- (157) Il-Kummissjoni qabblat il-prezzijiet fuq bażi ta' tip b'tip għat-tranżazzjonijiet, aġġustati kif xieraq fejn meħtieġ, u wara t-tnaqqis ta' ribassi u skontijiet. Rigward il-livell ta' kummerċ ta' dawn it-tranżazzjonijiet, ġie stabbilit li kemm il-produtturi tal-Unjoni kkampjunati kif ukoll l-esportaturi Ċiniżi kkampjunati jbigħu kemm lil klijenti OEM kif ukoll taħt il-marka tagħhom stess. Għalhekk, ġie eżaminat jekk kienx iġġustifikat aġġustament għal-livell ta' kummerċ. F'dan ir-rigward, ġie eżaminat jekk hemmx differenza konsistenti u distinta fil-prezzijiet bejn il-bejgħ lil klijenti OEM u l-bejgħ taħt il-marka tagħhom stess. Ġie stabbilit li ma teżisti ebda differenza konsistenti u distinta bħal din fil-prezzijiet għall-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni kkampjunati.
- (158) Ir-riżultat tat-tqabbil ġie espress bħala perċentwal tal-fatturat tal-erba' produtturi tal-Unjoni kkampjunati matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Wera marġnijiet ta' twaqqiġ tal-prezz li jvarjaw minn 16,2 % sa 41 %.

4.4. Qagħda Ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

4.4.1. Kummenti ġenerali

- (159) B'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-analiżi tal-impatt li għandhom l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni tinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li għandhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.
- (160) Kif imsemmi fil-premissa (28), intuża l-kampjunar għad-determinazzjoni tad-dannu possibbli li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.
- (161) Biex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi.
- (162) Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi (il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum ta' bejgħ, is-sehem mis-suq, l-impjieg, it-tkabbir, il-produttività, il-kobor tal-marġni tad-dumping, u l-irkupru mid-dumping fl-imgħoddi) abbażi tal-informazzjoni pprovduta minn CONEBI, tal-istatistika dwar l-importazzjoni u tal-produtturi tal-Unjoni kkampjunati.
- (163) Il-Kummissjoni vverifikat iċ-ċifra tal-konsum ippreżentata minn CONEBI. Il-Kummissjoni stabbilixxiet li din l-informazzjoni kienet ibbażata ġenwinament fuq l-informazzjoni miġbura minn assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-produtturi Ewropej, li kienet idderivata minn dikjarazzjonijiet tal-impriżi jew stimi raġonevoli u li din kienet appoġġata minn dokumentazzjoni adegwata u proċeduri ta' riċerka.

- (164) L-indikaturi tal-bejgħ, tal-produzzjoni, tal-kapaċità u tal-impjeg tal-Industrija tal-Unjoni jidderiwaw minn din l-informazzjoni. Dawn ġew stmati abbażi tal-proporzjonijiet rilevanti tal-produtturi tal-Unjoni kkampjunati. Dan l-approċċ isegwi l-metodoloġija deskritta mill-ilmentatur fil-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment. Ebdha parti interessata ma għamlet xi kumment dwar din il-metodoloġija.
- (165) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni kkunsidrat li s-sett ta' *data* makroekonomika huwa rappreżentattiv tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.
- (166) Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi (prezzijiet medji tal-bejgħ ta' kull unità, il-kostijiet lavorattivi, il-kost tal-unità, l-inventarji, il-profittabilità, il-fluss ta' flus, l-investimenti, u r-redditu fuq l-investimenti) abbażi tad-*data* fit-tweġibiet tal-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni kkampjunati, verifikati kif xieraq. Id-*data* relatata mal-produtturi tal-Unjoni kkampjunati.

4.4.2. Indikaturi makroekonomiċi

4.4.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

- (167) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 5

Il-produzzjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	2014	2015	2016	PI
Volum tal-produzzjoni (unitajiet)	842 531	987 111	1 108 087	1 089 541
<i>Indiċi</i>	100	117	132	129
Il-kapaċità tal-produzzjoni (unitajiet)	1 140 553	1 397 145	1 694 853	1 538 347
<i>Indiċi</i>	100	122	149	135
Użu tal-kapaċità (%)	74	71	65	71
<i>Indiċi</i>	100	96	89	96

Sors: CONEBI, produtturi tal-Unjoni kkampjunati

- (168) Il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdied b'29 % matul il-perjodu kkunsidrat, minkejja tnaqqis ta' 2 % bejn l-2016 u l-perjodu ta' investigazzjoni.
- (169) Iż-żieda fil-produzzjoni ġiet xprunata miż-żieda fil-konsum. Il-produzzjoni trid tiġi ppjanata qabel staġuni ta' bejgħ qosra ħafna, u għalhekk sa ċertu punt tiddependi fuq it-tbassir tal-bejgħ. Għalhekk, it-tnaqqis fil-produzzjoni bejn l-2016 u l-perjodu ta' investigazzjoni kien primarjament relatat ma' telf kontinwu tas-sehem mis-suq għall-importazzjonijiet mir-RPĊ, li ġiegħel lill-Industrija tal-Unjoni biex terġa' tivvaluta l-aspettattivi tagħha.
- (170) Il-kapaċità tal-produzzjoni żdiedet b'35 % bejn l-2014 u l-perjodu ta' investigazzjoni. Bejn l-2014 u l-2016, il-kapaċità tal-produzzjoni żdiedet b'49 %, u mbagħad naqset b'9 % bejn l-2016 u l-perjodu ta' investigazzjoni.
- (171) L-użu tal-kapaċità naqas minn 74 % fl-2014 għal 71 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Bejn l-2014 u l-2016, l-użu tal-kapaċità naqas minn 74 % għal 65 % minħabba aktar tkabbir fil-kapaċità milli fil-produzzjoni. Ix-xejra marret għall-kuntrarju bejn l-2016 u l-perjodu ta' investigazzjoni, meta l-kapaċità naqset aktar mit-tnaqqis fil-produzzjoni, li ġġenera żieda minn 65 % għal 71 % fl-użu tal-kapaċità.
- (172) Il-kapaċità tirreferi għall-għadd teoretiku ta' roti elettriċi li jistgħu jiġu mmanifatturati fil-linji ta' produzzjoni disponibbli. Il-linji ta' produzzjoni li attwalment jintużaw għall-manifattura ta' roti elettriċi huma prinċipalment ikkonvertiti mil-linji ta' produzzjoni eżistenti li qabel kienu jintużaw għal roti konvenzjonali. Din il-konverżjoni tista' ssir malajr u ma tiswiex ħafna flus. Il-kapaċità ta' manifattura tar-roti elettriċi tirrappreżenta porzjon żgħir mill-kapaċità eżistenti għall-manifattura ta' roti konvenzjonali. Għalhekk, l-indikaturi tal-kapaċità u l-użu tal-kapaċità huma ta' rilevanza limitata peress li jistgħu jiġu adattati biex jieħdu kont tal-iżviluppi tas-suq. F'dan il-każ partikolari, il-Kummissjoni stabbiliet ukoll li l-konverżjoni bejn ir-roti elettriċi u dawk konvenzjonali wkoll ma tehtiegħ investiment sinifikanti (b'impatt fuq il-likwidità, l-abbiltà li jiġi ġġenerat il-kapital, jew it-tkomplija ta' operazzjonijiet), spjaza fissa sinifikanti (b'impatt kbir fuq il-profittabbiltà marbuta mal-użu), jew restrizzjoni biex tiżdied il-produzzjoni.

4.4.2.2. Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

(173) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 6

Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

	2014	2015	2016	PI
Volum ta' bejgħ totali fis-suq tal-Unjoni (unitajiet)	862 168	941 937	1 074 335	1 042 268
<i>Indiċi</i>	100	109	125	121
Sehem mis-suq (%)	76	69	64	53
<i>Indiċi</i>	100	91	85	69

Sors: CONEBI, produtture tal-Unjoni kkampjunati

- (174) Il-volum ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdied b'21 % matul il-perjodu kkunsidrat. Bejn l-2014 u l-2016, il-volum ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdied b'25 %, u mbagħad naqas bi 3 % bejn l-2016 u l-perjodu ta' investigazzjoni.
- (175) B'mod simili għall-iżvilupp tal-volum tal-produzzjoni, iż-żieda fil-kwantità ta' bejgħ bejn l-2014 u l-2016 kienet xprunata minn konsum li kien qed jiżdied. It-tnaqqis fil-kwantità ta' bejgħ bejn l-2016 u l-perjodu ta' investigazzjoni kien relatat direttament mat-telf kontinwu ta' sehem mis-suq għall-importazzjonijiet mir-RPĊ.
- (176) Il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdied b'rata ħafna aktar bil-mod milli l-iżvilupp tal-konsum. B'konsegwenza ta' dan, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas b'mod sinifikanti, minn 76 % fl-2014 għal 53 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

4.4.2.3. Tkabbir

- (177) L-Industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika għal kollox mit-tkabbir fil-konsum bejn l-2014 u l-perjodu ta' investigazzjoni. Tabilħaqq, il-konsum żdied b'74 % u l-industrija tal-Unjoni rnexxielha żżid il-bejgħ tagħha b'21 % biss. B'konsegwenza ta' dan, matul dan il-perjodu l-industrija tal-Unjoni tilfet sehem sinifikanti mis-suq (23 punt perċentwali). L-Industrija tal-Unjoni kellha tnaqqas il-produzzjoni, il-bejgħ, l-impjeg u l-kapaċità tagħha bejn l-2016 u l-perjodu ta' investigazzjoni, minħabba importazzjonijiet mir-RPĊ li huma l-oġġett ta' dumping.

4.4.2.4. Impjegi u produttività

(178) L-impjeg u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 7

Impjegi u produttività

	2014	2015	2016	PI
Għadd ta' impjegati	2 577	3 030	3 546	3 610
<i>Indiċi</i>	100	118	138	140
Produttività (unitajiet/impjegat)	327	326	312	302
<i>Indiċi</i>	100	100	96	92

Sors: CONEBI, produtture tal-Unjoni kkampjunati

(179) L-industrija tal-Unjoni żiedet il-livell ta' impjieg b'40 % matul il-perjodu kkunsidrat. Il-biċċa l-kbira minn din iż-żieda seħħet bejn l-2014 u l-2016. L-impjieg żdied bi 2 % bejn l-2016 u l-perjodu ta' investigazzjoni.

(180) Il-produttività naqset bi 8 % b'riżultat taż-żieda fl-impjieg li kienet aktar veloċi milli dik fil-produzzjoni.

4.4.2.5. Daqs tal-marġni tad-dumping u rkupru minn dumping tal-passat

(181) L-impatt tad-daqs tal-marġnijiet attwali tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien sostanzjali, meta jitqies il-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ.

(182) Ma hemm ebda evidenza ta' dumping fil-passat.

4.4.3. Indikaturi mikroekonomiċi

4.4.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(183) Matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat, il-prezzijiet unitarji medji pponderati tal-bejgħ tal-erba' produttori tal-Unjoni kkampjunati lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej:

Tabella 8

Il-prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni

	2014	2015	2016	PI
Il-prezz unitarju medju tal-bejgħ fl-Unjoni (EUR/unità)	1 112	1 156	1 237	1 276
<i>Indiċi</i>	100	104	111	115
Il-kost unitarju tal-produzzjoni (EUR/unità)	1 068	1 134	1 173	1 234
<i>Indiċi</i>	100	106	110	116

Sors: produttori tal-Unjoni kkampjunati

(184) Il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-produttori tal-Unjoni kkampjunati żdiedu bi 15 % matul il-perjodu kkunsidrat, f'konformità maż-żieda fil-kost medju tal-produzzjoni li żdied b'16 %.

(185) Billi l-kostijiet u l-prezzijiet medji jiġu affettwati mit-taħlita ta' prodotti mibjugħa minn dawn il-produttori, dan ma jfissirx li l-kost u l-prezz ta' prodott kumparabbli żdied b'16 % matul il-perjodu kkunsidrat.

4.4.3.2. Kostijiet lavorattivi

(186) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-kostijiet lavorattivi medji tal-erba' produttori tal-Unjoni kkampjunati żviluppaw kif ġej:

Tabella 9

Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2014	2015	2016	PI
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	38 348	37 042	34 818	34 659
<i>Indiċi</i>	100	97	91	90

Sors: produttori tal-Unjoni kkampjunati

(187) Il-kost lavorattiv medju għal kull impjegat naqas b'10 % matul il-perjodu kkunsidrat, minħabba ż-żieda fl-għadd ta' ħaddiema tal-fabbriki meta mqabbel maż-żieda fl-għadd ta' membri tal-persunal impjegati fil-funzjonijiet tal-bejgħ u dawk amministrattivi.

4.4.3.3. Inventarji

(188) Il-livelli tal-istokk tal-erba' produttori tal-Unjoni kkampjunati żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 10

Inventarji

	2014	2015	2016	PI
Stokks tal-għeluq (unitajiet)	59 375	73 521	90 573	98 412
<i>Indiċi</i>	100	124	153	166

Sors: produttori tal-Unjoni kkampjunati

(189) Il-livell ta' stokks tal-għeluq tal-erba' produttori tal-Unjoni kkampjunati żdied b'66 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(190) Għandu jiġi osservat li l-livell ta' stokks fil-perjodu ta' investigazzjoni ttieħed fi tmiem Settembru, meta normalment l-istokks ikunu baxxi billi dan jikkoinċidi ma tmiem l-istaġun tal-bejgħ. Għall-kuntrarju, il-livell ta' stokks fil-perjodi l-oħra ttieħed fi tmiem Diċembru, meta huwa normali li l-istokks ikunu għoljin biex jiġi antiċipat l-istaġun tal-bejgħ li jkun imiss.

(191) Iż-żieda fil-ħażniet kienet għalhekk sinifikanti. Instab li dan kien minħabba l-iżvilupp ġenerali tas-suq u minħabba l-fatt li filwaqt li l-volumi ta' produzzjoni nżammu 'l isfel sew miż-żieda fil-konsum, il-volumi ta' bejgħ żviluppaw b'rata inqas mgħaġġla minn tal-produzzjoni, li ġġeneraw akkumulazzjoni ta' stokks li kienet partikolarment viżibbli fi tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni.

4.4.3.4. Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital

(192) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-erba' produttori tal-Unjoni kkampjunati żviluppaw kif ġej:

Tabella 11

Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti

	2014	2015	2016	PI
Profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	2,7	4,3	3,8	3,4
<i>Indiċi</i>	100	160	142	125
Fluss tal-flus (EUR)	5 178 860	- 5 433 666	17 079 409	4 955 399
<i>Indiċi</i>	100	- 105	330	96
Fluss tal-flus (% tal-fatturat mill-bejgħ)	1,1	- 1,0	2,5	0,6
<i>Indiċi</i>	100	- 89	218	55
Investimenti (EUR)	6 775 924	17 773 148	7 888 936	11 965 802
<i>Indiċi</i>	100	262	116	177
Redditu fuq l-investimenti (%)	18	30	38	37
<i>Indiċi</i>	100	164	213	203

Sors: produttori tal-Unjoni kkampjunati

(193) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-profittabbiltà tal-erba' produttori tal-Unjoni kkampjunati billi esprimiet il-profit nett, qabel it-taxxa, mill-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni, bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ.

- (194) Minn bażi baxxa ta' 2,7 % fl-2014, il-marġnijiet tal-profitt naqsu minn 4,3 % fl-2015 għal 3,4 % fil-perjodu ta' investigazzjoni.
- (195) Il-fluss tal-flus nett huwa l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess. Il-fluss tal-flus naqas b'4 % matul il-perjodu kkunsidrat, u qaleb għan-negattiv fl-2015. Dan ma kopriex l-investimenti mġarrba matul il-perjodu kkunsidrat.
- (196) It-tqabbil bejn il-marġni tal-profitt, f'perċentwal tal-fatturat, u l-fluss tal-flus operazzjonali espress fuq l-istess bażi juri konverżjoni dgħajfa ħafna tal-profitt fi flussi tal-flus, minħabba l-varjazzjoni fl-istokks.
- (197) L-investimenti żdiedu b'77 % matul il-perjodu kkunsidrat, filwaqt li rrappreżentaw mhux aktar minn 2 % tal-bejgħ.
- (198) Il-proporzjon tar-redditu fuq l-investimenti żdied b'103 % matul il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, filwaqt li strutturalment l-industrija tar-roti elettriċi hija negozju b'użu intensiv ta' flus kontanti, hija teħtieġ assi żgħar biex topera u dawn ġeneralment diġà jeżistu mill-produzzjoni ta' roti konvenzjonali. F'dan il-kuntest, ir-redditu fuq l-investimenti huwa ta' rilevanza limitata.
- (199) Il-prestazzjoni finanzjara dgħajfa tal-industrija tal-Unjoni f'termini ta' profitti u fluss tal-flus matul il-perjodu ta' investigazzjoni illimitat il-kapaċità tagħha li tiġġenera l-kapital.

4.4.4. Konklużjoni dwar id-dannu

- (200) Iffaċċata bi fluss dejjem jaċċelera ta' importazzjonijiet miċ-Ċina li huma l-oġġett ta' dumping, l-Industrija tal-Unjoni ma setgħetx tikkapitalizza fuq it-tkabbir tas-suq tar-roti elettriċi. Il-bejgħ żdied b'21 % fil-perjodu kkunsidrat, filwaqt li l-konsum żdied b'74 %. Intilfu 23 punti fis-sehem mis-suq, li minnhom 18 % marru għall-importazzjonijiet Ċiniżi li waqqgħu il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'bejn 16 % u 43 % fil-perjodu ta' investigazzjoni.
- (201) Il-prezzjoni fuq il-bejgħ inħasset fuq il-produzzjoni, l-istokks, il-kapaċità, l-użu tal-kapaċità u l-livelli ta' impjeg. F'termini wiesgħa, bejn l-2014 u l-2015, il-produzzjoni żdiedet bl-istess rata bħall-konsum (+ 17 % u + 20 % rispettivament). Madankollu, wara l-2015, l-industrija tal-Unjoni kienet sfurzata terġa' tivvaluta mill-ġdid l-aspettattivi tal-bejgħ tagħha. L-x-xejra fil-produzzjoni mbagħad ma segwietx b'mod sinifikanti u dejjem aktar l-iżvilupp ġenerali tas-suq, bi produzzjoni li żdiedet bi 12-il punt perċentwali u konsum li żdied b'54 punt perċentwali bejn l-2015 u l-perjodu ta' investigazzjoni.
- (202) Minkejja dan, minbarra fl-2014, il-produzzjoni kienet sistematikament ogħla mill-bejgħ, li wassal għal żieda sinifikanti fl-istokks. Il-kapaċità ta' produzzjoni, li sal-2016 kienet żdiedet f'konformità mal-konsum, imbagħad naqset biex twaqqaf id-deterjorament tar-rata ta' użu tal-kapaċità li tilfet 9 punti perċentwali bejn l-2014 u l-2016.
- (203) Bejn l-2016 u l-perjodu ta' investigazzjoni, kumplessivament, naqset il-produzzjoni, l-istokks kienu ogħla wara l-istaġun tal-bejgħ milli qablu, naqset il-kapaċità u waqaf l-impjeg, filwaqt li l-importazzjonijiet mir-RPĊ żdiedu b'155 punti perċentwali.
- (204) Il-prezzjoni fuq il-prezzijiet u l-inabbiltà li jinħatfu ekonomiji ta' skala f'suq li għadu kemm jibda żammew il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni flivelli baxxi matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat. Dan il-livell baxx ta' profitt u l-varjazzjoni tal-istokks wasslu għal flussi tal-flus operazzjonali baxxi li kienu taħt il-livell ta' investiment imġarrab matul il-perjodu kkunsidrat, u dan ħoloq element addizzjonali ta' vulnerabbiltà għal dan in-negozju b'użu intensiv ta' flus kontanti li jiddependi ħafna fuq il-likwidità pprovduta mill-banek. Erba' produtturi f'allew matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (205) Kien hemm żvilupp negattiv fl-indikaturi tad-dannu għat-tkabbir, is-sehem mis-suq, il-kapaċità, l-użu tal-kapaċità, l-istokks, il-marġnijiet tal-profitt, il-flussi tal-flus u l-abbiltà li jiġi ġġenerat kapital. Kien biss bis-saħħa tat-tkabbir sottostanti qawwi fid-domanda li l-indikaturi l-oħra ma qalbox ukoll għan-negattiv.
- (206) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet f'dan l-istadju li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali fis-sens tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

5. KAWŻALITÀ

- (207) F'konformità mal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ ikkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufin oħrajn setgħux fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni.

- (208) Il-Kummissjoni żgurat li kull dannu possibbli kkawżat minn fatturi oħrajn barra l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ ma kienx attribwit għall-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Dawn il-fatturi huma: l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra, il-prestazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni fil-bejgħ għall-esportazzjoni, u impatt allegat tal-investment u tal-espansjoni tal-kapaċitajiet.

5.1. Effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping

- (209) Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ waqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni, bil-marġnijiet ta' twaqqiġh mifruxa bejn 16,2 % u 43,2 %. Matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni tilfet 23 punt mis-sehem mis-suq f'suq li qed jikber b'74 %, filwaqt li l-importazzjonijiet mir-RPĊ żdiedu b'250 % u rebħu 17-il punt mis-sehem mis-suq, minn 18 % għal 35 %. Il-prezzjoni fuq il-prezzijiet eżerċitata mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ żammet il-profitti u l-flussi tal-flus f'livelli baxxi.

5.2. Effetti ta' fatturi oħra

5.2.1. Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

- (210) Il-volum ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 12

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2014	2015	2016	PI
It-Tajwan	Volum (unitajiet)	21 335	43 095	79 312	108 817
	<i>Indiċi</i>	100	202	372	510
	Sehem mis-suq (%)	2	3	5	5
	Prezz medju (EUR)	622	571	843	1 016
	<i>Indiċi</i>	100	92	135	163
Il-Vjetnam	Volum (unitajiet)	37 892	74 259	91 468	101 376
	<i>Indiċi</i>	100	196	241	268
	Sehem mis-suq (%)	3	5	5	5
	Prezz medju (EUR)	435	539	542	570
	<i>Indiċi</i>	100	124	125	131
L-Iżvizzera	Volum (unitajiet)	883	14 310	30 477	28 440
	<i>Indiċi</i>	100	1 621	3 452	3 221
	Sehem mis-suq (%)	0	1	2	1
	Prezz medju (EUR)	1 140	1 391	1 606	1 606
	<i>Indiċi</i>	100	122	141	141
Il-Ġappun	Volum (unitajiet)	16 994	4 217	1 613	1 710
	<i>Indiċi</i>	100	25	9	10
	Sehem mis-suq (%)	1	0	0	0
	Prezz medju (EUR)	1 098	1 406	1 687	952
	<i>Indiċi</i>	100	128	154	87

Pajjiż		2014	2015	2016	PI
Total tal-pajjiżi terzi kollha għajr ir-RPĊ	Volum (unitajiet)	77 104	135 881	202 870	240 343
	<i>Indiċi</i>	100	176	263	312
	Sehem mis-suq (%)	7	10	12	12
	Prezz medju (EUR)	641	666	828	897
	<i>Indiċi</i>	100	104	129	140

Sors: Eurostat

- (211) Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr ir-RPĊ żviluppa bil-qawwa, fejn żied is-sehem mis-suq tiegħu minn 7 % fl-2014 (77 000 unita) għal-12 % (240 000 fil-perjodu ta' investigazzjoni). Iżda r-rata taż-żieda ddeċellerat meta l-esportaturi Ċiniżi intensifikaw l-attività tagħhom wara l-2015.
- (212) Dawn l-importazzjonijiet oriġinaw kważi esklużivament mit-Tajwan u mill-Vjetnam. Minkejja dan, wara l-2015, il-Kummissjoni osservat żieda aktar bil-mod fl-importazzjonijiet mill-Vjetnam, li tista' tiġi spjegata mid-differenza sinifikanti u dejjem tikber fil-prezz meta mqabbel mal-importazzjonijiet Ċiniżi. Bl-istess mod, il-progress kontinwu tal-importazzjonijiet mit-Tajwan seħħ waqt żieda daqstant sinifikanti fil-prezzijiet, li jissuġġerixxi li jista' jkun li dawn l-importazzjonijiet ġew spostati lejn is-segment ta' livell għoli fis-suq.
- (213) Bħala medja, l-importazzjonijiet mit-Tajwan u mill-Vjetnam kellhom prezzijiet aktar baxxi mill-industrija tal-Unjoni. Madankollu, meta titqies il-firxa wiesgħa ta' prezzijiet tar-roti elettriċi, il-Kummissjoni ma tistax tikkonkludi li dawn l-importazzjonijiet waqqgħu il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni bl-istess mod. Barra minn hekk, il-prezzijiet medji tagħhom żdiedu, filwaqt li l-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet mir-RPĊ naqsu.
- (214) Minkejja dan, id-differenza bejn il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Vjetnam u l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni kienet sinifikanti, u ma jstax jiġi eskluż il-fatt li dawn ikkontribwew għad-dannu b'mod marġinali. Madankollu, l-importazzjonijiet mill-Vjetnam ma baqgħux jirbħu sehem mis-suq wara l-2015, u l-volumi tagħhom baqgħu żgħar.
- (215) Konsegwentement, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kollha barra r-RPĊ ma kisrux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni, u ma setax kellhom aktar minn effett marġinali fuq id-dannu tal-industrija tal-Unjoni.

5.2.2. Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni

- (216) Matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat, il-volum tal-esportazzjonijiet tal-erba' produttori tal-Unjoni kkampjunati żviluppa kif ġej:

Tabella 13

Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni kkampjunati

	2014	2015	2016	PI
Volum tal-esportazzjoni (unitajiet)	5 539	14 529	24 922	21 548
<i>Indiċi</i>	100	262	450	389
Prezz medju (EUR)	1 570	680	676	907
<i>Indiċi</i>	100	43	43	58

Sors: Produtturi tal-Unjoni kkampjunati

- (217) L-esportazzjonijiet barra l-Unjoni mill-produtturi tal-Unjoni kkampjunati kienu negliġibbli (3 % tal-volum totali tal-bejgħ matul il-perjodu kkunsidrat). Anki meta jitqies it-tnaqis fil-prezz medju, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni ma setgħetx kienet kawża ta' dannu.

5.2.3. *Investiment u espansjoni tal-kapaċitajiet*

- (218) Il-Kamra tal-Kummerċ Ċiniża CCCME saħqet li l-investiment fil-kapaċità rriżulta fl-2016, f'eċċess ta' kapaċità tal-produzzjoni li jmur lil hinn minn kull aspettattiva realistika tal-bejgħ, u kellu l-effetti kemm li naqqas l-użu tal-kapaċità b'mod sinifikanti kif ukoll li ħalla impatt gravi fuq il-profittabbiltà.
- (219) Il-Kummissjoni ma laqgħetx dan l-argument. L-ewwel nett, ma jistax jingħad li l-investiment fil-kapaċità kien lil hinn minn kull aspettattiva realistika tal-bejgħ. Kif jidher fit-Tabella 5 hawn fuq, il-kapaċità tal-produzzjoni żdiedet bi 300 000 unità bejn l-2015 u l-2016. Dan jikkonforma kompletament mat-tkabbir fil-konsum bejn l-2015 u l-2016, li wkoll kien ta' 300 000 unità kif jidher fit-Tabella 2 hawn fuq. Minħabba l-pressjoni inġusta mill-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping, l-industrija tal-Unjoni sussegwentement naqqset il-kapaċità tal-produzzjoni tagħha bejn l-2016 u l-perjodu ta' investigazzjoni b'aktar minn 150 000 unità, minkejja li kien hemm tkabbir fis-suq ta' aktar minn 300 000 unità.
- (220) It-tieni, il-Kummissjoni osservat li l-livell ta' nefqa kapitali ma kienx għoli. Għall-kuntrarju, dan kien taħt 2 % tal-fatturat totali matul il-perjodu kkunsidrat. L-industrija tal-Unjoni kkonvertiet il-linji ta' produzzjoni eżistenti u għalhekk, iż-żieda fil-kapaċità ma kinitx motivatur kbir tan-nefġiet kapitali.
- (221) It-tielet, in-nefġiet kapitali ma ġewx ikkunsidrati fil-profittabbiltà (minbarra għad-deprezzament u l-amortizzament li ma żdidux materjalment) jew fil-flussi tal-flus (li jinsabu flivell operazzjonali). Għalhekk, mhuwiex preċiż li dawn l-indikaturi jiġu interpretati fid-dawl tal-livell ta' investimenti.
- (222) Fl-aħħar nett, l-indikaturi tal-Kummissjoni wrew li l-kost tal-produzzjoni żdied flinja mal-prezzijiet tal-bejgħ. B'riżultat ta' dan, ma jistax jingħad li ż-żieda fil-kapaċità kellha impatt sproporzjonat fuq il-kost tal-produzzjoni.

5.3. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

- (223) Il-Kummissjoni b'mod proviżorju stabbilixxiet rabta kawżali bejn id-dannu mġarrab mill-produtturi tal-Unjoni u l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ.
- (224) Il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi kollha magħrufa dwar is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.
- (225) B'mod proviżorju, il-fatturi identifikati l-oħra bħal importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra, il-prestazzjoni tal-bejgħ minn esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni, u l-impatt allegat tal-investiment u tal-espansjoni fil-kapaċità ma nstabux li jkissru r-rabta ta' kawżalità, anki jekk jitqies l-effett ikkombinat possibbli tagħhom.
- (226) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, f'dan l-istadju l-Kummissjoni kkonkludiet li d-dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ u li l-fatturi l-oħra, meqjusa individwalment jew kollettivament, ma attenwawx ir-rabta ta' kawżalità bejn id-dannu u l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

6. **INTERESSI TAL-UNJONI**

- (227) F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx tikkonkludi biċ-ċar li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri f'dan il-każ, minkejja li ġie ddeterminat dumping dannuż. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tal-interessi varji kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija, tal-importaturi u tal-utenti tal-Unjoni.

6.1. **Interess tal-fornituri**

- (228) CONEBI, li tlaqqa' flimkien assoċjazzjonijiet nazzjonali li jirrappreżentaw kemm il-manifatturi tar-roti kif ukoll il-fornituri tal-partijiet, tappoġġa l-impożizzjoni ta' miżuri. Madankollu, ebda fornitur ma ħa pożizzjoni individwali f'din l-investigazzjoni.
- (229) Skont iċ-ċifri ppreżentati minn CONEBI, il-partijiet tar-roti (kemm għar-roti konvenzjonali kif ukoll għar-roti elettriċi) jiġu mmanifatturati minn 424 kumpanija fi 19-il Stat Membru, li jimpjegaw kważi 21 000 membru tal-persunal u li, fl-2016, investew aktar minn EUR 660 miljun fil-manifattura u l-innovazzjoni.
- (230) Il-Kummissjoni kkonkludiet proviżorjament, li l-impożizzjoni ta' dazju antidumping ikun fl-interess tal-fornituri tal-industrija tal-Unjoni.

6.2. Interessi tal-industrija tal-Unjoni

- (231) L-industrija tal-Unjoni hija magħmula minn kumpaniji kbar kif ukoll żgħar u medji, u matul il-perjodu kkunsidrat kienet timpjega b'mod dirett madwar 3 600 impjegat mifruxa fi tnaħ-il Stat Membru. Barra minn hekk, filwaqt li l-konsum ta' roti elettriċi għadu jirrappreżenta porzjon żgħir mis-suq kumplessiv tar-roti, il-bidla fid-domanda minn roti konvenzjonali għal roti elettriċi hija rapida u tippreżenta sfida strutturali biex jinżammu l-livell ta' attività, il-valur miżjud u l-impjiegi fl-industrija kollha tar-roti.
- (232) Kif muri fit-taqsimha 4.4.4 hawn fuq, fl-analiżi tal-iżvilupp tal-indikaturi tad-dannu sa mill-bidu tal-perjodu kkunsidrat, l-industrija sħiħa tal-Unjoni esperjenzat deterjorament tas-sitwazzjoni tagħha u kienet affettwata b'mod negattiv mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.
- (233) Il-Kummissjoni tistenna li l-impożizzjoni ta' dazju antidumping proviżorju se jippermetti li l-produtturi kollha joperaw taħt kundizzjonijiet ta' kummerċ ġust fis-suq tal-Unjoni. Fin-nuqqas ta' miżuri, huwa probabbli ħafna li jkun hemm deterjorament ulterjuri tas-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni.
- (234) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod proviżorju li l-impożizzjoni ta' dazji antidumping tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

6.3. Interess ta' importaturi mhux relatati

- (235) Is-CEIEB interveniet biex topponi l-impożizzjoni ta' miżuri. Hija rrappreżentat wieħed u għoxrin importatur minn seba'Stati Membri.
- (236) Mill-membri tas-CEIEB, hdx kienu pparteċipaw fl-eżerċizzju ta' kampjunar. Barra minn hekk, żewġ kumpaniji kkampjunati barra minn din il-kollektiva esprimew ukoll in-nuqqas ta' qbil tagħhom mal-impożizzjoni ta' miżuri antidumping. Flimkien, it-tlettax-il kumpanija li għalihom huma magħrufin l-importazzjonijiet irrappreżentaw 10 % mill-importazzjonijiet totali mir-RPĊ fil-perjodu ta' investigazzjoni.
- (237) Il-preżentazzjonijiet li saru mill-importaturi kkampjunati wrew li l-impożizzjoni tad-dazji x'aktarx kienet se tfixkel il-katini ta' provvista tagħhom mill-inqas temporanjament, kif ukoll thedded il-pożizzjoni finanzjarja tagħhom jekk ma setgħux jgħaddu l-kostijiet miżjuda relatati mad-dazju lill-klijenti tagħhom.
- (238) Il-preżentazzjonijiet li saru mill-importaturi kkampjunati wrew ukoll li l-akbar importaturi setgħu isibu sorsi oħra ta' roti elettriċi xierqa u/jew kellhom sorsi alternattivi potenzjali ta' forniment barra mir-RPĊ, inkluża l-industrija tal-Unjoni. Dawn l-importaturi jimpjegaw il-biċċa l-kbira mill-impjegati msemmija fil-premessa (236).
- (239) L-istatistika dwar l-importazzjoni turi li l-Vjetnam u t-Tajwan ipprovdew volumi sinifikanti ta' roti elettriċi lill-importaturi Ewropej. Huwa probabbli wkoll li pajjiżi oħra li jinsabu f'pożizzjoni tajba fil-manifattura ta' roti konvenzjonali jistgħu, potenzjalment, ifornu lill-importaturi.
- (240) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tosserva li l-impożizzjoni tad-dazji fuq l-importazzjonijiet ta' roti konvenzjonali mir-RPĊ ma kellhiex l-effett li tagħlaq is-suq tal-Unjoni għall-importazzjonijiet, u għall-kuntrarju espandiet l-għadd ta' pajjiżi li jfornu roti konvenzjonali. Għall-kuntrarju, fi swieq kbar mingħajr miżuri fuq roti konvenzjonali mir-RPĊ, bħall-Istati Uniti tal-Amerka u l-Ġappun, l-importazzjonijiet kienu jirrappreżentaw 99 % u 90 % mis-suq rispettivament, u l-biċċa l-kbira minn dawn l-importazzjonijiet kienu ġejjin mir-RPĊ.
- (241) Il-Kummissjoni osservat li l-industrija tar-roti tikkonsisti f'aktar minn 450 produttur, li minnhom 37 biss attwalment jimmanifatturaw roti elettriċi. Barra minn hekk, il-manifatturi attwali ta' roti elettriċi diġà jfornu firxa wiesgħa ta' roti elettriċi, u jistgħu jżidu l-kapaċitajiet tal-produzzjoni tagħhom f'kundizzjonijiet normali tas-suq.
- (242) Għalkemm l-impożizzjoni ta' dazji jista' jkollha effett avvers fuq għadd ta' importaturi prinċipalment żgħar, l-impatt negattiv tal-impożizzjoni tad-dazji jista' jiġi mmitigat bid-disponibbiltà ta' sorsi ta' roti xierqa fl-industrija tal-Unjoni, f'pajjiżi terzi oħra u fir-RPĊ bi prezzijiet ġusti.
- (243) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-impożizzjoni tad-dazji ma kinitx fl-interess tal-importaturi, iżda li l-effett negattiv probabbli fuq l-importaturi ma kienx akbar mill-effett pożittiv tal-miżuri fuq l-industrija tal-Unjoni.

6.4. Interess tal-utenti

- (244) Il-Federazzjoni Ewropea taċ-Ċiklisti ("ECF") interveniet f'din l-investigazzjoni. L-ECF tirrappreżenta l-assoċjazzjonijiet u l-federazzjonijiet taċ-ċiklisti. L-ECF ippreżentat l-argument li l-prezz mhuwiex il-fattur li jiddetermina jekk in-nies jużawx ir-roti aktar jew inqas, u pprovdiet evidenza li l-pajjiżi fejn in-nies jużaw l-aktar roti huma daww fejn ir-roti u r-roti elettriċi huma aktar għaljin.

- (245) Din ix-xejra ġiet ikkorroborata minn preżentazzjoni li saret mill-kollektiva tal-importaturi li kienu kontra l-miżuri, li wriet li l-pajjiżi bir-rati l-aktar veloċi ta' adozzjoni tar-roti elettriċi kienu l-pajjiżi fejn, bħala medja, ir-roti elettriċi kienu l-aktar għaljin.
- (246) Il-kollektiva tal-importaturi ppreżentat ukoll l-argument li kien hemm rabta qawwija bejn il-prezzijiet tar-roti elettriċi, il-kultura nazzjonali taċ-ċikliżmu, il-kwalità tal-infrastrutturi u, fl-aħħar mill-aħħar, l-adozzjoni tar-roti elettriċi.
- (247) L-ECF tappoġġa kundizzjonijiet tas-suq li jrawmu l-kwalità, l-innovazzjoni u s-servizzi. Għalhekk, li kieku dumping jiġi stabbilit, l-ECF saħqet li dan ikollu rwol negattiv fl-iżvilupp tar-roti elettriċi u, konsegwentement, fuq it-tranżizzjoni għal Ewropa aktar ekoloġika li toffri mobbiltà aktar effettiva liċ-ċittadini tagħha.
- (248) Min-naħa l-oħra, il-kollektiva tal-importaturi li kienet kontra l-impożizzjoni tal-miżuri ppreżentat l-argument li l-miżuri ma jħallux lill-produtturi Ċiniżi la jfornu l-prodotti ta' livell baxx u lanqas jiżviluppaw prodotti ta' livell medju u għoli, li jirriżulta f'inqas kompetizzjoni. Billi, allegatament, sa ċertu punt l-industrija tal-Unjoni hija attiva fis-segment medju u f'dak għoli, dan ikun iwassal għal inqas għażla u prezzijiet ogħla għall-konsumaturi Ewropej.
- (249) L-investigazzjoni wriet li l-industrija tal-Unjoni hija attiva fis-segmenti kollha tas-suq, inklużi prodotti ta' livell baxx. Huwa mistenni li l-miżuri jimplifikaw u jddiversifikaw il-forniment ta' rotu elettriċi billi jirrestawraw il-kompetizzjoni f'kundizzjonijiet ekwi. Ta' min jiftakar li l-impożizzjoni tal-miżuri fuq rotu konvenzjonali ma naqqasx l-għażla tal-konsumaturi, iżda żiedet id-diversità tal-fornituri u tal-pajjiżi ta' oriġini tagħhom. Għalhekk, instab li l-argument ma kienx sostanzjat u kellu jiġi rrifjutat.
- (250) Filwaqt li l-impożizzjoni tal-miżuri hija mistennija tirrestawra l-prezzijiet tas-suq li huma *de facto* ogħla mill-prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping, il-prezz huwa wieħed mill-fatturi li jiggwida l-għażla tal-konsumaturi, u l-impatt probabbli fuq il-prezzijiet għall-konsumaturi jrid jiġi bbilanċjat minn tqabbil tal-kostijiet-benefiċċji mal-alternattivi għar-rotu elettriċi, bħal karozzi, muturi jew scooters.
- (251) Il-Kummissjoni sabet li l-interess tal-konsumatur ma jistax jitnaqqas għall-impatt fuq il-prezzijiet li jirriżulta meta l-importazzjonijiet mir-RPĊ jiġu rrestawraw għal livelli mhux dannużi. Għall-kuntrarju, teżisti ħafna evidenza li l-għażla tal-konsumatur hija xprunata minn fatturi oħra, bħall-varjetà, il-kwalità, l-innovazzjoni u s-servizzi, li jistgħu jinkisbu biss taħt kundizzjonijiet normali tas-suq b'kompetizzjoni ġusta u miftuħa.
- (252) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri ma kinux se jaffettwaw b'mod mhux xieraq is-sitwazzjoni tal-konsumaturi, u li kienu se jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli tar-rotu elettriċi fl-Ewropa u għall-benefiċċji usa' tiegħu għas-soċjetà, f'termini ta' ħarsien tal-ambjent u mobbiltà aħjar.

6.5. L-interess ta' partijiet oħrajn

- (253) Fl-aħħar nett, it-Trade Union Ewropea industriAll ressqet tħassib dwar l-impatt negattiv tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fuq l-istat tal-Industrija tal-Unjoni, kif ukoll appoġġat il-miżuri għall-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi u ta' impjieġ kontinwu b'saħħtu fl-Unjoni.

6.6. Konklużjoni dwar l-interessi tal-Unjoni

- (254) Għalkemm ma jistax jiġi eliminat għalkollox l-affett avvers tal-miżuri fuq importaturi żgħar tal-prodott ikkonċernat u fuq il-prezzijiet għall-konsumaturi, dan ma huwiex akbar mill-benefiċċji għall-fornituri, l-industrija tal-Unjoni u l-konsumaturi.
- (255) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet persważivi li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri proviżorji fuq importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina fir-RPĊ f'dan l-istadju tal-investigazzjoni.

7. MIŻURI ANTIDUMPING PROVIŻORJI

- (256) Abbażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni dwar id-dumping, dannu, kawżalità u l-interess tal-Unjoni, jeħtieġ li jiġu imposti miżuri proviżorji sabiex jiġi evitat li jsir aktar dannu lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping.

7.1. Livell ta' eliminazzjoni tad-dannu

- (257) Sabiex tiddetermina l-livell tal-miżuri, il-Kummissjoni l-ewwel stabbilixxiet l-ammont ta' dazju meħtieġ biex jiġi eliminat id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.
- (258) Id-dannu jiġi eliminat li kieku l-industrija tal-Unjoni tkun kapaċi tkopri l-kostijiet tal-produzzjoni tagħha u tagħmel profitt qabel it-taxxa mill-bejgħ tal-prodott simili fis-suq tal-Unjoni, u dan jista' jinkiseb b'mod raġonevoli f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni minn industrija ta' dan it-tip fis-settur, jiġifieri fin-nuqqas ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.
- (259) Biex ikun jista' jiġi stabbilit dan il-profitt li jista' jintlaħaq b'mod raġonevoli f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni normali, il-Kummissjoni qieset il-profitti li saru fuq il-bejgħ lil klijenti mhux relatati, li jintużaw għall-fini tad-determinazzjoni tal-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu.
- (260) Proviżorjament, il-profitt fil-mira ġie stabbilit flivell ta' 4,3 %, li huwa l-ogħla marġni medju ta' profitt tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat. Il-produtturi tal-Unjoni kkampjunati ma kinux f'pożizzjoni li jipprovdur marġni ta' profitt għall-manifattura ta' roti elettriċi qabel l-2014.
- (261) Imbagħad, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu fuq il-bażi ta' tqabbil tal-prezz ta' importazzjoni medju ponderat tal-produtturi esportaturi kooperattivi kkampjunati fir-RPĊ, aġġustat kif xieraq għall-ispejjeż tal-importazzjoni u d-dazji doganali, kif stabbilit għall-kalkoli tat-twaqqiġ tal-prezz, mal-prezz mingħajr dannu medju ponderat tal-prodott simili mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni kkampjunati fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Kull differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil ġiet espressa bħala perċentwal tal-valur CIF medju pponderat tal-importazzjoni.
- (262) Il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu għal "kumpaniji kooperattivi oħra" u għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha" huwa definit bl-istess mod bħall-marġni tad-dumping għal dawn il-kumpaniji (ara l-premessi minn (123) sa (127)).

7.2. Miżuri proviżorji

- (263) Jenħtieġ li jiġu imposti miżuri antidumping proviżorji fuq l-importazzjonijiet ta' roti elettriċi li joriġinaw mir-RPĊ, f'konformità mar-regola tad-dazju inferjuri fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni qabblet il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu u l-marġnijiet tad-dumping. L-ammont tad-dazju għandu jiġi stabbilit fil-livell tal-marġni tad-dumping aktar baxx u fil-livell ta' eliminazzjoni tal-ħsara.
- (264) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, ir-rati tad-dazju proviżorju antidumping, espressi fil-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, id-dazju doganali mhux imħallas, għandhom ikunu kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping	Livell ta' eliminazzjoni tad-dannu	Dazju antidumping proviżorju
Bodo Vehicle Group Co., Ltd.	90,6 %	77,6 %	77,6 %
Giant Electric Vehicle (Kunshan) Co., Ltd	34,6 %	27,5 %	27,5 %
Jinhua Vision Industry Co., Ltd u Yongkang Hu-long Electric Vehicle Co., Ltd.	42,8 %	21,8 %	21,8 %
Suzhou Rununion Motivity Co., Ltd.	106,4 %	83,6 %	83,6 %
Produtturi esportaturi li kkooperaw mhux kkampjunati (ara l-Anness)	51,0 %	37,0 %	37,0 %
Il-kumpaniji l-oħra kollha	106,4 %	83,6 %	83,6 %

- (265) Il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat suġġetti għar-reġistrazzjoni permezz tar-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni, fid-dawl tal-possibbiltà tal-applikazzjoni retroattiva ta' kwalunkwe miżura antidumping u kumpensatorja, skont l-Artikolu 24(5) tar-Regolament bażiku antisussidji.
- (266) Rigward din l-investigazzjoni antidumping u fid-dawl tas-sejbiet imsemmijin hawn fuq, ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet għall-finijiet tal-investigazzjoni antidumping skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku jenħtieġ li tiegħaf hawn.

- (267) Rigward l-investigazzjoni antisussidji parallela, jenħtieġ li tkompli r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat skont l-Artikolu 24(5) tar-Regolament antisussidji bażiku.
- (268) L-ebda deċizzjoni dwar l-applikazzjoni retroattiva possibbli tal-miżuri antidumping ma tista' tittieħed f'dan l-istadju tal-proċediment.
- (269) Ir-rati tad-dazju antidumping ta' kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti fuq il-bażi tal-konklużjonijiet ta' din l-investigazzjoni. Għaldaqstant, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati ta' dazju huma esklussivament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mir-RPĊ u manifatturat mill-entitajiet ġuridiċi msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' daww imsemmijin b'mod speċifiku, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha". Jenħtieġ li huma ma jkunux soġġetti għal xi rati individwali ta' dazju antidumping.
- (270) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati individwali ta' dazju antidumping jekk sussegwentement hija tibdel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni ⁽¹⁾. It-talba trid tinkludi l-informazzjoni rilevanti kollha li tippermetti li jintwera li t-tibdil ma jaffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata ta' dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma jaffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata ta' dazju li tapplika għaliha, avviż dwar il-bidla tal-isem jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (271) Biex ikun żgurat infurzar xieraq tad-dazji antidumping, id-dazju antidumping għall-kumpaniji l-oħra kollha jenħtieġ li japplika mhux biss għall-produtturi esportaturi li ma jkunux ikkooperaw f'din l-investigazzjoni, iżda anki għall-produtturi li ma esportawx lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

8. DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

- (272) Fl-interessi ta' amministrazzjoni tajba, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw kummenti bil-miktub u/jew biex jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali qabel skadenza fissa.
- (273) Il-konklużjonijiet li jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' dazji proviżorji huma proviżorji u jistgħu jiġu emendati fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Qed jiġi impost dazju antidumping proviżorju fuq ċikli, b'assistenza ta' pedali, b'mutur elettriku awżiljarju, li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 8711 60 10 u ex 8711 60 90 (kodiċi TARIC 8711 60 90 10).

2. Ir-rati tad-dazju antidumping proviżorju applikabbli għall-prezz nett, liberu fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, se jkunu kif ġej:

Kumpanija	Dazju antidumping proviżorju	Kodiċi addizzjonali TARIC
Bodo Vehicle Group Co., Ltd.	77,6 %	C382
Giant Electric Vehicle (Kunshan) Co., Ltd	27,5 %	C383
Jinhua Vision Industry Co., Ltd u Yongkang Hulong Electric Vehicle Co., Ltd.	21,8 %	C384
Suzhou Rununion Motivity Co., Ltd.	83,6 %	C385
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness	37,0 %	Ara l-Anness
Il-kumpaniji l-oħra kollha	83,6 %	C999

⁽¹⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, id-Direttorat H, Rue de la Loi 170, 1040 Brussell, Il-Belġju.

3. L-applikazzjoni tar-rati ta' dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmijin fil-paragrafu 2 għandha tkun bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha tidher dikjarazzjoni ddatata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu/ismimha u l-kariga, abbozzata kif ġej: "Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li ċ-ċikli elettriċi mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea koperti minn din il-fattura ġew immanifatturati minn (isem il-kumpanija u l-indirizz) (kodiċi addizzjonali TARIC) fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta." Jekk ma tiġix ippreżentata din il-fattura, id-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħra kollha għandu japplika.
4. Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun suġġett għall-ġhoti ta' depożitu ta' garanzija ekwivalenti għall-ammont tad-dazju proviżorju.
5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti dwar id-dazji doganali fis-seħħ.

Artikolu 2

1. Fi żmien 25 jum kalendarju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-partijiet interessati jistgħu:
 - (a) Jitolbu divulgazzjoni tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġie adottat dan ir-Regolament;
 - (b) Jippreżentaw il-kummenti tagħhom bil-miktub lill-Kummissjoni; kif ukoll;
 - (c) Jitolbu seduta ta' smiġħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċedimenti kummerċjali.
2. Fi żmien 25 jum kalendarju mid-data tad-dħul fis-seħħ dan ir-Regolament, il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 21(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036 jistgħu jikkumentaw dwar l-applikazzjoni tal-miżuri proviżorji.

Artikolu 3

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/671, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-awtoritajiet doganali huma b'dan mitluba, skont l-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2016/1037, biex jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċikli, b'assistenza ta' pedali, b'mutur elettriku awżiljarju, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 8711 60 10 u ex 8711 60 90 (il-kodiċi TARIC 8711 60 90 10) u li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina."

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak li fih jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 1 għandu japplika għal perjodu ta' sitt xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Lulju 2018.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Isem Il-Kumpanija	Provinċja	Kodiċi addizzjonali TARIC
Acetrikes Bicycles (Taicang) Co., Ltd.	Jiangsu	C386
Active Cycles Co., Ltd.	Jiangsu	C387
Aigeni Technology Co., Ltd.	Jiangsu	C388
Aima Technology Group Co., Ltd.	Tianjin	C389
Alco Electronics (Dongguan) Limited	Guangdong	C390
Beijing Tsinova Technology Co., Ltd.	Beijing	C391
Changzhou Airwheel Technology Co., Ltd.	Jiangsu	C392
Changzhou Bisek Cycle Co., Ltd.	Jiangsu	C393
Changzhou Hj Pedal Co., Ltd.	Jiangsu	C394
Changzhou Rich Vehicle Technology Co., Ltd.	Jiangsu	C395
Changzhou Ristar Cycle Co., Ltd.	Jiangsu	C396
Changzhou Sobowo Vehicle Co., Ltd.	Jiangsu	C397
Changzhou Steamoon Intelligent Technology Co., Ltd.	Jiangsu	C398
Cutting Edge Power Vehicle Int'l TJ Co., Ltd.	Tianjin	C399
Cycleman E-Vehicle Ltd., Co.	Jiangsu	C400
Dongguan Benling Vehicle Technology Co., Ltd.	Guangdong	C401
Dongguan Honglin Industrial Co., Ltd and Melton Industrial (Dong Guan) Co., Ltd	Guangdong	C402
Eco International Elebike Co., Ltd.	Jiangsu	C403
Everest International Industries Ltd.	Jiangsu	C404
Foshan Lano Bike Co., Ltd.	Guangdong	C405
Foshan Zenith Sports Co., Ltd.	Guangdong	C406
Geoby Advance Technology Co., Ltd.	Jiangsu	C407
Guangdong Commercial Trading Imp. & Exp. Corp., Ltd.	Guangdong	C408
Guangdong Shunde Junhao Science & Technology Development Co., Ltd.	Guangdong	C409
Guangzhou Symbol Bicycle Co., Ltd.	Guangzhou	C410
Hangzhou Fanzhou Technology Co., Ltd.	Zhejiang	C411
Hangzhou Morakot E-Bike Manufacture Co., Ltd.	Zhejiang	C412
Hangzhou TOP Mechanical And Electrical Technology, Co. Ltd.	Zhejiang	C413
Hua Chin Bicycle & Fitness (H.Z.) Co., Ltd.	Guangdong	C414
Jiangsu Imi Electric Vehicle Technology Co., Ltd.	Jiangsu	C415

Isem Il-Kumpanija	Provinċja	Kodiċi addizzjonali TARIC
Jiangsu Lvneng Electrical Bicycle Technology Co., Ltd.	Jiangsu	C416
Jiangsu Stareyes Bicycle Industrial Co., Ltd.	Jiangsu	C417
Jiaying Onway Ev Tech Co., Ltd.	Zhejiang	C418
Jinhua Enjoycare Motive Technology Co., Ltd.	Zhejiang	C419
Jinhua Feirui Vehicle Co., Ltd.	Zhejiang	C420
Jinhua Jobo Technology Co., Ltd.	Zhejiang	C421
Jinhua Suntide Vehicle Co., Ltd.	Zhejiang	C422
Jinhua Yifei Electric Science And Technology Co., Ltd.	Zhejiang	C423
Jinhua Zodin E-Vehicle Co., Ltd.	Zhejiang	C424
Kenstone Metal (Kunshan) Co., Ltd.	Jiangsu	C425
Komda Industrial (Dongguan) Co., Ltd.	Guangdong	C426
Kunshan Sevenone Cycle Co., Ltd.	Jiangsu	C427
Nanjing Jincheng Machinery Co., Ltd.	Jiangsu	C428
Nantong Tianyuan Automatic Vehicle Co., Ltd.	Jiangsu	C429
Ningbo Bestar Co., Ltd.	Zhejiang	C430
Ningbo Lv Kang Vehicle Co., Ltd.	Zhejiang	C431
Ningbo Nanyang Vehicle Co., Ltd.	Zhejiang	C432
Ningbo Oner Bike Co., Ltd.	Zhejiang	C433
Ningbo Pugonying Vehicle Technology Co., Ltd.	Zhejiang	C434
Ningbo Roadsan New Energy Technology Co., Ltd.	Zhejiang	C435
Ningbo Shenchima Vehicle Industry Co., Ltd.	Zhejiang	C436
Ningbo Zixin Bicycle Industry Co., Ltd.	Zhejiang	C437
Pronordic E-Bikes Limited Company	Jiangsu	C438
Shandong Eco Friendly Technology Co., Ltd.	Shandong	C439
Shanghai Promising Int'l Trade & Logistics Co., Ltd.	Shanghai	C440
Shenzhen SanDin Cycle Co., Ltd.	Guangdong	C441
Shenzhen Shenling Car Co., Ltd.	Guangdong	C442
Sino Lithium (Suzhou) Electric Technology Co., Ltd.	Jiangsu	C443
Skyland Sport Tech Co., Ltd.	Tianjin	C444
Suzhou Dynavolt Intelligent Vehicle Technology Co., Ltd.	Jiangsu	C445
Suzhou Guoxin Group Fengyuan Imp & Exp. Co., Ltd.	Jiangsu	C446
Suzhou Joydeer E-Bicycle Co., Ltd.	Jiangsu	C447
Taioku Manufacturing (Jiangsu) Co., Ltd.	Jiangsu	C448

Isem Il-Kumpanija	Provinċja	Kodiċi addizzjonali TARIC
Tianjin Luodeshengda Bicycle Co., Ltd.	Tianjin	C449
Tianjin Upland Bicycle Co., Ltd.	Tianjin	C450
Tianjin Anbike Electric Bicycle Co., Ltd	Tianjin	C451
Ubchoice Co., Ltd.	Guangdong	C452
Universal Cycle Corporation (Guang Zhou)	Guangdong	C453
Wettsen Corporation	Shandong	C454
Wuxi Bashan E-Vehicle Co., Ltd.	Jiangsu	C455
Wuxi Merry Ebike Co., Ltd.	Jiangsu	C456
Wuxi METUO Vehicle Co., Ltd.	Jiangsu	C457
Wuxi Shengda Bicycle Co., Ltd.	Jiangsu	C458
Wuxi United Mobility Technology Inc	Jiangsu	C459
Wuyi Simino Industry & Trade Co., Ltd.	Zhejiang	C460
Wuyi Yuema Leisure Articles Co., Ltd.	Zhejiang	C461
Xiangjin (Tianjin) Cycle Co., Ltd.	Tianjin	C462
Yadea Technology Group Co., Ltd.	Jiangsu	C463
Yong Qi (China) Bicycle Industrial Corp	Jiangsu	C464
Yongkang Aijiu Industry & Trade Co., Ltd.	Zhejiang	C465
Yongkang Juxiang Vehicle Co, Ltd.	Zhejiang	C466
Yongkang Lohas Vehicle Co., Ltd.	Zhejiang	C467
Yongkang Mars Vehicle Co., Ltd.	Zhejiang	C468
Zhejiang Apollo Motorcycle Manufacturer Co., Ltd.	Zhejiang	C469
Zhejiang Baoguilai Vehicle Co., Ltd.	Zhejiang	C470
Zhejiang Enze Vehicle Co., Ltd.	Zhejiang	C471
Zhejiang Goccia Electric Technology Co., Ltd.	Zhejiang	C472
Zhejiang Jsl Vehicle Co., Ltd.	Zhejiang	C473
Zhejiang Kaiyi New Material Technology Co., Ltd.	Zhejiang	C474
Zhejiang Lianmei Industrial Co., Ltd.	Zhejiang	C475
Zhejiang Luyuan Electric Vehicle Co., Ltd.	Zhejiang	C476
Zhejiang Tuer Vehicle Industry Co., Ltd.	Zhejiang	C477
Zhejiang Xingyue Vehicle Co., Ltd., Zhejiang Xingyue Overfly Electric Vehicle Co., Ltd. and Zhejiang Xingyue Electric Vehicle Co., Ltd.	Zhejiang	C478
Zhongshan Qiangli Electronics Factory	Guangdong	C479
Zhongxin Power (Tianjin) Bicycle Co., Ltd.	Tianjin	C480

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1013**tas-17 ta' Lulju 2018****li jimponi miżuri proviżorji ta' salvagwardja fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 7 tiegħu,Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 3 u 4 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat dwar is-Salvagwardji mwaqqaf skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) 2015/478 u l-Artikolu 22(3) tar-Regolament (UE) 2015/755 rispettivament,

Billi:

I. SFOND

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni ppubblikat Notifika ta' Bidu ta' investigazzjoni ta' salvagwardja rigward importazzjonijiet ta' 26 kategorija ta' prodotti tal-azzar (2018/C 111/10) ⁽³⁾ fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-Kummissjoni ddeċidiet li tnedi l-investigazzjoni fid-dawl tal-biżżejjed evidenza li l-importazzjonijiet ta' daww il-prodotti jistgħu jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw dannu serju għall-produtturi kkonċernati tal-Unjoni.
- (2) Fit-28 ta' Ġunju, il-Kummissjoni ppubblikat ukoll Notifika li biha l-investigazzjoni ġiet estiża għal żewġ kategoriji addizzjonali ta' prodotti ⁽⁴⁾.
- (3) L-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni mill-mekkaniżmi ta' sorveljanza minn qabel tal-azzar fis-seħħ ⁽⁵⁾ u minn sorsi tal-industrija tal-Unjoni wriet li tendenza li qiegħda dejjem tikber fl-importazzjonijiet ta' dawn il-kategoriji ta' prodotti u l-kundizzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali prevalenti ta' theddida, inkluża s-sitwazzjoni tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni, kienu jiġġustifikaw eżaminazzjoni fil-fond.
- (4) Barra minn hekk, minħabba l-miżuri kontra l-importazzjonijiet tal-azzar adottati mill-Istati Uniti tal-Amerka ("Stati Uniti") skont it-Taqsima 232 tal-Att dwar l-Espansjoni Kummerċjali tal-1962 ("Taqsima 232"), kien hemm riskju għoli ta' żieda ulterjuri tal-importazzjonijiet li jirriżultaw mid-diverżjoni kummerċjali.
- (5) Dawn iċ-ċirkustanzi, f'kuntast ta' kapaċitajiet eċċessivi persistenti madwar id-dinja, jistgħu jxekklu l-industrija tal-azzar tal-Unjoni, li għadha vulnerabbli għal żieda imminente probabbli tal-importazzjonijiet u qed tirkupra mid-dannu kkawżat minn Prattiki kummerċjali żleali, hekk kif juri n-numru sostanzjali ta' miżuri ta' rimedju kummerċjali meħuda madwar id-dinja fuq il-prodotti tal-azzar fil-passat riċenti.
- (6) Fil-11 ta' April 2018, il-Kummissjoni ħarġet "Nota għall-Fajl" li fiha statistiki importanti dwar l-importazzjonijiet u l-indikaturi disponibbli tad-dannu. B'rabta ma' din in-"Nota għall-Fajl", il-Kummissjoni rċiviet 41 sottomissjoni mingħand pajjiżi terzi, assoċjazzjonijiet nazzjonali u kumpaniji individwali tal-azzar.
- (7) Diversi partijiet interessati ddikjaraw li l-Kummissjoni naqset milli tiżvela l-evidenza li fuqha kienet ibbażata t-tnedija tal-investigazzjoni ta' salvagwardja b'mod adegwat u puntwali. Ġie ddikjarat li minħabba dan in-nuqqas, il-partijiet interessati ma setgħux jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom bis-sħiħ. B'mod aktar approfondit, diversi partijiet interessati ddikjaraw li n-"Nota għall-Fajl" imqiegħda għad-dispożizzjoni fil-11 ta' April 2018 ma kienx fiha data dwar il-bejgħ fl-Unjoni, l-esportazzjonijiet tal-Unjoni, il-konsum tal-Unjoni, jew il-produzzjoni totali tal-Unjoni.

⁽¹⁾ ĠUL 83, 27.3.2015, p. 16.⁽²⁾ ĠUL 123, 19.5.2015, p. 33.⁽³⁾ ĠU C 111, 26.3.2018, p. 29.⁽⁴⁾ OJ C 225, 28.6.2018, p. 54.⁽⁵⁾ Il-miżuri ta' sorveljanza minn qabel ġew adottati f'April 2018 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/670 tat-28 ta' April 2016 li [jintroduċi] s-sorveljanza minn qabel tal-Unjoni għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-ħadid u tal-azzar li jorjiginaw minn ċerti pajjiżi terzi, ĠU L 115, 29.4.2016, p. 37.

- (8) Għall-kuntrarju ta' dawn id-dikjarazzjonijiet, in-“Nota għall-Fajl” kien fiha data dwar il-bejgħ fl-Unjoni, il-konsum tal-Unjoni, u l-produzzjoni totali tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li, minbarra dan, l-elementi ewlenin u l-evidenza disponibbli kienu miġbura fil-qosor b'mod adegwat kemm fin-Nota ta' Bidu li ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll fin-notifika tal-investigazzjoni lid-WTO skont l-Artikolu 12.1(a) tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji.
- (9) Għaldaqstant il-Kummissjoni tqis li hi ssodisfat l-obbligi legali tagħha li tħares b'mod adegwat id-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati. Fi kwalunkwe każ, il-partijiet interessati għad għandhom l-opportunità li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom matul il-bqija tal-investigazzjoni.
- (10) Biex tikseb l-informazzjoni neċessarja għat-tweqqif ta' valutazzjoni fil-fond, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji li produtturi magħrufa tal-UE u lil kwalunkwe produttur esportatur, importatur, u utent tal-prodotti investigati li talbu t-tali informazzjoni sal-iskadenzi stipulati fin-Notifika ta' Bidu. Dawn il-partijiet, bħall-pajjiżi terzi, ġew mistiedna jagħmlu kwalunkwe sottomissjoni li tkun rilevanti wkoll. Il-Kummissjoni rċiviet 222 tweġiba għall-kwestjonarji u 74 sottomissjoni.

II. PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI JEW LI JIKKOMPETI B'MOD DIRETT MIEGĦU

- (11) Il-Kummissjoni fetħet l-investigazzjoni ta' salvagwardja fuq 26 kategorija ta' prodotti tal-azzar importati fl-UE, u fit-28 ta' Ġunju l-kamp ta' applikazzjoni tagħha ġie estiż b'2 kategoriji addizzjonali ta' prodotti permezz ta' notifika li temenda n-Notifika ta' Bidu ⁽¹⁾. It-28 kategorija ta' prodotti (“il-prodott ikkonċernat” jew il-“kategoriji ta' prodotti kkonċernati”) il-koll huma koperti mill-mekkaniżmu ta' sorveljanza tal-azzar introdott mill-Kummissjoni f'Mejju 2016. Dawn ukoll huma soġġetti għall-miżuri tariffarji tal-Istati Uniti skont it-Taqsima 232. Il-kategoriji ta' prodotti kkonċernati, flimkien mal-kodiċijiet NM li taħthom bħalissa huma klassifikati dawn il-prodotti, huma elenkati fl-Anness I.
- (12) F'din il-valutazzjoni preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-28 kategorija ta' prodotti manifatturati mill-produtturi tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem “il-prodott simili” jew “il-kategoriji ta' prodotti simili”) huma simili għall-kategoriji ta' prodotti kkonċernati jew huma f'kompetizzjoni diretta ma' dawn. Kemm il-prodotti manifatturati fl-Unjoni kif ukoll il-prodotti importati li huma kkonċernati għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi bażiċi; għandhom l-istess użi, u l-informazzjoni dwar il-prezz u l-kwalità fuqhom hi disponibbli minnufih; dawn jinbiegħu wkoll permezz ta' kanali tal-bejgħ simili jew identiċi lil klijenti li jixtruhom jew jistgħu jixtruhom mingħand esportaturi domestiċi kif ukoll mingħand esportaturi barranin. Għalhekk, hemm kompetizzjoni qawwija bejn il-kategoriji ta' prodotti kkonċernati u dawk imanfaturati mill-produtturi tal-Unjoni taħt il-kategoriji korrispondenti.
- (13) F'din l-analiżi preliminari l-Kummissjoni sabet ukoll li hemm nisġa importanti u kompetizzjoni qawwija bejn il-prodotti klassifikati f'kategoriji differenti ta' prodotti kif ukoll bejn prodotti fi stadji tal-produzzjoni differenti fi ħdan ċerti kategoriji peress li wħud mill-kategoriji fihom il-materja prima jew tal-input ewlenija għall-produzzjoni ta' prodotti oħra f'kategoriji oħra ta' prodotti.
- (14) Xi eżempji juru din in-nisġa u l-kompetizzjoni fi ħdan u bejn il-kategoriji ta' prodotti. Pereżempju, strixxi wisgħin illaminati bis-sħana huma manifatturati minn qatgħat u jiġu kkoljati jew imanfaturati ċatti fuq stanjaturi quarto. Meta l-istrixxa titqatta' skont it-tul mixtieq, jiġu manifatturati l-folji. Strixxa dejqa tiġi manifatturata b'mod dirett jew billi tinqasam strixxa wiesgħa llaminata bis-sħana. Prodotti ċatti llaminati bis-sħana jintużaw ukoll fil-manifattura ta' pajpijiet u ta' tubi għall-industrija petrokimika u l-prodotti ċatti llaminati bil-kesħa sussegwentement jintużaw minn manifatturi tat-tubi wweldjati. Parti kbira mill-istrixxa wiesgħa llaminata bis-sħana li tiġi manifatturata tkompli tiġi proċessata biex tiġi manifatturata strixxa llaminata bil-kesħa, li hi idjaq u għandha finitura superjuri tal-wiċċ. Sehem sinifikanti mill-prodotti llaminati bil-kesħa jkollu kisja metallika, bil-landa jew bil-krom għall-industrija tal-laned jew biż-żingu ⁽²⁾.
- (15) Ħafna produtturi fl-Unjoni huma attivi fil-produzzjoni ta' ħafna mill-prodotti msemmija aktar 'il fuq. Pereżempju, Arcelor Mittal ma timmanifatturax biss folji u strixxi llaminati bis-sħana u llaminati bil-kesħa iżda tiksi wkoll diversi prodotti tal-azzar u timmanifattura l-pjanċi. B'mod simili, kumpaniji bħal Voest Alpine u Tata Steel jimmanifatturaw folji u strixxi llaminati bis-sħana u llaminati bil-kesħa u anki prodotti tal-azzar miksjija magħmula minn dawn il-prodotti.
- (16) Barra minn hekk, bħala konsegwenza, fid-dawl ta' dan il-livell ta' nisġa, il-pressjoni kompetittiva malajr tista' tinqaleb minn prodott għall-ieħor. Pereżempju, jekk jiġu imposti miżuri ta' rimedju kummerċjali fuq prodott, eż. koljaturi tal-azzar, dak il-prodott jista' jiġi trasformat ulterjorment fl-istess pajjiż u jiġi esportat taħt forma differenti biex jiġu evitati l-miżuri addizzjonali u jibqa' jikkompeti ma' prodotti domestiċi. Lanqas ma hu eskluż li l-pajjiżi terzi jimportaw uħud minn dawn il-prodotti b'kost baxx u jittrasformawhom qabel ma jergħu jesportawhom fl-Unjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 225, 28.6.2018, p. 54.

⁽²⁾ Każ Nru COMP/ECSC.1351 Usinor/Arbed/Aceralia u Każ Nru COMP/M.4137, Mittal/Arcelor.

- (17) Minħabba dawn in-nisġiet u l-interkonnessjonijiet, u fid-dawl tal-fatt li – kif se jiġi spjegat aktar 'il quddiem – id-devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali potenzjali li tirriżulta mill-miżuri tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti tapplika għall-kategoriji kollha ta' prodotti peress li dawn il-miżuri huma applikati b'mod orizzontali għall-prodotti kollha tal-azzar, mingħajr distinzjoni tad-daqs tagħhom u tad-daqs tal-kompożizzjoni, l-analiżi għall-fini tad-determinazzjoni provviżorja saret kemm b'mod globali għal kull waħda mit-28 kategorija ta' prodotti, bħall-prodott ikkonċernat (jiġifieri l-azzar f'diversi mudelli u forom) kif ukoll flivell individwali għal kull kategorija ta' prodotti ⁽¹⁾.

III. IL-PRODUTTURI TAL-UNJONI

- (18) Ħafna mill-produtturi tal-Unjoni huma membri tal-Konfederazzjoni Ewropea tal-Industrija tal-Hadid u tal-Azzar ("Eurofer") jew, sa fejn il-prodotti huma pajpijiet u tubi, membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tat-Tubi tal-Azzar ("ESTA"). Dawn iż-żewġ assoċjazzjonijiet industrijali jirrappreżentaw aktar minn 95 % tal-produzzjoni tal-azzar tal-Unjoni. Il-membri tagħhom jinsabu fi kważi l-Istati Membri kollha.
- (19) Fisem il-membri tagħhom, dawn l-assoċjazzjonijiet industrijali informaw lill-Kummissjoni li huma jappoġġjaw il-ftuħ tal-investigazzjoni ta' salvagwardja, kif ukoll l-adozzjoni ta' miżuri biex jindirizzaw ukoll id-devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali li tirriżulta mill-miżuri tat-Taqsima 232 li tfixx serjament is-suq tal-azzar li għadu ma rkuprax bis-sħiħ mill-kriżi tal-azzar.

IV. ŻIEDA FL-IMPORTAZZJONIJET

- (20) Fuq il-bażi tal-informazzjoni mill-Eurostat, il-mekkaniżmu ta' sorveljanza minn qabel tal-azzar, kif ukoll l-informazzjoni sottomessa mill-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni għamlet analiżi preliminari taż-żieda fl-importazzjonijiet tal-prodotti kkonċernati tul il-perjodu 2013-2017. Il-Kummissjoni eżaminat l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet matul l-ewwel trimestru tal-2018 biex tikkonferma ż-żieda riċenti fl-importazzjonijiet.
- (21) L-importazzjonijiet totali tal-prodotti kkonċernati żviluppaw kif ġej:

	2013	2014	2015	2016	2017
importazzjonijiet (000 ta' tunnelli)	18 861	22 437	27 164	29 778	30 573
<i>indiċi</i> 2013 = 100	100	119	144	158	162
ishma mis-suq	12,7 %	14,4 %	16,9 %	17,9 %	18,0 %

Sors: Eurostat

- (22) F'termini ġenerali, l-importazzjonijiet tat-28 kategorija ta' prodotti kkonċernati, meħuda f'daqqa, żdiedu f'termini assoluti bi 62 % tul il-perjodu 2013-2017. Iż-żieda fl-importazzjonijiet inħasset b'mod partikolari sal-2016. Wara, l-importazzjonijiet komplew jiżdiedu u baqgħu flivell għoli ħafna.
- (23) L-importazzjonijiet għall-maġġoranza vasta tal-kategoriji individwali ta' prodotti koperti mill-investigazzjoni wrew żieda wkoll f'termini assoluti tul l-aħħar ħames snin. Pereżempju, l-importazzjonijiet tal-akbar kategoriji f'termini tal-importazzjonijiet (kategoriji ta' prodotti 1, 4 u 7) żdiedu b'45 %, b'168 % u bi 78 % rispettivament.
- (24) Madankollu, ma kienx hemm żieda għal 5 kategoriji ta' prodotti, jiġifieri l-prodotti 10, 11, 19, 24 u 27. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li dawn il-kategoriji ta' prodotti f'dan l-istadju għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri provviżorji. Minkejja dan, il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li tinkludi dawn il-5 kategoriji ta' prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri definittivi u għal dan l-għan se tkompli tissorvelja l-importazzjonijiet fi ħdan dawn il-kategoriji. L-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet għal kull kategorija ta' prodotti hi ppreżentata fl-Anness II.
- (25) Minbarra l-esklużjoni, f'dan l-istadju, tal-kategoriji ta' prodotti msemmija aktar 'il fuq, il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll l-esklużjoni ta' ċerti pajjiżi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri f'konformità mal-konklużjonijiet fil-premessa (121). Għalhekk, il-Kummissjoni eskcludiet l-importazzjonijiet ta' dawn il-kategoriji ta' prodotti minn dawn il-pajjiżi msemmija aktar 'il fuq mill-bqija tal-analiżi preliminari tagħha u rrieżaminat l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet.

⁽¹⁾ B'mod partikolari, ara t-Taqsima IV u t-Taqsima VI 1 u 2.

- (26) Fuq din il-bażi, l-importazzjonijiet tal-prodotti kkonċernati minn din id-determinazzjoni preliminari żviluppaw kif ġej:

	2013	2014	2015	2016	2017
importazzjonijiet (000 ta' tunnelli)	17 367	20 764	25 556	28 174	29 122
indiċi 2013 = 100	100	120	147	162	168
ishma mis-suq	12,1 %	13,8 %	16,5 %	17,5 %	17,8 %

Sors: Eurostat

- (27) L-importazzjonijiet żdiedu f'termini assoluti bi 68 % matul il-perjodu 2013-2017, bl-ishma mis-suq li żdiedu minn 12.1 % għal 17.80 %. L-aktar żieda sinifikanti seħħet fil-perjodu 2013-2016, iżda l-importazzjonijiet komplew jżdiedu u baqgħu fl-livell għoli fl-2017.
- (28) It-tendenza ta' importazzjonijiet li jżdiedu għadha preżenti fl-2018. Meta jitqabbel l-ewwel trimestru tal-2018 mal-ewwel trimestru tal-2017, iż-żieda ġenerali tal-importazzjonijiet tammonta għal 10 %. Għal 9 kategoriji ta' prodotti, iż-żieda hi ta' aktar minn 20 % u għal waħda minn dawk il-kategoriji (kategorija 13) iż-żieda hi ta' aktar minn 100 %. Barra minn hekk, din iż-żieda seħħet saħansitra qabel ma daħlu fis-seħħ il-miżuri tat-Taqsima 232.
- (29) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li kien hemm żieda f'daqqa, qawwija u sinifikanti fl-importazzjonijiet f'termini assoluti għat-23 kategorija ta' prodotti. Barra minn hekk, iż-żieda fl-importazzjonijiet issoktat fl-ewwel trimestru tal-2018 u hi mistennija tkun saħansitra aktar sinifikanti fid-dawl tad-devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali mistennija mill-miżuri tat-Taqsima 232.

V. ŻVILUPPI IMPREVISTI

- (30) Il-Kummissjoni ddeterminat b'mod preliminari li ż-żieda msemmija aktar 'il fuq fl-importazzjonijiet tal-prodotti tal-azzar fl-Unjoni kienet ir-riżultat ta' żviluppi imprevisi li bħala sors ta' tagħhom hemm numru ta' fatturi li jistabilixxu u jgħarrqu żbilanċi fil-kummerċ internazzjonali tal-prodotti kkonċernati.
- (31) L-ewwel minn fost dawn, il-kapaċità globali nominali ta' produzzjoni tal-azzar żdiedet b'aktar mid-doppju mill-2000 'l hawn, minn livell ta' 1,05 biljun tunnelli fl-2000 għal 2,29 biljun tunnelli fl-2016 u baqgħet fl-livell għoli ħafna fl-2017 (2,27 biljun tunnelli) ⁽¹⁾. Barra minn hekk, il-produzzjoni globali attwali tal-azzar fl-2016 (1,6 biljun tunnelli) kienet għadha 100 miljun tunnelli għal mid-domanda globali għall-azzar (1,5 biljun tunnelli). Konsegwentement, tul l-aħħar snin kien hemm distakk kbir bejn il-kapaċità globali nominali u l-produzzjoni u bejn il-produzzjoni u d-domanda, li ġġenera kapaċità eċċessiva mingħajr preċedenti fis-suq globali tal-azzar li pperisistiet minkejja l-miżuri adottati biex titnaqqas. Barra minn hekk, f'perspettiva futura, filwaqt li l-produzzjoni globali fl-2017 żdiedet b'aktar minn 5 % minħabba rkupru ekonomiku, id-domanda globali għall-azzar fl-2018 se turi biss tkabbir moderat b'deċellerazzjoni ulterjuri mbassra għall-2019. Kien hemm sinjal ta' rkupru fl-2017, iżda għad hemm riskji importanti.
- (32) Id-ditti tal-azzar għadhom finanzjarjament vulnerabbli peress li, kif intqal aktar 'il fuq, hemm żbilanċi strutturali persistenti fis-settur tal-azzar. Dawn l-iżbilanċi huma aċċentwati minn sussidji u minn miżuri ta' appoġġ mill-gvern distorsivi ⁽²⁾. Fiddawl tal-kostijiet fissi importanti fis-settur tal-azzar, ħafna produtturi tal-azzar, b'mod partikolari f'pajjiżi fejn l-Istat ifixxkel il-qagħda normali tal-forzi tas-suq, żammew l-użu tal-kapaċità frati għoljin u melew is-swieq ta' pajjiżi terzi bil-prodotti ta' tagħhom bi prezzijiet baxxi meta ma setgħux jiġu assorbiti mill-konsum domestiku. Dan wassal biex jżdiedu l-importazzjonijiet fl-UE u biex jonqsu l-prezzijiet ġenerali. Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet b'mod ġenerali waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni fl-2017, fuq il-bażi ta' tqabbil tal-prezzijiet medji għal kull kategorija ta' prodotti. Tqabbil tal-prezzijiet medji bħal dan mhux bilfors li jirrifletti l-ispeċifitàjiet kollha li jista' jkollhom impatt fuq il-komparabbiltà, iżda xorta waħda jagħti indikazzjoni tajba tal-livell ġenerali tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet meta mqabbla mal-prezzijiet tal-Unjoni. It-twaqqiġ tal-prezzijiet ġie stabbilit għal 17-il kategorija ta' prodotti, b'medied ta' bejn 1.2 % u 23 %.
- (33) It-tieni, l-effett imsemmi hawn fuq tgħarrag minħabba Prattiki li jirrestrinġu l-kummerċ fi swieq ta' pajjiżi terzi. Tabilħaqq, mill-2014/2015, b'reazzjoni għall-provvista eċċessiva msemmija aktar 'il fuq ta' azzar u għall-prattiki li

⁽¹⁾ Ara r-rapporti mit-83 u mill-84 Kumitat tal-Azzar tal-OECD, disponibbli fuq <http://www.oecd.org/sti/ind/steel.htm>.

⁽²⁾ Idem, it-83 rapport.

jfixxlu s-suq, diversi pajjiżi bdew jagħmlu użu akbar minn strumenti tal-politika kummerċjali u ta' rimedju kummerċjali fis-settur tal-azzar bl-għan li jipproteġu lill-produtturi domestiċi tagħhom. Il-Messiku, l-Afrika t'Isfel, l-Indja u t-Turkija applikaw żidiet fit-tariffi tal-importazzjonijiet li varjaw minn 2.5 % sa 40 % għal sensiela ta' prodotti tal-azzar li jinkludu fost l-oħrajn: azzar illaminat bis-sħana u bil-kesħa, prodotti ċatti tal-azzar bħal strixxi, u anki żbarri tar-rinforz. Tipikament dawn il-prodotti ġew importati fi kwantitajiet dejjem akbar tul il-perjodu ta' investigazzjoni. Barra minn hekk, matul l-2017 il-pajjiżi terzi komplew jimponu miżuri kummerċjali restrittivi: xi pajjiżi introduċew prezzijiet minimi tal-importazzjonijiet (l-Indja), uħud imponew standards nazżjonali obbligatorji għall-azzar (l-Indoneżja) u oħrajn importaw rekwiżiti tal-kontenut lokali, inkluż permezz tal-akkwist pubbliku (l-Istati Uniti).

- (34) Barra minn hekk, ir-rikors għal strumenti tad-difiża kummerċjali żdied b'mod kostanti. Fuq il-bażi tal-istatistiki tad-WTO, filwaqt li matul l-2011-2013, bħala medja tnedew madwar 77 investigazzjoni relatata mal-azzar fis-sena, matul l-2015-2016 din il-medja żdiedet għal 117. Fi Frar 2018, l-Istati Uniti kellhom 169 dazju antidumping u kompensatorju fis-seħħ fuq l-azzar, kif ukoll 25 investigazzjoni kurrenti li setgħu jwasslu għal stampa saħansitra aktar restrittiva għall-importazzjonijiet tal-azzar fl-Istati Uniti ⁽¹⁾. Peress li l-Istati Uniti huma wieħed mill-akbar pajjiżi importaturi tal-azzar fid-dinja – billi jirrappreżentaw madwar 13.1 % mill-importazzjonijiet tal-azzar fid-dinja (fl-2016) – l-impatt ta' numru tant kbir ta' rimedji kummerċjali nħass ħafna madwar id-dinja kollha.
- (35) It-tielet, fil-kuntest tal-kapaċità eċċessiva persistenti prevalenti madwar id-dinja, il-miżuri illegali u restrittivi tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti, fid-dawl tal-livell u tal-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, aktarx li jikkawżaw devjazzjoni sostanzjali tat-traffiku kummerċjali tal-prodotti tal-azzar fl-Unjoni. L-Istati Uniti kkalkolaw li l-impożizzjoni ta' tariffa waħda fuq il-prodotti kollha skont il-miżuri tat-Taqsima 232 bi kważi ebda esklużjoni ta' pajjiżi għandha tnaqqas l-importazzjonijiet bi kważi 13-il miljun tunnellata – li jikkorrispondu għal 7 % tal-konsum tal-Unjoni ⁽²⁾. B'mod ġenerali s-suq tal-Unjoni hu suq attraenti ħafna għall-prodotti tal-azzar kemm f'termini tad-domanda kif ukoll tal-prezzijiet. Uħud mill-esportaturi ewlenin għall-Istati Uniti huma wkoll fornituri tradizzjonali tal-azzar għall-Unjoni u f'tit li xejn hemm dubju li dawn il-pajjiżi, kif ukoll oħrajn li l-esportazzjonijiet u l-produzzjoni tagħhom ser ikunu affettwati mill-miżuri tal-Istati Uniti u mill-kaskata prevedibbli ta' devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali, se jimmiraw l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-Unjoni. Anki devjazzjoni parzjali tal-flussi kummerċjali msemmija hawn fuq fl-Unjoni bilfors li twassal għal tnaqqis ġdid fil-prezz u għal twaqqiġ tal-prezzijiet fis-suq tal-UE, biex b'hekk il-prezz jitnaqqas għal livelli komparabbli ma' dawk tal-2016, b'konsegwenzi negattivi sinifikanti fuq il-profitabilità tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni. Finalment għandu jiġi nnotat li ż-żieda addizzjonali fl-importazzjonijiet li hi suxxettibbli li tkompli tgħarraġ is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni tista' toriġina b'mod partikolari minn pajjiżi li bħalissa mhumiex soġġetti għal miżuri tad-dazju antidumping/kompensatorju.
- (36) Konsegwentement, l-iżviluppi imprevisi msemmija hawn fuq wasslu u ser iwasslu dejjem aktar għal żieda ċara fl-importazzjonijiet tal-azzar fl-Unjoni.

VI. THEDDIDA TA' DANNU SERJU

1. Sitwazzjoni globali tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni

- (37) Biex tifformula d-determinazzjoni preliminari tagħha dwar jekk hemmx evidenza ta' dannu serju jew ta' theddida ta' dannu serju għall-industrija tal-Unjoni għall-prodott ikkonċernat ievalutat, il-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament 2015/478 u mal-Artikolu 6 tar-Regolament 2015/755, eżaminat it-tendenzi tal-konsum, tal-produzzjoni, tal-użu tal-kapaċità, tal-bejgħ, tas-sehem mis-suq, tal-prezzijiet, tal-profitabilità, tal-istokkijiet, tar-Redditu mill-Kapital Impjegat (ROCE), tal-fluss tal-flus u tal-impjegi għall-prodott ikkonċernat għas-snin 2013 sal-2017 (sakemm tinġabar id-data tal-2018).
- (38) Din l-analiżi saret b'mod globali kif ukoll b'mod individwali għat-23 kategorija ta' prodotti filwaqt li wriet żieda fil-volumi ta' importazzjonijiet ("il-prodotti/kategoriji ta' prodotti vvalutati"). Kif spjegat fit-Taqsima II aktar 'il fuq, il-Kummissjoni tqis li analiżi globali u komprensiva bħal din hi adegwata f'din l-investigazzjoni, fid-dawl tan-nisġa, tal-interkonnessjoni, u tal-livell ta' kompetizzjoni bejn il-prodotti differenti minn perspettiva tad-domanda u tal-provvista.

⁽¹⁾ Stqarrija għall-istampa tas-Segretarju tal-Istati Uniti Ross, Department of Commerce, <https://www.commerce.gov/news/press-releases/2018/02/secretary-ross-releases-steel-and-aluminum-232-reports-coordination>.

⁽²⁾ Rapport mid-Department of Commerce tal-Istati Uniti skont it-Taqsima 232, https://www.commerce.gov/sites/commerce.gov/files/the_effect_of_imports_of_steel_on_the_national_security_-_with_redactions_-_20180111.pdf.

- (39) Meta tiġi analizzata s-sitwazzjoni ġenerali, il-konsum tal-Unjoni, il-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni u s-sehem mis-suq korrispondenti żviluppaw kif ġej:

(000 ta' tunnellati)	2013	2014	2015	2016	2017
Konsum	144 908	152 146	157 236	163 100	166 244
<i>indiċi 2013 = 100</i>	100	105	109	113	115
Il-bejgħ domestiku	125 808	129 261	129 542	132 717	134 542
<i>indiċi 2013 = 100</i>	100	103	103	105	107
ishma mis-suq (%)	86,8 %	85,0 %	82,4 %	81,4 %	80,9 %

Sors: Eurostat u data mill-industrija

- (40) Il-konsum tal-prodotti vvalutati żdied b'mod konsistenti ta' kull sena matul il-perjodu 2013-2017, u bi 15 % b'mod ġenreali. Il-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni żdied ukoll, iżda sa limitu ferm anqas mill-konsum tal-Unjoni, jiġifieri b'7 % biss. Konsegwentement, il-produtturi tal-Unjoni ma setgħux jibbenefikaw mid-domanda li tiżdied fl-Unjoni u tilfu l-ishma mis-suq, li naqsu minn 86.8 % għal 80.9 %. Ta' min ifakkar li matul l-istess perjodu l-importazzjonijiet żdiedu bi 68 %.

- (41) Fuq il-bażi tat-tweġibiet għall-kwestjonarju riċevuti mingħand il-produtturi tal-Unjoni, il-produzzjoni u l-kapaċità tal-produzzjoni żviluppaw kif ġej:

000 ta' tunnellati	2013	2014	2015	2016	2017
Produzzjoni tal-UE	184 912	190 687	192 493	194 369	200 650
<i>indiċi 2013 = 100</i>	100	103	104	105	109
kapaċità tal-produzzjoni	257 331	257 138	258 056	260 171	265 353
<i>indiċi 2013 = 100</i>	100	100	100	101	103
użu tal-kapaċità (%)	71,9 %	74,2 %	74,6 %	74,7 %	75,6 %

Sors: Data mill-industrija

- (42) Il-kapaċità tal-produzzjoni żdiedet bi 3 % matul il-perjodu 2013-2017, iżda anqas mil-livell tal-produzzjoni li żdied b'9 %. Bħala riżultat, ir-rata ta' użu tal-kapaċità żdiedet minn 72 % għal 76 %.

- (43) L-istokkijiet miżmuma mill-kumpaniji li kkooperaw żdiedu b'mod ġenerali b'20 % fil-perjodu 2013-2017.

000 ta' tunnellati	2013	2014	2015	2016	2017
Stokks	11 006	11 896	12 391	12 117	13 222
<i>indiċi 2013 = 100</i>	100	108	113	110	120

Sors: tweġibiet għall-kwestjonarju

- (44) Il-prezzijiet tal-bejgħ ta' unità, il-profittabilità u l-fluss tal-flus tal-produtturi tal-Unjoni żviluppaw kif ġej:

	2013	2014	2015	2016	2017
Prezzijiet tal-bejgħ ta' unità (EUR/tunnellata)	673,5	652,8	616,9	572,9	681,5
<i>indiċi 2013 = 100</i>	100	97	92	85	101

	2013	2014	2015	2016	2017
Profittabilità	- 1,0 %	0,9 %	0,9 %	2,2 %	6,2 %
Fluss tal-flus (miljun EUR)	3 133	4 975	6 519	5 386	6 141
<i>indiċi 2013 = 100</i>	100	159	208	172	196

Sors: tweġibiet għall-kwestjonarju

- (45) Fil-perjodu 2013-2016 kien hemm tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni: Il-prezzijiet tal-bejgħ ta' unità naqsu bi 15 %. Ta' min ifakkar li l-importazzjonijiet żdiedu b'mod sinifikanti wkoll matul dan il-perjodu. Madankollu, il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità rkupra fl-2017 u laħaq livell komparabbli għall-2013. Il-profittabilità ġenerali baqgħet flivell baxx ħafna matul il-perjodu 2013-2016. Minkejja tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet, l-industrija tal-Unjoni xorta waħda setgħet tnaqqas il-kost tal-produzzjoni tagħha fl-2016 tant li rnexxielha tagħmel livell żgħir ta' profitt ta' 2,2 %. Is-sitwazzjoni rkuprat b'mod temporanju fl-2017. Il-prezzijiet tal-bejgħ żdiedu bi kważi 20 % bejn l-2016 u l-2017 u laħqu l-livell li kellhom fl-2013. L-industrija tal-Unjoni kisbet livell ta' profitt ta' 6,2 % peress li l-kost tal-produzzjoni (materja prima), anki jekk kien qed jiżdied, baqa' anqas milli kien fl-2013. Il-pożizzjoni ġenerali tal-fluss tal-flus tal-industrija tal-Unjoni żdiedet b'madwar 60 %.
- (46) F'termini ta' impjegi, tul il-perjodu ta' 5 snin, il-produtturi tal-Unjoni tal-kategoriji ta' prodotti vvalutati tilfu kważi 10 000 impjeg.

	2013	2014	2015	2016	2017
impjegi (FTE)	189 265	183 470	182 136	182 162	181 303
<i>indiċi 2013 = 100</i>	100	97	96	96	96

Sors: tweġibiet għall-kwestjonarju

2. Sitwazzjoni fil-livell tal-kategoriji individwali ta' prodotti

- (47) Minbarra l-analiżi globali tas-sitwazzjoni għall-prodott ikkonċernat b'mod ġenerali, li l-Kummissjoni tqis li hu l-punt xiejarq għall-valutazzjoni tan-neċessità tal-miżuri ta' salvagwardja f'din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni vvalutat ukoll is-sitwazzjoni fil-livell tal-kategoriji individwali ta' prodotti biex tikkonferma t-tendenzi ta' hawn fuq flivell disaggregat.
- (48) Meta jiġu analizzati l-kategoriji individwali ta' prodotti, is-sitwazzjoni hi aktar kuntrastata iżda b'mod ġenerali turi l-istess tendenzi. L-indikaturi ekonomiċi huma pprovvduti b'mod individwali u skont il-kategoriji ta' prodotti fl-Anness III.
- (49) Il-konsum tal-Unjoni għall-kategoriji ta' prodotti kollha appartni tnejn żdied fl-aħħar ħames snin. Filwaqt li din iż-żieda baqgħet modesta għal ċerti prodotti individwali, b'żieda minima ta' 2 %, inħasset ferm aktar għal oħrajn, b'żieda massima ta' 169 %.
- (50) Il-volumi tal-bejgħ ġeneralment baqgħu stabbli fil-perjodu 2013-2017 jew, f'ċerti każijiet, żdiedu bi ftit iżda, ħlief għal tliet kategoriji ta' prodotti, ma żdidux daqs il-konsum tal-UE. Bħala riżultat ta' dan, kien hemm tnaqqis fl-ishma tas-suq tul il-perjodu ta' ħames snin għall-prodotti kollha minbarra 3.
- (51) Il-livelli tal-produzzjoni ġeneralment żdiedu għal 18 mit-23 prodott individwali, u hekk ukoll ir-rati ta' użu tal-kapaċità.
- (52) F'termini ta' prezzijiet, kien hemm tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet għal kull prodott (ħlief għal prodott wieħed li kien soġġett għal dazji antidumping fil-forma ta' prezz minimu tal-importazzjoni) fil-perjodu 2013-2016. Il-prezzijiet irkupraw fl-2017, bis-saħħa ta' rkupru ġenerali tas-suq tal-azzar iżda anki bħala konsegwenza tad-diversi miżuri ta' rimedju kummerċjali meħuda kontra mġiba inġusta ta' prezzar u importazzjonijiet sussidjati. Għal 16-il prodott, il-livell tal-prezz baqa' anqas fl-2017 milli kif kien fl-2013. Ta' min jinnota li l-livelli medji tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet kienu kważi sistematikament anqas mill-prezzijiet tal-Unjoni għas-snin kollha, u għall-kategoriji ta' prodotti kollha.
- (53) F'dak li għandu x'jaqsam mal-profit, il-kategoriji ta' prodotti kollha nbiegħu bit-telf jew bi profitt imnaqqas ħafna sal-2016. 7 prodott biss setgħu jirkupraw sa livell ta' profitt ta' aktar minn 6 % fl-2017. Dawn il-prodotti huma

sinifikanti f'termini tal-volum ta' produzzjoni tal-UE u sitta minnhom bħalissa huma soġġetti għal miżuri (riċenti) tad-dazju antidumping jew kompensatorju. Kun af li dawn il-miżuri jikkonċernaw biss uħud mill-pajjiżi ta' oriġini. Il-prodotti l-oħra kollha baqgħu jagħmlu t-telf (3 prodotti) jew inkella kważi laħqu punt ta' ekwilibriju (13-il prodott). Hu kkunsidrat li l-livell ta' profitt ta' anqas minn 6 % mhuwiex biżżejjed biex ikopri l-investimenti meħtieġa biex tiġi sostnuta l-attività peress li, fil-maġġoranza tal-investigazzjonijiet riċenti, il-Kummissjoni użat livell ta' profitt ta' madwar 8 % bħala livell suffiċjenti ta' profitt f'dan is-settur biex ikunu koperti l-investimenti. Rigward il-fluss tal-flus, għal nofs il-prodotti l-fluss tal-flus naqas fl-2013-2017 u għal 6 prodotti l-flus tal-flus kien saħansitra negattiv fl-2017. Ir-redditu fuq il-kapital imħaddem (ROCE) baqa' baxx fil-perjodu 2013-2016, iżda mbagħad tjeib għal maġġoranza kbira tal-kategoriji ta' prodotti, għad li għal 5 prodotti l-ROCE kien għadu negattiv fl-2017.

- (54) F'termini tal-istokkijiet, l-istokkijiet żdiedu għal 17-il kategorija ta' prodotti. L-istokkijiet ta' 5 kategoriji ta' prodotti biss naqsu u għal kategorija ta' prodotti waħda dawn baqgħu fl-istess livell matul il-perjodu.
- (55) L-analiżi ta' hawn fuq tikkonferma li s-sitwazzjoni tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni ddeterjorat b'mod sinifikanti fil-perjodu 2013-2016. Din immaterjalizzat bi tnaqqas fl-ishma mis-suq, u bi tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet li pprevjenu lill-industrija milli tibbenefika mill-kostijiet anqas tal-materja prima. Dawn it-tendenzi kienu jeżistu fl-livell globali kif ukoll tal-prodotti individwali. Is-sitwazzjoni rkuprat f'parti minnha fl-2017. Filwaqt li ħafna kategoriji ta' prodotti għadhom fl-livell anqas minn dak ta' profitt sostenibbli, uħud tjeibu, probabbilment minħabba l-impożizzjoni riċenti tal-miżuri antidumping u antisussidji. Għaldaqstant, globalment, u għal kategoriji individwali ta' prodotti, hu meqjus li l-industrija tal-Unjoni għadha f'sitwazzjoni dgħajfa u hi vulnerabbli għal żieda ulterjuri fl-importazzjonijiet, b'mod partikolari jekk l-importazzjonijiet minn pajjiżi soġġetti għal miżuri ta' rimedju kummerċjali jiġu ssostitwiti minn importazzjonijiet oħra ddevjati mis-suq tal-Istati Uniti bħala riżultat tal-azzjoni skont it-Taqsima 232.
- (56) Tipikament, dan ikun pereżempju l-każ għall-kategoriji ta' prodotti 1, 2 u 4 li huma importanti f'termini tad-domanda tal-Unjoni iżda anki għaliex dawn il-kategoriji ta' prodotti (b'mod partikolari l-kategoriji 1 u 2) jintużaw bħala materja prima biex jiġu manifatturati prodotti oħra tal-azzar. Għall-kategoriji ta' prodotti 1, 2 u 4, is-sitwazzjoni finanzjarja kienet negattiva fl-2016, iżda saret pożittiva fl-2017 wara l-impożizzjoni tal-miżuri antidumping u antisussidji kontra numru ta' pajjiżi bħal, fost l-oħrajn, iċ-Ċina u r-Russja. Madankollu, l-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi riċentement u parzjalment ġew sostitwiti minn importazzjonijiet mill-Indja, mill-Korea u mit-Turkija, b'dawn l-aħħar tnejn li huma wkoll fornitur importanti għall-Istati Uniti. Fl-ewwel trimestru tal-2018, jiġifieri qabel l-impożizzjoni tal-miżuri fl-Istati Uniti, l-importazzjonijiet fl-Unjoni diġà żdiedu għall-kategorija ta' prodotti 1 meta mqabbla mal-ewwel trimestru tal-2017, u din iż-żieda hi dovuta primarjament għall-importazzjonijiet mit-Turkija.
- (57) Hu probabbli li żieda ulterjuri fl-importazzjonijiet tal-azzar fl-Unjoni tkun tipprevjeni lill-industrija tal-Unjoni, li għadha ma rkupratx bis-sħiħ, milli tibbenefika mill-effett pożittiv tal-miżuri ta' rimedju kummerċjali riċenti.

3. Theddida ta' dannu serju

- (58) Fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Marzu 2016 dwar l-azzar ⁽¹⁾, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-azzar tal-Unjoni kienet qed taffaċċja numru ta' sfidi serji, dovuti għall-kapaċità eċċessiva globali, għal żieda drammatika fl-esportazzjonijiet globali u għal mewġa bla preċedenti ta' Prattiki kummerċjali żleali.
- (59) B'mod parallel, biex jiġi rimedjat id-dannu kkawżat minn importazzjonijiet kummerċjali żleali, l-Unjoni imponiet numru ta' miżuri antidumping u antisussidji kontra l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar. B'kolloxx bħalissa hemm xejn anqas minn 19-il miżura antidumping jew antisussidji kontra l-importazzjonijiet ikkummerċjalizzati b'mod żleali ta' 14-il kategorija ta' prodotti investigati minn diversi pajjiżi. Matul il-perjodu investigat, jiġifieri l-2013-2017, 13-il investigazzjoni ġdida ddeterminaw li l-industrija tal-azzar tal-UE ġarrbet (jew f'każ minnhom kienet mhedda li tista' ġġarrab) minn dannu materjali kkawżat minn Prattiki kummerċjali żleali.
- (60) Kif innotat fil-premessa (55), l-industrija tal-Unjoni għadha f'sitwazzjoni dgħajfa u hi vulnerabbli għal żieda ulterjuri fl-importazzjonijiet. Id-deċiżjoni riċenti tal-Istati Uniti li ma teskludix l-esportazzjonijiet mill-UE mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri tat-Taqsima 232 aktarx li se tnaqqas il-ħila tal-produtturi tal-Unjoni li jesportaw il-prodotti tagħhom fl-Istati Uniti u tagħmel is-sitwazzjoni tagħhom saħansitra aktar vulnerabbli.
- (61) L-importazzjonijiet tal-azzar żdiedu b'mod sinifikanti, u baqgħu fl-livelli għoljin fl-2017. Iż-żieda ulterjuri tal-importazzjonijiet fl-2018 – b'mod partikolari minn daww il-pajjiżi jew l-esportaturi li mhumiex soġġetti għal miżuri ta' rimedju kummerċjali – aktarx li tipprevjeni lill-industrija milli tirkupra bis-sħiħ u milli tibbenefika minn dawn il-miżuri. L-industrija tal-azzar tal-Unjoni tabilħaqq hi meqjusa li għadha vulnerabbli għal żieda ulterjuri fl-importazzjonijiet.

⁽¹⁾ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment: Azzar: iż-żamma tal-impjiegi sostenibbli u t-tkabbir fl-Ewropa, COM(2016) 155 finali, 16.3.2016

- (62) Fin-nuqqas ta' miżuri proviżorji ta' salvagwardja, hu probabbli li s-sitwazzjoni se tiżviluppa f'dannu serju attwali fil-futur qarib.
- (63) F'dan il-kuntest, skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament 2015/478 u l-Artikolu 6(3) tar-Regolament 2015/755, il-Kummissjoni eżaminat ir-rata ta' żieda tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni u l-probabbiltà li l-kapaċità disponibbli tintuża għall-esportazzjoni fl-Unjoni.
- (64) L-ewwel nett, kif konkluż aktar 'il fuq, l-importazzjonijiet fl-Unjoni żdiedu b'mod sostanzjali fil-perjodu 2013-2017, jiġifieri bi 68 % globalment. Filwaqt li ż-żieda tagħhom inħasset b'mod partikolari sal-2016, l-importazzjonijiet baqgħu jiżdiedu fil-perjodu sussegwenti, għad li b'pass aktar kajman. Kif enfasizzat fil-premessi (37) u (82) rigward iċ-ċirkustanzi kritiċi – l-importazzjonijiet żdiedu mill-ġdid b'mod sinifikanti, bi kważi 10 %, fl-ewwel trimestru tal-2018. Għaldaqstant, ir-rata ta' żieda tal-importazzjonijiet hi sinifikanti.
- (65) It-tieni, f'sitwazzjoni ta' kapaċità eċċessiva globali f'diversi pajjiżi, hu mistenni li l-miżuri tat-Taqsima 232 u restrittivi tal-Istati Uniti, fid-dawl tal-livell u tal-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, aktarx li jikkawżaw devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali tal-prodotti tal-azzar fl-Unjoni.
- (66) L-Istati Uniti ħabbru l-intenzjoni tagħhom li jnaqqsu l-importazzjonijiet bi kważi 13-il miljun tunnellata u, bħala riżultat, f'Marzu 2018 imponew dazju addizzjonali fuq l-importazzjonijiet ta' 25 % kontra l-importazzjonijiet ta' numru kbir ħafna ta' prodotti tal-azzar. Il-volum ta' azzar li mhux se jibqa' jiġi esportat lejn l-Istati Uniti bilfors li se jiġi ddevjat lejn pajjiżi terzi oħra.
- (67) Uħud mill-esportaturi ewlenin lejn l-Istati Uniti huma fornituri tradizzjonali tal-azzar lejn l-Unjoni wkoll. Hu aktar minn probabbli li dawn il-pajjiżi, kif ukoll oħrajn, fil-parti l-kbira jkunu lesti li jiddevjaw l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-Unjoni. B'mod ġenerali s-suq tal-Unjoni hu suq tabilħaqq attraenti għall-prodotti tal-azzar kemm f'termini tad-domanda kif ukoll tal-prezzijiet. Fil-fatt, wara ċ-Ċina, iżda qabel l-Istati Uniti, l-UE hi wieħed mis-swieq ewlenin għall-azzar, fejn id-domanda żdiedet fl-aħħar snin u l-prezzijiet issa rkupraw ukoll.
- (68) F'dan il-kuntest, żieda sinifikanti fil-provvista fis-suq tal-Unjoni kkawżata minn influss ta' importazzjonijiet se tirriżulta fi prezzijiet ġenerali 'l isfel fuq il-prezzijiet, li twassal għal livelli ta' prezzijiet komparabbli għall-2016 b'konsegwenzi negattivi sinifikanti fuq il-profitabilità tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni.

4. Konklużjonijiet

- (69) F'dawn iċ-ċirkustanzi, u fuq il-bażi ta' dan li ntqal hawn fuq, hu konkluż b'mod preliminari li, għad li l-industrija tal-azzar tal-Unjoni rkuprat b'mod parzjali għal uħud mill-kategoriji ta' prodotti fl-2017, b'mod partikolari bis-saħħa tal-miżuri ta' rimedju kummerċjali, għall-biċċa l-kbira tal-kategoriji ta' prodotti vvalutati s-sitwazzjoni għadha ferm anqas mil-livelli sostenibbli, sitwazzjoni li tħalli l-industrija tal-Unjoni vulnerabbli għal żieda oħra fl-importazzjonijiet. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-industrija tal-azzar tal-Unjoni tinsab f'sitwazzjoni ta' theddida ta' dannu serju għat-23 kategorija ta' prodotti vvalutati.

VII. KAWŻALITÀ

1. Żieda fl-importazzjonijiet

- (70) Il-Kummissjoni għamlet determinazzjoni preliminari li hemm rabta kawżali bejn iż-żieda fl-importazzjonijiet tal-prodott ivvalutat minn naħa u theddida ta' dannu serju min-naħa l-oħra, fuq il-bażi li ġejja.
- (71) L-ewwel hu mfakkar li l-prodotti manifatturati mil-produtturi tal-Unjoni huma simili jew f'kompetizzjoni diretta mal-prodotti kkonċernati. Dawn għandhom l-istess karatteristiċi bażiċi, l-istess użi u jinbiegħu permezz ta' kanali tal-bejgħ simili jew idedntiċi u jikkompetu bis-saħħa fil-prezzijiet.
- (72) Kif spjegat fit-Taqsimiet IV u VI, il-produtturi tal-Unjoni batew f'termini ta' telf tas-sehem mis-suq u ta' pressjoni sinifikanti fuq il-prezzijiet li wasslu għal livell negattiv jew insostenibbli ta' profit. Għal ċerti prodotti, anki jekk il-produtturi rkupraw, jidher li dannu serju hu imminenti.
- (73) Fil-perjodu 2013-2017, l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat żdiedu b'mod sinifikanti u tellfu l-ishma mis-suq tal-Unjoni fuq il-bażi ta' livelli tal-prezzijiet anqas minn daww tal-produtturi tal-UE. Tabilħaqq, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet, b'mod ġenerali, kiber minn 12.2 % għal 17.6 % u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet baqgħu kważi b'mod sistematiku anqas mill-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni għal kull prodott individwali.

- (74) Ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet miżjuda u s-sitwazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni nħasset b'mod partikolari fil-perjodu 2013-2016, meta l-importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi laħqu l-ogħla livell (+ 62 %) u l-prezzijiet tal-produtturi tal-UE naqsu bi 15 %. Għall-kategorija 13, it-tnaqqis fil-prezzijiet ammontaw saħansitra għal 20 % filwaqt li għall-kategoriji 1 u 3 it-tnaqqis kien ta' 19 % u ta' 18 % rispettivament. Bħala riżultat, il-produtturi tal-Unjoni tal-prodotti simili kienu jinsabu f'sitwazzjoni ta' telf jew qrib punt ta' ekwilibriju. Fis-sena 2017, l-importazzjonijiet baqgħu f'livell għoli u komplew iwaqqgħu l-prezzijiet, minkejja żieda ġenerali fil-prezzijiet. Il-prezzijiet tal-UE rkupraw, iżda mhux biżżejjed għal numru ta' prodotti li kienu għadhom qed jinbiegħu bit-telf jew bi profitt imnaqqas.
- (75) Anki jekk il-profitt irkupra għal uħud mill-kategoriji ta' prodotti, is-sitwazzjoni tagħhom għadha vulnerabbli. Tabilħaqq, fuq il-bażi tal-iżviluppi fis-snin preċedenti, dawn il-kategoriji ta' prodotti huma partikolarment sensitivi għal pressjoni fuq il-prezzijiet, u kwalunkwe żieda ulterjuri fl-importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi jkollha impatt negattiv sinifikanti fuq is-sitwazzjoni tagħhom.
- (76) F'dan il-kuntest, hu meqjus li l-miżuri restrittivi meħuda mill-Istati Uniti skont it-Taqsima 232 tal-Att dwar l-Espansjoni Kummerċjali, fid-dawl tal-livell u tal-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, aktarx li jikkawżaw dannu serju imminenti għall-produtturi tal-Unjoni.
- (77) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi b'mod proviżorju li, b'rabta mat-23 kategorija ta' prodotti vvalutati, hemm rabta kawżali bejn iż-żieda fl-importazzjonijiet, il-persjoni fuq il-prezz tas-suq tal-azzar tal-Unjoni u t-treddida ta' dannu serju mġarrab mill-produtturi tal-Unjoni.

2. Fatturi magħrufa oħra

- (78) Biex jiġi żgurat li d-dannu serju mhuwiex attribwibbli għal fatturi oħra minbarra ż-żieda fl-importazzjonijiet, il-Kummissjoni għamlet analiżi preliminari biex tiddetermina jekk il-fatturi l-oħra setgħux ikkontribwew għad-dannu serju mġarrab mill-produtturi tal-Unjoni.
- (79) Instab li l-kapaċità eċċessiva globali qdriet rwol fis-sens li din saħħet l-importazzjonijiet irħas fl-Unjoni. Il-konsum għall-prodotti kkonċernati tal-azzar żdied u, għalhekk, ma setax idgħajf ir-rabta kawżali.
- (80) Il-Kummissjoni qieset ukoll l-attribuzzjoni ta' dannu serju dovut għal importazzjonijiet tal-prodotti kkonċernati mill-membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE). Bħala riżultat tal-Ftehim taż-ŻEE bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-membri taż-ŻEE (in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein), min-naħa l-oħra, l-Unjoni stabbilixxiet integrazzjoni ekonomika mill-qrib mas-swieq tal-pajjiżi taż-ŻEE, kif ukoll mal-industriji tal-prodotti kkonċernati. L-industrija f'dawk is-swieq hi matura u saturata, u minħabba f'hekk hu meqjus li l-esklużjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-membri taż-ŻEE mill-miżuri ta' salvagwardja ftit li xejn (jew mhux) ser ikollhom impatt fuq il-livelli ta' importazzjoni tal-prodotti. Tabilħaqq, u filwaqt li l-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi tassew ikkontribwew għal ċerti kategoriji ta' prodotti biex jiżdiedu fl-importazzjonijiet (l-importazzjonijiet ġenerali minn dawn il-pajjiżi juru żieda ta' madwar 9 %), is-sehem ta' dawk l-importazzjonijiet fl-importazzjonijiet totali hu limitat (is-sehem taż-ŻEE fl-importazzjonijiet hu ta' madwar 1,5 %, b'seħem mis-suq korrispondenti ta' 0,3 % b'kollox). Barra minn hekk, il-membri taż-ŻEE tradizzjonalment kienu fornituri minuri tal-prodott ikkonċernat lejn l-Istati Uniti, u dan ifisser li r-riskju ta' devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali ġie ddeterminat b'mod preliminari li hu limitat ukoll. Għaldaqstant, fir-rigward tal-provisti tradizzjonalment minuri lejn l-Istati Uniti, il-maturità tal-industrija fis-swieq taż-ŻEE, u r-riskju limitat relatat ta' devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali li jriżulta minn dawn, il-Kummissjoni tqis li l-importazzjonijiet tal-prodotti kkonċernati mill-membri taż-ŻEE setgħu kkontribwew b'mod marġinali ħafna, jekk ikkontribwew affattu, għat-treddida ta' dannu serju.
- (81) Konsegwentement, il-Kummissjoni ma identifikatx fatturi oħra li jkunu jdgħajfu r-rabta kawżal bejn iż-żieda fl-importazzjonijiet u d-dannu serju għall-produtturi tal-Unjoni. Minkejja dan, fil-bqija tal-investigazzjoni ser issir eżaminazzjoni aktar dettaljata tal-fatturi l-oħra kollha li kkontribwew jew setgħu kkontribwew għad-dannu.

VIII. SITWAZZJONI KRITIKA

- (82) Kif indikat aktar 'il fuq, il-produtturi tal-azzar tal-Unjoni globalment jinsabu f'sitwazzjoni ta' t-treddida ta' dannu u jidher ċar li dannu serju hu imminenti. Għal uħud mill-kategoriji individwali ta' prodotti, diġà hemm indikazzjonijiet ta' dannu serju. Żieda ulterjuri fl-importazzjonijiet aktarx li ser ikollha effetti avversi sinifikanti fuq is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija b'mod ġenerali.
- (83) Il-Kummissjoni eżaminat jekk jeżistux ċirkustanzi kritiċi li fihom dewmien ikun jikkawża ħsara li diffiċilment tkun tista' tissewwa. B'mod partikolari ġie eżaminat jekk l-importazzjonijiet komplewx jiżdiedu fl-aktar perjodu riċenti.

- (84) Fuq il-bażi ta' tqabbil bejn l-importazzjonijiet tal-prodotti tal-azzar fl-ewwel trimestru tal-2018 u fl-ewwel trimestru tal-2017, jidher li għal 18 mit-23 kategorija ta' prodotti l-importazzjonijiet żdiedu b'26 %. Din iż-żieda fl-importazzjonijiet hi ferm aktar importanti minn dik esperjenzata fil-perjodu 2016-2017, li kienet ta' madwar 2 %.
- (85) It-tariffi ta' 25 % skont it-Taqsima 232 fuq il-prodotti tal-azzar ġew introdotti fit-23 ta' Marzu 2018. F'dan l-istadju hu impossibbli li jiġi vvalutat l-effett sħiħ tal-miżuri tal-Istati Uniti f'termini tad-devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali. Madankollu, iż-żieda fl-importazzjonijiet fl-Unjoni fl-ewwel trimestru tal-2018 tista' titqies bħala antiċipazzjoni tal-effetti tagħhom u, għalhekk, taġhti indikazzjoni tajba ta' dak li jista' jkun l-iżvilupp futur potenzjali tal-importazzjonijiet tal-Unjoni wara l-impożizzjoni tal-miżuri tal-Istati Uniti.
- (86) Fit-30 ta' Mejju 2018, l-Istati Uniti ddeċidew ukoll li l-miżuri tat-Taqsima 232 għandhom jissaħħu kontra l-Unjoni, il-Messiku u l-Kanada. Il-Kummissjoni tqis li dan hu element kritiku ulterjuri peress li ma jirrestrinġix biss l-esportazzjonijiet tal-Unjoni iżda jżid ukoll ir-riskju ta' devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali miż-żewġ pajjiżi importanti l-oħra li jipproduċu l-azzar.
- (87) Fid-dawl tas-sitwazzjoni vulnerabbli tas-sitwazzjoni, u fid-dawl tal-aktar żieda riċenti tal-importazzjonijiet, provvista eċċessiva ulterjuri ta' prodotti tal-azzar fis-suq tal-Unjoni, u l-pressjoni li tirriżulta fuq il-prezzijiet, mingħajr dubju ser ikollhom konsegwenzi serji fuq is-sitwazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni.
- (88) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li, minħabba r-riskju reali ta' devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali u r-restrizzjoni ulterjuri tal-importazzjonijiet għall-Istati Uniti ta' pajjiżi importanti li jipproduċu l-azzar, hemm ċirkustanzi kritiċi li fihom kwalunkwe dewmien fl-adozzjoni ta' miżuri provviżorji ta' salvagwardja jkun jikkawża ħsara li diffiċilment tkun tista' tisewwa. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri provviżorji ta' salvagwardja għandhom jiġu adottati mingħajr dewmien.

IX. INTERESS TAL-UNJONI

- (89) Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament 2015/478, ġie eżaminat jekk, minkejja s-sejba provviżorja ta' theddida ta' dannu serju, jeżistux raġunijiet b'saħħithom biex jiġi konkluż li f'dan il-każ partikolari mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri provviżorji. L-analiżi tal-interessi tal-Unjoni kienet ibbażata fuq valutazzjoni tal-interessi differenti kollha involuti, inklużi dawk tal-produtturi tal-Unjoni, tal-importaturi, u tal-utenti.
- (90) L-industrija tal-Unjoni hi magħmula minn madwar 40 produttur, li jinstabu f'ħafna Stati Membri differenti tal-Unjoni, u li jimpjegaw direttament aktar minn 180 000 ruħ meta mqabbla mal-25 prodotti kkonċernati fil-perjodu 2013-2017. Ġie stabbilit li l-industrija tal-Unjoni qed taffaċċja theddida ta' dannu serju kkwat minn żieda fl-importazzjonijiet. Hu mfakkar li l-industrija tal-Unjoni ma bbenefikatx minn żieda fil-konsum u li s-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni għadha dgħajfa u vulnerabbli għal żieda ulterjuri fl-importazzjonijiet. L-importanza strateġika tal-industrija tal-azzar ilha żmien twil rikonoxxuta⁽¹⁾. Hu fl-interess tal-Unjoni li jkollha industrija tal-azzar f'saħħitha u kompetittiva. Hu ċar li jekk ma tittieħed ebda miżura, kemm il-prezzijiet kif ukoll is-sehem mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni ser ikomplu jonqsu u jwasslu f'anqas produzzjoni, f'aktar telf finanzjarju u f'telfien ta' impjegi, kemm fl-industrija tal-azzar kif ukoll fl-industriji relatati. L-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji ta' salvagwardja se tirrimedja b'mod temporanju d-dannu serju u tiffaċilita l-aġġustament mill-industrija tal-Unjoni.
- (91) B'mod ġenerali, l-utenti u l-importaturi jfittxu l-anqas prezz possibbli għall-azzar, u hu ċar li, mingħajr il-miżuri, il-prezzijiet ikunu orħos. Madankollu, hu wkoll fl-interess tagħhom li jkollhom industrija tal-azzar tal-Unjoni kompetittiva u vulnerabbli, li kapaċi tissodisfa l-ħtiġijiet futuri tagħhom.
- (92) F'dan il-kuntest, diversi partijiet interessati għall-investigazzjoni ddikjaraw li ma jkunx fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri provviżorji ta' salvagwardja. Dawn jiddikjaraw li l-miżuri kważi ċertament jirriżultaw f'nuqqas fil-provvista u, għalhekk, jixħtu lill-industrija tal-Unjoni f'pożizzjoni aktar b'saħħitha ta' negozjar biex teżerċita pressjoni fuq il-prezzijiet. Dawn argumentaw ukoll li s-sorsi tal-provvista diġà huma limitati mill-impożizzjoni tal-miżuri antidumping u antisussidji u li l-prodotti li mhumix disponibbli mingħand il-produtturi tal-Unjoni jew li mhumix disponibbli f'ammonti suffiċjenti jew bl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi xierqa jridu jiġu esklużi mill-miżuri ta' salvagwardja.
- (93) Biex jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn id-diversi interessi leġittimi u peress li t-theddida ta' dannu serju hi marbuta primarjament f'dan il-każ mal-eżistenza ta' devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali, il-Kummissjoni tqis li l-forma

⁽¹⁾ Komunikkazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat Tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investment tas-16.3.2016, "Azzar: Iż-żamma tal-impjegi sostenibbli u t-ktabbir fl-Ewropa", COM(2016)155 final

tal-miżuri ta' salvagwardja għandha tippreserva l-livelli storiċi tal-importazzjonijiet, u li l-importazzjonijiet li jisbqu dan il-livell biss għandhom ikunu soġġetti għalihom. F'dan ir-rigward, sistema ta' Kwoti ta' Rati tat-Tariffi li taħtha ma jitqajjem ebda ostaklu kontra l-flussi kummerċjali tradizzjonali tiggarrantixxi li l-miżuri ta' salvagwardja huma konformi mal-interess tal-Unjoni. Forma bħal din ta' miżura tkun tipprevjeni l-effetti negattivi ta' devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali għall-industrija tal-Unjoni, filwaqt li fl-istess ħin tippreserva s-sorsi tradizzjonali ta' provvista kummerċjali u l-kompetizzjoni effettiva fis-suq tal-azzar.

- (94) F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni tqis li r-riskju li l-miżura adottata tnedi nuqqas fil-provvista jew żieda fil-prezzijiet mhuwiex materjali. B'mod simili, id-dikjarazzjoni li ċerti kategoriji speċifiċi ta' prodotti jridu jiġu esklużi mill-miżuri ta' salvagwardja peress li mhumiex disponibbli mingħand il-produtturi tal-Unjoni jew li mhumiex disponibbli f'ammonti suffiċjenti jew bl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi xierqa għandha tiġi miċħuda peress li l-flussi kummerċjali tradizzjonali se jiġu garantiti.
- (95) Għaldaqstant, kollox ma' kollox, il-Kummissjoni tikkonkludi b'mod proviżorju li l-interess tal-Unjoni jeħtieġ l-adozzjoni ta' miżuri proviżorji ta' salvagwardja taħt il-forma speċifika ta' żieda fit-tariffi li se jiġu applikati lil hinn mill-flussi kummerċjali tradizzjonali fuq bażi ta' kategorija ta' prodotti.

X. KONKLUŻJONIJET U ADOZZJONI TAL-MIŻURI PROVIŻORJI

1. Adozzjoni tal-miżuri proviżorji

- (96) Ġie konkluż b'mod preliminari li l-industrija tal-azzar tal-Unjoni tinsab f'sitwazzjoni ta' theddida ta' dannu serju għat-23 kategorija ta' prodotti vvalutati u li din is-sitwazzjoni aktarx li tiżviluppa f'dannu serju attwali fil-futur qarib. Fid-dawl ta' ċirkustanzi kritiċi, hu meqjus li għandhom jittieħdu miżuri proviżorji ta' salvagwardja biex tiġi evitata ħsara għall-industrija tal-azzar tal-UE li diffiċilment tkun tista' tisewwa qabel ma tiġi konkluż l-investigazzjoni kurrenti.

2. Il-forma u l-livell tal-miżuri

- (97) Għall-għażla tal-forma xierqa tal-miżura, il-Kummissjoni qieset it-tliet elementi li ġejjin. L-ewwel nett, dannu serju għall-industrija tal-azzar globali tal-Unjoni aktarx li jimmaterializza minħabba d-diversiżjoni tal-esportazzjonijiet tal-azzar lill-Istati Uniti lejn l-UE bħala konsegwenza tal-miżuri tat-Taqsima 232. It-tieni, hu meqjus li t-trasparenza tas-suq tal-Unjoni għandha tinżamm u li għandu jinżamm il-fluss tradizzjonali tal-importazzjonijiet. Tabilħaqq, bażikament hu l-eċċess ta' dawn l-importazzjonijiet lil hinn minn dawn il-flussi kummerċjali tradizzjonali li hu meqjus li hu t-theddida ewlenija għas-sitwazzjoni tal-industrija tal-azzar. Finalment, f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2015/478 u mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji, il-miżuri proviżorji għandhom jieħdu l-forma ta' miżuri tariffarji.
- (98) Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni tqis li, kif intqal fil-premessa (93), il-miżuri proviżorji ta' salvagwardja għandhom jieħdu l-forma ta' sistema ta' kwoti tar-rati tariffarji li meta jinqabżu jitħallas dazju addizzjonali. Biex jiġi żgurat aċċess għas-suq tal-Unjoni għall-fornituri tradizzjonali kollha, it-tali kwoti tar-rati tariffarji għandhom ikunu bbażati fuq il-medja tal-livell annwali ta' importazzjonijiet fis-snin 2015, 2016 u 2017. Peress li l-kwoti tar-rati tariffarji ser ikunu fis-seħħ għal 200 jum kalendarju, il-kwoti għandhom jiġu stabbiliti flivell prorata korrispondenti għall-figura annwali.
- (99) Ir-rata tad-dazju addizzjonali lil hinn mill-kwota għandha tiġi stabbilita flivell li hu konsistenti mal-għan ta' prevenzjoni ta' dannu serju għall-industrija tal-Unjoni. Fid-dawl tal-konklużjonijiet dwar it-theddida ta' dannu serju u tal-fatt li d-dannu serju għadu ma seħħ f'termini ġenerali, il-Kummissjoni tqis li l-kalkolu ta' marġni tad-dannu fuq il-bażi tal-prezz mhux dannuż medju mfassal għal kull tunnellata ta' prodotti tal-industrija tal-Unjoni fl-aktar perjodu riċenti ma jidherx li hu xieraq.
- (100) F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni tqis li aktar ikun xieraq li jittieħed approċċ li jħares 'il quddiem għall-valutazzjoni tal-livell tad-dazju neċessarju bħala detterrent kontra l-materjalizzazzjoni ta' importazzjonijiet li jisbqu l-flussi kummerċjali tradizzjonali u li joħlqu dannu serju għall-industrija tal-Unjoni ladarba jintlaħaq il-livell tal-kwota.
- (101) F'dan ir-rigward, l-industrija tal-Unjoni ppreżentat żewġ metodi komplimentari għall-kalkolu ta' tariffa detterrenti biżżejjed, li l-Kummissjoni ssib li huma adegwati għat-tali għan: l-ewwel wieħed hu mudell ta' ekwilibriju parzjali tas-suq tal-Unjoni għall-azzar, filwaqt li t-tieni jikkalkola l-marġini tal-kontribuzzjonijiet għall-prodotti tal-azzar.

- (102) Mudell ta' ekwilibriju parzjali hu sett ta' ekwazzjonijiet tad-domanda u tal-provvista li jiffoka fuq parti waħda tal-ekonomija u japplika suppożizzjoni ceteris paribus għall-bqija tal-ekonomija. Dan jassumi wkoll li l-impatti makroekonomiċi tax-xenarju li hu analizzat mhumiex kbar biżżejjed biex jinfluwenzaw l-aggregati makroekonomiċi bħal-livell ġenerali tal-pagi f'ekonomija.
- (103) Il-mudell propost mill-industrija tal-Unjoni hu bbażat fuq kodiċi disponibbli pubblikament li hu programmat u solvut f'softwer ta' spreadsheets. Il-mudelli ta' ekwilibriju parzjali b'mod aktar ġenerali huma għodda standard għall-analiżi tal-politika kummerċjali mill-awtoritajiet tal-investigazzjoni, inkluża l-Kummissjoni.
- (104) Il-mudell, bħal ħafna oħrajn, japplika l-hekk imsejħa suppożizzjoni Armington li l-prodotti minn oriġini differenti huma sostituti imperfetti. Il-mudell iħares lejn is-suq tal-Unjoni biss billi juża funzjoni tal-provvista għal kull waħda mill-provvista domestika tal-Unjoni, mill-provvista tal-importazzjonijiet minn pajjiżi soġġetti għas-salvagwardji u mill-provvista tal-importazzjonijiet minn pajjiżi eżentati mis-salvagwardji. Finalment, dan iħaddem funzjoni tad-domanda tal-Unjoni li twieġeb għal-livell ġenerali tal-prezzijiet biex tiddetermina d-domanda għall-azzar fil-livell aggregat u jqassamha skont il-prezzijiet relattivi għat-tliet sorsi msemmija tal-provvista. Dan il-proċess imsemmi l-aħħar hu rregolat mill-hekk imsejħa Elastiċitajiet Armington, jiġifieri parametri ekonomiċi li jirrappreżentaw l-elastiċità tas-sostituzzjoni bejn prodotti minn pajjiżi ta' oriġini differenti li jvarjaw bejn it-tipi ta' prodotti u s-swieq.
- (105) Id-data mill-mudell hi meħuda mill-EUROFER u mill-Eurostat. L-Elastiċitajiet Armington, kif ukoll l-elastiċitajiet tal-provvista u tad-domanda huma meħuda minn sorsi stabbiliti bħall-ITC tal-Istati Uniti u mill-Global Trade Analysis Project ("GTAP"). L-Elastiċità Armington hi stabbilita għal 3.75, l-elastiċità tad-domanda hi stabbilita għal $-0,5$ u t-tliet elastiċitajiet tal-provvista huma stabbiliti għal 4 f'konformità ma' dawn is-sorsi.
- (106) Peress li dan hu mudell b'pajjiż wieħed, iridu jsiru ċerti suppożizzjonijiet espliċiti u impliċiti, b'mod partikolari rigward is-suq tal-azzar tal-Istati Uniti u l-impatt tal-miżuri imposti bl-invokar tat-Taqsima 232.
- (107) L-ewwel nett, hu supponut li dawn il-miżuri se jirnexxihom jeskludu mis-suq tal-Istati Uniti l-esportazzjonijiet kurrenti tal-pajjiżi soġġetti għall-miżuri tat-Taqsima 232. Fil-pass li jmiss, is-sehem ta' dawn l-esportazzjonijiet esklużi li se jiġi ddevjat lejn is-suq tal-UE għal kull pajjiż produttur li bħalissa jesporta lejn l-Istati Uniti hu kkalkolat skont metodoloġija li fiha huma kkunsidrati u ponderati erba' kriterji differenti: id-distanza mill-Unjoni, id-disponibbiltà fir-reġjun rilevanti tal-pajjiżi li kapaċi jassorbu l-esportazzjonijiet iddevjati, l-eżistenza tal-pajjiżi fir-reġjun b'kapaċità eċċessiva sinifikanti, u l-eżistenza fil-pajjiż tal-miżuri ta' rimedju kummerċjali fis-seħħ. Skont dan il-kalkolu, 72 % tal-importazzjonijiet kurrenti mill-Istati Uniti se jiġu ddevjati lejn is-suq tal-UE, li jikkorrispondu għal 55 % tal-importazzjonijiet totali ta' azzar fl-Unjoni fl-2017. Hu supponut ukoll li dawn l-importazzjonijiet addizzjonali se jispostaw il-produtturi tal-Unjoni bl-istess ammont.
- (108) Il-mudell hu speċifikat bil-parametri msemmija aktar 'il fuq u bid-data tas-suq ikkoreġuta għas-suppożizzjonijiet magħmula fiż-żewġ premessi preċedenti. Imbagħad il-mudell jiġi solvut b'esperimenti ta' diversi ammonti ta' tariffa ta' salvagwardja barra mill-kwota tal-Unjoni. Ir-riżultati tal-mudell ibassru li tariffa ta' 25 % tkun tippermetti livelli ta' importazzjonijiet li huma madwar 19 % oġhla milli fil-perjodu ta' referenza tal-2015-2017. Tariffa ta' 32 % xorta tkun tippermetti 10 % aktar importazzjonijiet milli fil-perjodu ta' referenza. Min-naħa l-oħra, tariffa ta' 41 % tnaqqas l-importazzjonijiet għal-livell li kellhom fl-2015-2017.
- (109) Ir-riżultati tal-mudell kummerċjali makroekonomiku huma komplimentati minn sensiela ta' simulazzjonijiet mikroekonomiċi ta' marġini ta' kontribuzzjoni tipiċi għal 12-il kategorija differenti ta' prodotti vvalutati. Is-suppożizzjoni wara l-analiżi hi li f'każ ta' prezzijiet li jonqsu, il-produtturi jkomplu jużaw bis-sħiħ il-kapaċitajiet tagħhom u jesportaw lejn l-Unjoni dment li jiġu rkuprati l-kostijiet varjabbli. Il-marġni bejn il-prezz tal-bejgħ u l-kostijiet varjabbli jissejjaħ il-marġni tal-kontribuzzjoni. Fi kliem ieħor, produttur ikompli jipproduċi dment li l-marġni tal-kontribuzzjoni ma jkunx negattiv. L-analiżi tistabbilixxi għal kull waħda mit-tnaqqas il-kategorija ta' prodotti vvalutati l-prezz fl-Unjoni tal-prodott imwassal li fih il-marġni tal-kontribuzzjoni għall-esportaturi lejn l-UE jkun eżawrit bis-sħiħ. Imbagħad il-firxa bejn dan il-prezz u l-prezz domestiku mhux dannuż fis-suq tal-Unjoni għandha tkun it-tariffa barra mill-kwota neċessarja biex tiggarrantixxi livell tal-prezz mhux dannuż fis-suq tal-Unjoni.
- (110) L-analiżi tuża basket ta' prezzijiet tal-materja prima fuq il-bażi tal-indiċijiet pubbliċi tal-Metal Bulletin, tal-kost varjabbli tad-ditti Ċiniżi mill-bażi ta' data tas-CRU u tal-kostijiet supponuti tal-merkanzija ta' \$60/tunnellata bejn iċ-Ċina u l-UE, li huma ddikjarati bħala stima konservattiva. Din tikkonkludi li l-marġini tal-kontribuzzjoni u, b'hekk, it-tariffi barra mill-kwota deterrenti neċessarji, għandhom ikunu fil-medda ta' 19-45 %, b'medjan ta' 34 %, li essenzjalment ikunu jikkonfermaw il-firxa tat-tariffa barra mill-kwota identifikata mill-mudell ta' ekwilibriju parzjali.

- (111) Fuq il-bażi ta' dan li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni stabbilixxiet b'mod preliminari li tariffa proviżorja ta' barra mill-kwota ta' 25 % tkun biżżejjed biex tipprevjeni milli jseħħ dannu serju. Din it-tariffa inferjuri mit-32 % li tirriżulta mill-mudell għall-iżgurar ta' kummerċ tradizzjonali flimkien ma' żieda ta' 10 % fil-fluss tal-importazzjonijiet tirrappreżenta approċċ kawt, b'kunsiderazzjoni tal-interess tal-Unjoni, u sakemm jaslu l-kummenti tal-partijiet interessati wara l-adozzjoni tal-miżuri proviżorji u jsir studju mill-qrib tal-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet qabel l-impożizzjoni tal-miżuri definittivi.

3. Amministrazzjoni tal-kwoti

- (112) L-aħjar mod kif jiġi żgurat użu ottimali tal-kwoti tariffarji hu li jiġu allokati fl-ordni kronoloġiku tad-dati li fihom jiġu aċċettati d-dikjarazzjonijiet tar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera, kif previst fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447⁽¹⁾. Aċċess indaqs u kontinwu għall-kwoti għandu jkun żgurat għall-importaturi kollha tal-Unjoni. Dan il-metodu ta' amministrazzjoni jeħtieġ kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.
- (113) L-eliġibilità ta' oġġetti importati minn pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp biex ikunu esklużi mill-kwoti tariffarji jiddependi mill-orijini tal-oġġetti. Għaldaqstant, għandhom jiġu applikati l-kriterji għad-determinazzjoni tal-orijini mhux preferenzjali bħalissa fis-seħħ fl-Unjoni.
- (114) Għall-fini tal-miżuri proviżorji, biex ikunu jistgħu jkomplu għaddejjin il-flussi kummerċjali tradizzjonali, se tiġi ddeterminata kwota speċifika għal kull waħda mill-kategoriji ta' prodotti li fuqhom dan ir-Regolament jimponi miżuri proviżorji, irrispettivament mill-pajjiż ta' orijini. Il-bqija tal-investigazzjoni se tiddetermina jekk allokazzjoni tal-kwoti mill-pajjiż esportatur hix mixtieqa biex jiġu żgurati flussi kummerċjali tradizzjonali minn dawn il-pajjiżi u b'kunsiderazzjoni tal-impatt tal-miżuri proviżorji. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ser ikollha tqis l-effett potenzjali tal-miżuri antidumping u antisussidji li bħalissa huma fis-seħħ fuq l-allokazzjoni u l-użu ta' kwota għal kull pajjiż.

4. Miżuri antidumping u antisussidji applikabbli

- (115) Ladarba tintlaħaq il-kwota ddeterminata ħielsa mid-dazju, jibdev japplikaw il-miżuri ta' salvagwardja.
- (116) Diversi partijiet interessati ddikjaraw li t-taħlita tal-miżuri antidumping u kompensatorji diġà imposti fuq ħafna kategoriji ta' prodotti mal-miżuri ta' salvagwardja fuq dawk l-istess importazzjonijiet tkun tixħet piż oneruż mhux mixtieq fuq ċerti produttori esportaturi li jfittxu li jesportaw lejn l-UE, sitwazzjoni li jista' jkollha l-effett li ċċaħħadhom l-aċċess għas-suq tal-Unjoni.
- (117) Tabilħaqq, għal 12-il kategorija ta' prodotti tal-azzar koperti mill-miżuri proviżorji kurrenti ta' salvagwardja, ċerti pajjiżi ta' orijini bħalissa huma soġġetti għal dazji antidumping u kompensatorji. Għaldaqstant hemm bżonn li jiġi kkunsidrat jekk il-kumulazzjoni ta' dawn il-miżuri mal-miżuri ta' salvagwardja twassalx għal effett akbar minn dak mixtieq⁽²⁾. Biex tiġi evitata l-impożizzjoni ta' "rimedji doppji", kull meta tinqabeż il-kwota tariffarja, il-livell tad-dazju antidumping u kompensatorju eżistenti se jiġi sospiż jew jitnaqqas biex jiġi żgurat li l-effett kombinat ta' dawn il-miżuri ma jaqbix l-ogħla livell tad-dazji ta' salvagwardja jew tad-dazji antidumping/kompensatorji fis-seħħ.

5. Durata

- (118) Il-miżuri proviżorji għandhom japplikaw għal 200 jum tal-kalendarju mid-data li fiha jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

XI. ESKLUŻJONIJIET TA' ĊERTI PAJJIŻI MILL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-MIŻURI PROVIŻORJI

- (119) F'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament 2015/478 u mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, il-miżuri proviżorji m'għandhomx japplikaw għal kwalunkwe prodott li joriġina minn pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp sakemm is-sehem mill-importazzjonijiet tiegħu ta' dak il-prodott fl-Unjoni ma jaqbix it-3 %, dment li l-membri tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp tad-WTO b'anqas minn sehem tal-importazzjonijiet ta' 3 % flimkien ma jirrappreżentawx aktar minn 9 % tal-importazzjonijiet totali tal-Unjoni tal-prodott ikkonċernat.

⁽¹⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558.

⁽²⁾ Regolament (UE) 2015/477 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar il-miżuri li l-Unjoni tista' tieħu relattivament għall-effett ikkombinat ta' miżuri kontra d-dumping jew kontra s-sussidji ma' miżuri ta' salvagwardja, ĠU L 83, 27.3.2015, p. 11.

- (120) Id-determinazzjoni preliminari magħmula mill-Kummissjoni turi li l-kategoriji ta' prodotti kkonċernati li joriġinaw minn ċerti pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp jissodisfaw ir-rekwiżiti biex jibbenefikaw mid-deroga msemmija hawn fuq. L-Anness IV (*Lista ta' prodotti li joriġinaw fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp li għalihom japplikaw il-miżuri proviżorji*) jispeċifika l-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Għal kull waħda mit-23 kategorija ta' prodotti dan jindika wkoll il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp li għalihom japplikaw il-miżuri proviżorji. Il-Kummissjoni tqis li f'dan l-istadju jkun xieraq li jiġi kkalkolat il-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fuq il-bażi ta' kull kategorija ta' prodotti peress li l-kwota tar-rata tariffarja hi stabbilita wkoll b'referenza għall-flussi kummerċjali tradizzjonali minn kull kategorija b'mod individwali. Dan huwa mingħajr preġudizzju għal deċiżjonijiet futuri rigward jekk pajjiż ikunx jista' jiġi kkunsidrat bħala pajjiż li qiegħed jiżviluppa.
- (121) Kif stabbilit fil-premessa (80) aktar 'il fuq, fid-dawl tal-integrazzjoni mill-qrib tas-swieq mal-membri taż-ŻEE, taċ-ċifri ġenerali tal-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi, u tar-riskju baxx ta' devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali, il-Kummissjoni tqis li l-prodotti vvalutati li joriġinaw min-Norveġja, mill-Iżlanda u mil-Liechtenstein għandhom jiġu esklużi mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. B'dan il-kwoti tariffarji jinfetħu b'rabta mal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' kull waħda mit-23 kategorija ta' prodotti elenkati fl-Anness I għal perjodu ta' 200 jum mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
2. Il-kwoti tariffarji huma speċifikati fl-Anness V (definiti b'referenza għall-kodiċijiet NM speċifikati b'rabta miegħu).
3. Meta l-kwota tariffarja rilevanti tiġi eżawrita jew meta l-importazzjonijiet tal-kategoriji ta' prodotti ma jibbenefikawx mill-kwota tariffarja rilevanti, għandu jiġi impost dazju addizzjonali bir-rata ta' 25 %. Dak id-dazju addizzjonali għandu japplika għall-valur doganali tal-prodott li jiġi importat.

Artikolu 2

1. L-orijini ta' kwalunkwe prodott li għalih japplika dan ir-Regolament għandha tiġi ddeterminata f'konformità mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ fl-Unjoni b'rabta mal-orijini mhux preferenzjali.
2. Dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet rilevanti dwar id-dazji doganali li huma fis-seħħ.

Artikolu 3

Il-kwoti tariffarji għandhom jiġu ġestiti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri f'konformità mas-sistema ta' ġestjoni għall-kwoti tariffarji pprovduti fl-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447.

Artikolu 4

L-importazzjonijiet tal-kategoriji ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 1, li diġà jkunu fi triqithom lejn l-Unjoni fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u lid-destinazzjoni tagħhom ma tistax titbiddel, m'għandhomx ikunu attribiti għall-kwoti tariffarji, jew soġġetti għad-dazju addizzjonali speċifikat fl-Artikolu 1, u jistgħu jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera.

Artikolu 5

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw flimkien biex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

1. Soġġetti għall-paragrafu 2, l-importazzjonijiet tat-23 kategorija ta' prodotti speċifikati fl-Anness I li joriġinaw minn wieħed mill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp m'għandhomx ikunu soġġetti għall-kwoti tariffarji, kif speċifikat fl-Anness IV, jew soġġetti għad-dazju addizzjonali msemmi fl-Artikolu 1.
2. Għal kull waħda mit-23 kategorija ta' prodotti, l-Anness IV jispeċifika l-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp oriġinarji li għandhom ikunu soġġetti għall-miżuri stipulati fl-Artikolu 1.

Artikolu 7

Prodotti li joriġinaw min-Norveġja, mill-Iżlanda, u mil-Liechtenstein m'għandhomx ikunu soġġetti għall-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 1.

Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Lulju 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX I - Prodotti kkonċernati

Numru tal-Prodott	Kategorija tal-prodott	Kodiċi NM
1	Folji u Strixxi Mhux Illigati u Oħrajn Illigati Illaminati bis-Shana	7208 10 00, 7208 25 00, 7208 26 00, 7208 27 00, 7208 36 00, 7208 37 00, 7208 38 00, 7208 39 00, 7208 40 00, 7208 52 10, 7208 52 99, 7208 53 10, 7208 53 90, 7208 54 00, 7211 13 00, 7211 14 00, 7211 19 00, 7212 60 00, 7225 19 10, 7225 30 10, 7225 30 30, 7225 30 90, 7225 40 15, 7225 40 90, 7226 19 10, 7226 91 20, 7226 91 91, 7226 91 99
2	Folji Mhux Illigati u Oħrajn Illigati Illaminati bil-Kesħa	7209 15 00, 7209 16 90, 7209 17 90, 7209 18 91, 7209 25 00, 7209 26 90, 7209 27 90, 7209 28 90, 7209 90 20, 7209 90 80, 7211 23 20, 7211 23 30, 7211 23 80, 7211 29 00, 7211 90 20, 7211 90 80, 7225 50 20, 7225 50 80, 7225 99 00, 7226 20 00, 7226 92 00
3	Folji Elettriċi (għajr GOES)	7209 16 10, 7209 17 10, 7209 18 10, 7209 26 10, 7209 27 10, 7209 28 10, 7225 19 90, 7226 19 80
4	Folji Miksija Metalliċi	7210 20 00, 7210 30 00, 7210 41 00, 7210 49 00, 7210 61 00, 7210 69 00, 7210 90 80, 7212 20 00, 7212 30 00, 7212 50 20, 7212 50 30, 7212 50 40, 7212 50 61, 7212 50 69, 7212 50 90, 7225 91 00, 7225 92 00, 7226 99 10, 7226 99 30, 7226 99 70
5	Folji Miksija Organiċi	7210 70 80, 7212 40 80
6	Prodotti stanjati	7209 18 99, 7210 11 00, 7210 12 20, 7210 12 80, 7210 50 00, 7210 70 10, 7210 90 40, 7212 10 10, 7212 10 90, 7212 40 20
7	Pjanċi Kwarto Mhux Illigati u Oħrajn Illigati	7208 51 20, 7208 51 91, 7208 51 98, 7208 52 91, 7208 90 20, 7208 90 80, 7210 90 30, 7225 40 12, 7225 40 40, 7225 40 60
8	Folji u Strixxi Stainless Illaminati bis-Shana	7219 11 00, 7219 12 10, 7219 12 90, 7219 13 10, 7219 13 90, 7219 14 10, 7219 14 90, 7219 22 10, 7219 22 90, 7219 23 00, 7219 24 00, 7220 11 00, 7220 12 00
9	Folji u Strixxi Stainless Illaminati bil-Kesħa	7219 31 00, 7219 32 10, 7219 32 90, 7219 33 10, 7219 33 90, 7219 34 10, 7219 34 90, 7219 35 10, 7219 35 90, 7219 90 20, 7219 90 80, 7220 20 21, 7220 20 29, 7220 20 41, 7220 20 49, 7220 20 81, 7220 20 89, 7220 90 20, 7220 90 80
12	Forom tal-Metall u Forom Ħfief Mhux Illigati u Oħrajn Illigati	7214 30 00, 7214 91 10, 7214 91 90, 7214 99 31, 7214 99 39, 7214 99 50, 7214 99 71, 7214 99 79, 7214 99 95, 7215 90 00, 7216 10 00, 7216 21 00, 7216 22 00, 7216 40 10, 7216 40 90, 7216 50 10, 7216 50 91, 7216 50 99, 7216 99 00, 7228 10 20, 7228 20 10, 7228 20 91, 7228 30 20, 7228 30 41, 7228 30 49, 7228 30 61, 7228 30 69, 7228 30 70, 7228 30 89, 7228 60 20, 7228 60 80, 7228 70 10, 7228 70 90, 7228 80 00
13	Vireg tar-rinforz	7214 20 00, 7214 99 10
14	Bars Stainless u Forom Ħfief	7222 11 11, 7222 11 19, 7222 11 81, 7222 11 89, 7222 19 10, 7222 19 90, 7222 20 11, 7222 20 19, 7222 20 21, 7222 20 29, 7222 20 31, 7222 20 39, 7222 20 81, 7222 20 89, 7222 30 51, 7222 30 91, 7222 30 97, 7222 40 10, 7222 40 50, 7222 40 90
15	Virga tal-Wajer Stainless	7221 00 10, 7221 00 90
16	Virga tal-Wajer Mhux Illigati u Oħrajn Illigati	7213 10 00, 7213 20 00, 7213 91 10, 7213 91 20, 7213 91 41, 7213 91 49, 7213 91 70, 7213 91 90, 7213 99 10, 7213 99 90, 7227 10 00, 7227 20 00, 7227 90 10, 7227 90 50, 7227 90 95

Numru tal-Prodott	Kategorija tal-prodott	Kodiċi NM
17	Angoli, Forom u Qatgħat tal-Hadid jew tal-Azzar Mhux Illigat	7216 31 10, 7216 31 90, 7216 32 11, 7216 32 19, 7216 32 91, 7216 32 99, 7216 33 10, 7216 33 90
18	Gzuz ta' Pjanċi	7301 10 00
20	Pajpijiet tal-gass	7306 30 41, 7306 30 49, 7306 30 72, 7306 30 77
21	Pajpijiet vojta minn ġewwa	7306 61 10, 7306 61 92, 7306 61 99
22	Tubi u Pajpijiet Stainless Seamless	7304 11 00, 7304 22 00, 7304 24 00, 7304 41 00, 7304 49 10, 7304 49 93, 7304 49 95, 7304 49 99
23	Tubi u Pajpijiet tal-Irfigħ	7304 51 12, 7304 51 18, 7304 59 32, 7304 59 38
25	Tubi kbar iwweldjati	7305 11 00, 7305 12 00, 7305 19 00, 7305 20 00, 7305 31 00, 7305 39 00, 7305 90 00
26	Pajpijiet Iwweldjati Oħra	7306 11 10, 7306 11 90, 7306 19 10, 7306 19 90, 7306 21 00, 7306 29 00, 7306 30 11, 7306 30 19, 7306 30 80, 7306 40 20, 7306 40 80, 7306 50 20, 7306 50 80, 7306 69 10, 7306 69 90, 7306 90 00
28	Wajer Mhux Illigat	7217 10 10, 7217 10 31, 7217 10 39, 7217 10 50, 7217 10 90, 7217 20 10, 7217 20 30, 7217 20 50, 7217 20 90, 7217 30 41, 7217 30 49, 7217 30 50, 7217 30 90, 7217 90 20, 7217 90 50, 7217 90 90

ANNEX II

II.1 - Tkabbir fl-importazzjonijiet għat-23 kategorija ta' prodotti (f'tunnellati)

Numru tal-Prodott	Kategorija tal-prodott	2013	2014	2015	2016	2017	tkabbir fl-2017 meta mqabbla mal-2013
1	Folji u Strixxi Mhux Illigati u Oħrajn Illigati Illaminati bis-Sšana	4 814 207	5 212 268	7 807 441	8 574 007	6 991 376	45 %
2	Folji Mhux Illigati u Oħrajn Illigati Illaminati bil-Kesħa	1 832 159	1 903 092	2 759 877	1 998 437	2 462 471	34 %
3	Folji Elettriċi (għajr GOES)	266 559	285 132	280 256	318 496	379 649	42 %
4	Folji Miksija Metalliċi	1 854 963	2 202 856	2 687 715	3 911 752	4 980 452	168 %
5	Folji Miksija Organiċi	681 698	725 296	622 553	730 625	915 248	34 %
6	Prodotti stanjati	552 384	662 861	638 316	756 016	617 567	12 %
7	Pjanċi Kwarto Mhux Illigati u Oħrajn Illigati	1 419 767	1 959 605	2 554 930	2 814 802	2 530 630	78 %
8	Folji u Strixxi Stainless Illaminati bis-Sšana	175 836	233 028	269 697	351 075	436 173	148 %
9	Folji u Strixxi Stainless Illaminati bil-Kesħa	697 457	1 017 613	787 521	843 352	976 108	40 %
12	Forom tal-Metall u Forom Ħfief Mhux Illigati u Oħrajn Illigati	911 115	1 219 800	1 200 627	1 400 824	1 385 829	52 %
13	Vireg tar-rinforz	527 008	972 602	1 430 014	1 292 971	1 191 445	126 %
14	Bars Stainless u Forom Ħfief	113 071	147 453	142 416	147 811	159 577	41 %
15	Virga tal-Wajer Stainless	52 082	71 229	57 627	58 670	62 978	21 %
16	Virga tal-Wajer Mhux Illigati u Oħrajn Illigati	1 125 730	1 289 953	1 697 912	2 000 967	2 094 274	86 %
17	Angoli, Forom u Qatgħat tal-Hadid jew tal-Azzar Mhux Illigat	223 669	277 507	268 014	388 041	262 745	17 %
18	Gzuz ta' Pjanċi	15 870	16 503	14 051	36 970	85 054	436 %
20	Pajpijiet tal-gass	266 467	340 051	298 103	336 050	380 257	43 %
21	Pajpijiet vojta minn ġewwa	461 263	552 874	574 490	725 545	820 667	78 %
22	Tubi u Pajpijiet Stainless Seamless	32 581	38 782	39 719	42 510	42 701	31 %
23	Tubi u Pajpijiet tal-Irfigħ	7 489	9 426	11 944	9 773	8 663	16 %
25	Tubi kbar iwweldjati	286 939	411 273	209 524	159 219	1 044 534	264 %

Numru tal-Prodott	Kategorija tal-prodott	2013	2014	2015	2016	2017	tkabbir fl-2017 meta mqabbla mal-2013
26	Pajpijiet Iwweldjati Oħra	474 949	491 934	510 548	540 386	571 167	20 %
28	Wajer Mhux Illigat	573 988	722 719	692 714	736 500	722 633	26 %

II.2 - Tkabbir fl-importazzjonijiet għat-23 kategorija ta' prodotti (f'tunnellati)

Numru tal-Prodott	Kategorija tal-prodott	L-ewwel trimestru tal-2017	Q1208	tkabbir fl-ewwel trimestru tal-2017 vs l-ewwel trimestru tal-2018
1	Folji u Strixxi Mhux Illigati u Oħrajn Illigati Illaminati bis-Shana	1 810 764	2 079 408	15 %
2	Folji Mhux Illigati u Oħrajn Illigati Illaminati bil-Kesħa	679 628	630 459	- 7 %
3	Folji Elettriċi (għajr GOES)	80 836	114 451	42 %
4	Folji Miksija Metalliċi	1 482 049	1 190 741	- 20 %
5	Folji Miksija Organiċi	212 209	201 838	- 5 %
6	Prodotti stanjati	146 457	168 583	15 %
7	Pjanċi Kwarto Mhux Illigati u Oħrajn Illigati	676 207	640 176	- 5 %
8	Folji u Strixxi Stainless Illaminati bis-Shana	122 092	107 577	- 12 %
9	Folji u Strixxi Stainless Illaminati bil-Kesħa	229 981	280 549	22 %
12	Forom tal-Metall u Forom Ħfief Mhux Illigati u Oħrajn Illigati	319 420	466 154	46 %
13	Vireg tar-rinforz	210 505	551 316	162 %
14	Bars Stainless u Forom Ħfief	40 602	49 988	23 %
15	Virga tal-Wajer Stainless	14 956	19 642	31 %
16	Virga tal-Wajer Mhux Illigati u Oħrajn Illigati	560 863	641 668	14 %
17	Angoli, Forom u Qatgħat tal-Hadid jew tal-Azzar Mhux Illigati	73 733	139 670	89 %
18	Gzuz ta' Pjanċi	19 947	20 326	2 %
20	Pajpijiet tal-gass	94 430	120 512	28 %
21	Pajpijiet vojta minn għewwa	223 618	256 998	15 %
22	Tubi u Pajpijiet Stainless Seamless	12 411	12 399	0 %
23	Tubi u Pajpijiet tal-Irfigħ	1 316	1 498	14 %
25	Tubi kbar iwweldjati	48 791	51 285	5 %
26	Pajpijiet Iwweldjati Oħra	145 059	153 106	6 %
28	Wajer Mhux Illigat	176 299	202 450	15 %

II.3 - Tkabbir fl-importazzjonijiet għall-5 kategoriji ta' prodotti (f'tunnellati)

Numru tal-Prodott	Kategorija tal-prodott	2013	2014	2015	2016	2017	tkabbir fl-2017 meta mqabbla mal-2013
10	Pjanċa Quarto Stainless Illuminata bis-Sħana	34 319	40 218	37 542	31 407	32 917	- 4 %
11	Folja elettrika bil-vina orjentata	147 565	160 580	150 047	156 477	121 947	- 17 %
19	Materjali tal-Ferrovija	1 376	1 096	1 240	1 521	1 342	- 2 %
24	Tubi Seamless Oħra	456 167	528 245	475 132	464 876	402 600	- 12 %
27	Żbarri Mhux Illigati u Oħrajn Illigati b'Finitura bil-Kesħa	456 791	521 976	484 927	459 327	458 310	0 %

ANNEX III – Indikaturi ekonomiċi għat-23 kategorija ta' prodotti

Prodott 1 Folji u Strixxi Mhux Illigati u Oħrajn Illigati Illaminati bis-Šhana

Data għal kull Sena tal-Kalendarju	2013	2014	2015	2016	2017
<i>Konsum (tunnellati)</i>	30 225 632	31 095 524	33 121 273	34 158 703	32 768 375
<i>Importazzjonijiet</i>					
Volum (tunnellati)	4 814 207	5 212 268	7 807 441	8 574 007	6 991 376
Sehem mis-suq (%)	15,9 %	16,8 %	23,6 %	25,1 %	21,3 %
Prezzijiet tal-unità (Euro/tunnellata)	463	442	396	351	492
<i>Sitwazzjoni tal-produtturi tal-UE</i>					
Użu tal-kapaċità (%)	75 %	75 %	76 %	75 %	76 %
Produzzjoni (tunnellati)	76 871 621	77 990 908	77 331 686	77 563 694	79 568 514
Volum ta' bejgħ fl-UE (tunnellati)	25 411 425	25 883 256	25 313 832	25 584 696	25 776 999
